2024/2493

27.9.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2493

tat-23 ta' Settembru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 rigward l-aġġornament tal-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 30f(5) tagħha,

Billi,

(1) Id-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni (EU ETS) ġiet riveduta u emendata bid-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) biex tiġi allinjata mar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) li jistabbilixxi mira ta' tnaqqis ta' mill-anqas 55 % tal-emissjonijiet netti sal-2030 meta mqabbel mal-1990.

(2) Wara l-emenda tad-Direttiva 2003/87/KE bid-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u d-Direttiva (UE) 2023/959, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ([5]) jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq biex jinkorpora d-definizzjonijiet meħtieġa u l-arranġamenti dettaljati għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet minn karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u karburanti tal-karbonju riċiklat u wkoll biex jiġi żgurat allinjament xieraq mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet serra stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet mit-trasport tas-CO_2 b'mezzi oħra għajr il-pipelines għall-ħżin ġeoloġiku, l-emissjonijiet mill-avjazzjoni inkluż il-monitoraġġ u r-rapportar tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, l-emissjonijiet mis-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, għat-trasport bit-triq u għall-industrija li ma taqax taħt l-ETS.

(3) Skont l-iskema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali, huwa meħtieġ li d-definizzjoni ta' "konsumatur finali" fl-Artikolu 3(69) tipprevedi referenza aktar speċifika għad-definizzjoni ta' entità regolata fl-Artikolu 3(ae) tad-Direttiva 2003/87/KE.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134, ELI:). http://data.europa.eu/eli/dir/2023/959/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1119/oj).

([4]) Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 115, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/958/oj).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2066/oj).

([6]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/oj).

(4) L-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jenħtieġ li jiġi emendat biex jirrifletti li l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rapportar għandha tkopri l-emissjonijiet kollha tal-proċess u l-kombustjoni tal-installazzjoni stazzjonarja, mis-sorsi ta' emissjonijiet u mill-flussi mis-sorsi kollha li jagħmlu parti mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE u attivitajiet oħrajn assoċjati direttament f'konformità mal-Artikolu 3(e) ta' dik id-Direttiva.

(5) Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-bijomassa, dwar il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBOs, renewable fuels of non-biological origin), dwar il-karburanti tal-karbonju riċiklat (RCFs, recycled carbon fuels), u dwar il-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju u biex jiġi ffaċilitat ir-rapportar nazzjonali skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), l-operaturi jenħtieġ li jimmonitorjaw u jirrapportaw l-emissjonijiet mill-frazzjoni tal-karbonju mingħajr klassifikazzjoni żero kif ukoll bi klassifikazzjoni żero ta' dawn il-karburanti bħala element ta' memo fir-rapporti dwar l-emissjonijiet. Għal dak l-għan, il-parametri li jikkonċernaw il-bijomassa mingħajr klassifikazzjoni żero kif ukoll bi klassifikazzjoni żero, l-RFNBOs u l-RCFs, jew il-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju jenħtieġ li jiġu ddeterminati u rrapportati għal kull fluss minn sors korrispondenti skont il-metodoloġija standard għall-kalkolu skont l-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 u s-sistema ta' bilanċ tal-massa skont l-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament. Huma meħtieġa regoli speċifiċi dwar id-determinazzjoni ta' fatturi ta' kalkolu relatati mal-kompożizzjoni li jikkonċernaw bijomassa mingħajr klassifikazzjoni żero kif ukoll bi klassifikazzjoni żero, l-RFNBOs u l-RCFs, u karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju, inkluża l-frazzjoni tal-karbonju mingħajr klassifikazzjoni żero kif ukoll bi klassifikazzjoni żero.

(6) Sabiex tiġi evitata sottovalutazzjoni sistematika tal-emissjonijiet totali fis-sistema ta' bilanċ tal-massa meta jkun hemm karbonju mhux bi klassifikazzjoni żero fil-flussi tal-input u tal-output, huwa importanti li l-operaturi jiddeterminaw il-kontenut tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero tal-flussi tal-output. Hija meħtieġa evidenza ċara biex jintwera li ġiet evitata sottovalutazzjoni u li l-massa totali tal-frazzjonijiet tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero fil-materjali tal-output tkun ekwivalenti għall-massa totali tal-frazzjonijiet tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero li tinsab fil-materjali tal-input.

(7) Id-Direttiva 2003/87/KE, kif riveduta mid-Direttiva (UE) 2023/959, tispeċifika li l-fattur ta' emissjoni tal-bijomassa jkun żero jekk il-bijomassa tikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-użu tal-karburanti tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001, filwaqt li jitqies kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE, kif stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 14 ta' dik id-Direttiva. Sabiex jiġu ċċarati l-kundizzjonijiet li skonthom l-emissjonijiet tal-bijomassa jistgħu jiġu kklassifikati żero u biex ikun hemm allinjament mad-Direttiva (UE) 2018/2001 riveduta, l-Artikolu 38(5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jenħtieġ li jiġi emendat. Fejn il-kriterji rilevanti ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ma japplikawx għal tip speċifiku ta' bijomassa, dik il-bijomassa tista' tiġi kklassifikata żero direttament. Madankollu, f'dan il-każ, l-operaturi xorta jenħtieġ li juru li l-kriterji mhumiex applikabbli. Il-valutazzjoni tal-prova tal-applikabbiltà u tal-prova tas-sostenibbiltà hija parti essenzjali mill-verifika fejn il-verifikatur jivverifika l-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija ta' monitoraġġ, inkluża l-klassifikazzjoni żero tal-bijomassa. Meta japplikaw il-kriterji għas-sostenibbiltà u għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10), hija meħtieġa l-konformità ma' dawn il-kriterji għall-klassifikazzjoni żero. Il-bijomassa li ma tikkonformax mal-kriterji f'dan il-każ jenħtieġ li tiġi ttrattata bħala karburant fossili. Il-klassifikazzjoni żero tal-emissjonijiet skont l-EU ETS hija distinta mill-iskemi ta' appoġġ definiti fl-Artikolu 2, il-punt (5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

(8) L-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 emendata tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) jistabbilixxi bażi tad-*data* tal-Unjoni li permezz tagħha huwa possibbli t-traċċar ta' karburanti rinnovabbli likwidi u gassuż, karburanti tal-karbonju riċiklat u karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju ("il-Bażi tad-*data* tal-Unjoni"). Sal-21 ta' Novembru 2024, il-Bażi tad-*data* tal-Unjoni jenħtieġ li tkun kompletament operattiva. Meta tkun meħtieġa l-konformità mal-kriterji għas-sostenibbiltà u għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29, il-paragrafi (2) sa (7) u (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għall-bijomassa, u l-Artikolu 29a ta' dik id-Direttiva, għall-karburanti rinnovabbli likwidi u gassuż u l-RCFs, jenħtieġ li l-prova tas-sostenibbiltà tingħata f'konformità mal-Artikolu 30 u 31 ta' dik id-Direttiva. Sabiex jiġi ffaċilitat dan il-proċess u jitnaqqas il-piż

([7]) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1999/oj).

([8]) Id-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li thassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 (ĠU L, 2023/2413, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/2413/oj).

amministrattiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddependu fuq l-evidenza pprovduta mill-operaturi tal-EU ETS, mill-operaturi ta' inġenji tal-ajru u mill-entitajiet regolati mill-Bażi tad-*Data* tal-Unjoni dwar it-tranżazzjonijiet relatati ma' kwalunkwe ammont ta' karburant li jkun inxtara u ntuża matul is-sena ta' rapportar u li jkun ġie konness mal-kanċellazzjoni tal-kwantità rispettiva fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità sussegwenti rigward il-prova tas-sostenibbiltà tal-kwantitajiet ikkanċellati fil-bażijiet tad-*data*, l-awtorità kompetenti għandha tikkoreġi l-emissjonijiet ivverifikati kif xieraq.

(9) Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, il-kampjunar għandu jkun rappreżentattiv għal-lott speċifiku u jkun ħieles mill-preġudizzju. Fejn jintuża kampjunar kontinwu tal-fluss tal-gass mit-tromba ta' ċumnija, il-frekwenza tal-analiżi jenħtieġ li tiġi allinjata ma' dan il-proċess u tkopri s-sena ta' rapportar kollha mingħajr interruzzjoni.

(10) Id-Direttiva (UE) 2023/959 estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE għar-raffinar ta' kwalunkwe żejt, il-produzzjoni ta' kwalunkwe ħadid, il-produzzjoni tal-alumina, il-produzzjoni tal-idroġenu u t-trasport tas-CO_2 permezz ta' mezzi oħra għajr il-pajpijiet. Sabiex jiġi żgurat l-allinjament mal-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, jeħtieġ li l-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jiġu aġġornati.

(11) Id-Direttiva 2003/87/KE tirrikonoxxi r-rwol potenzjali tal-RCFs u tal-RFNBOs għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'setturi li diffiċli jiġu dekarbonizzati. Biex jikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni, l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom jeħtieġ li jissodisfa l-iffrankar minimu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbilit fl-Artikolu 29a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u jiġi kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-att adottat skont dak l-Artikolu.

(12) L-RCFs jew l-RFNBOs li fihom il-karbonju fil-kompożizzjoni kimika tagħhom, bħall-e-kerosin jew l-e-metanol, jeħtieġu materja prima tal-karbonju għall-produzzjoni tagħhom. Sakemm l-istadji kollha tal-ħajja ta' prodott, li fih jintuża l-karbonju maqbud, ikunu soġġetti għall-ipprezzar tal-karbonju, b'mod partikolari fl-istadju tal-inċinerazzjoni tal-iskart, id-dipendenza fuq il-kontabbiltà għall-emissjonijiet fil-punt tar-rilaxx tagħhom mill-prodotti fl-atmosfera tirriżulta f'sottovalutazzjoni tal-emissjonijiet. Fejn l-RFNBOs jew l-RCFs jiġu prodotti minn CO_2 maqbud taħt attività koperta mid-Direttiva 2003/87/KE, l-emissjonijiet jenħtieġ li jitqiesu taħt dik l-attività. Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju u li jkun meħtieġ pagament doppju għall-istess emissjonijiet, l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-RCFs u l-RFNBOs li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 jenħtieġ li jkollhom fattur tal-emissjonijiet ta' żero.

(13) Il-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju jridu jikkonformaw mal-kriterji tal-iffrankar tal-gassijiet serra previsti fl-Artikolu 2, il-punt 13 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu. Il-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju jeħtieġu materja prima tal-karbonju għall-produzzjoni tagħhom. Soġġett għal rieżami fir-rigward tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero maħruq f'installazzjonijiet li huma eżentati mill-EU ETS minħabba l-użu għoli tagħhom tal-bijomassa skont il-punt 1 tal-Anness I, biex jiġi evitat l-għadd doppju fl-EU ETS f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066, jekk il-kontenut tal-karbonju tal-karburanti jirriżulta mill-EU ETS u għalhekk ikun ġie kkunsidrat, inkluż meta l-fattur tal-emissjonijiet tiegħu jkun żero, l-emissjonijiet mill-karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju jenħtieġ li jiġu klassifikati żero. L-emissjonijiet li jirriżultaw minn karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju b'kontenut ieħor ta' karbonju jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala l-ekwivalenti ta' karburanti fossili tagħhom. Meħtieġ li jiġu previsti regoli għad-determinazzjoni tal-frazzjoni ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero.

(14) L-RCFs jew l-RFNBOs li ma jissodisfawx l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbilit fl-Artikolu 29a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jitqiesu li ma jwasslux għal biżżejjed iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-karburanti fossili. Għalhekk, l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-kombustjoni ta' tali RCFs jew RFNBOs jenħtieġ li jiġu trattati bħala l-ekwivalenti tal-karburanti fossili tagħhom. Peress li l-karburanti fossili jistgħu jitħalltu mal-RCFs jew mal-RFNBOs, jeħtieġ li jiġu pprovduti regoli għad-determinazzjoni tal-frazzjoni tal-RCF jew tal-RFNBO bi klassifikazzjoni żero.

(15) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jenħtieġ li jiddetermina l-metodoloġija ta' monitoraġġ li jenħtieġ li tiġi applikata għall-emissjonijiet mill-RFNBOs, l-RCFs jew il-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero. Id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jiġu inklużi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet totali tal-RFNBOs, l-RCFs u l-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero, fil-każ meta l-operatur juża l-metodoloġija bbażata għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet totali tas-CO_2. Meta jfasslu l-iskemi ta' appoġġ għall-karburanti rinnovabbli jew b'livell baxx ta' karbonju, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jispeċifikaw kif jinċentivaw id-diversi RFNBOs, RCFs jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju.

(16) Barra minn hekk, meta tiġi applikata l-metodoloġija bbażata fuq il-kejl għall-karburanti u l-materjali li fihom il-bijomassa, jenħtieġ li jiżdiedu l-kundizzjonijiet meta l-frazzjoni tal-bijomassa tkun ugwali għall-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero. Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll kjarifiki meta dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux issodisfati u f'każ bħal dan, jenħtieġ li l-operatur isegwi d-dispożizzjonijiet użati relatati ma' approċċ ibbażat fuq il-kalkolu.

(17) Meta l-metodoloġija proposta tal-installazzjoni tinvolvi kampjunar kontinwu mill-fluss tal-gass mit-tromba ta' ċumnija, u fl-istess ħin l-installazzjoni stazzjonarja tikkonsma gass naturali mill-grilja, biex jiġi evitat għadd doppju, is-CO_2 li joriġina mill-bijogass jenħtieġ li jiġi ddeterminat permezz ta' analiżi tal-laboratorju u dan l-ammont jenħtieġ li jitnaqqas rispettivament mit-total ta' CO_2 bi klassifikazzjoni żero ddeterminat qabel b'approċċ ibbażat fuq il-kalkolu.

(18) Id-Direttiva 2003/87/KE ma tirrikonoxxix l-emissjonijiet ta' gassijiet serra negattivi. Sabiex tiġi evitata l-ġenerazzjoni ta' emissjonijiet negattivi, jenħtieġ li operatur ma jnaqqasx mill-emissjonijiet tiegħu l-ebda CO_2 li joriġina minn karburanti bi klassifikazzjoni żero. Fil-każ tal-qbid ta' emissjonijiet minn taħlita ta' sorsi bi klassifikazzjoni żero u mingħajr klassifikazzjoni żero, biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u s-sempliċità, il-kwantità ta' CO_2 li tirriżulta minn sorsi mingħajr klassifikazzjoni żero li tista' titnaqqas mill-emissjonijiet tal-operatur jenħtieġ li tiġi stabbilita abbażi tal-proporzjon tal-emissjonijiet bi klassifikazzjoni żero u mingħajr klassifikazzjoni żero.

(19) L-attivitajiet "trasport ta' gassijiet serra għall-ħżin ġeoloġiku", u "ħżin ġeoloġiku tal-gassijiet serra", fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, ikopru s-CO_2 kollu ttrasportat u maħżun f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE, irrispettivament mill-oriġini ġeografika u fiżika tas-CO_2. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe lakuna fil-qafas ta' monitoraġġ u rapportar u biex jiġu pprovduti l-inċentivi għall-operaturi tal-infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 jew tas-siti tal-ħżin tas-CO_2 biex jimminimizzaw it-tnixxijiet, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li dawn l-operaturi jenħtieġ li jimmonitorjaw u jirrapportaw kwalunkwe emissjoni mis-CO_2 kollu għall-ħżin ġeoloġiku fil-kustodja tagħhom, inkluż jekk joriġinaw minn attivitajiet barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

(20) Peress li s-CO_2 għall-ħżin ġeoloġiku huwa mistenni li jiġi ttrasportat b'diversi modi, id-Direttiva (UE) 2023/959 estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-attività "trasport ta' gassijiet serra għall-ħżin ġeoloġiku" fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE għal kwalunkwe mezz ta' trasport. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu riveduti d-dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ u rapportar relatati mal-attività tat-trasport tas-CO_2 biex jiġi żgurat li dawn ikunu applikabbli għal infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 ibbażata fuq kwalunkwe mezz ta' trasport. Fejn mezz ta' trasport ikun kopert ukoll minn attività oħra skont id-Direttiva 2003/87/KE, biex jiġi evitat l-għadd doppju tal-emissjonijiet, l-emissjonijiet koperti mill-attività l-oħra skont dik id-Direttiva jenħtieġ li jiġu eskluži mill-konfini tal-attività tat-trasport tas-CO_2.

(21) It-trasport tas-CO_2 għall-ħżin ġeoloġiku jista' jsir fuq distanzi twal. Għalhekk, is-CO_2 jista' jkun fi tranżitu għal perjodi twal. F'każijiet bħal dawn, huwa xieraq li l-operatur tal-infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 jingħata l-flessibbiltà li jnaqqas mill-emissjonijiet li għandhom jiġu rrapportati f'sena partikolari kwalunkwe ammont ta' CO_2 li jkun għadu fi tranżitu sal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena, dment li l-vjeġġ tas-CO_2 jasal fid-destinazzjoni tiegħu u jiġi ttrasferit għal sit tal-ħżin jew għal installazzjoni oħra tal-EU ETS mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

(22) Id-Direttiva 2003/87/KE riveduta emendat id-definizzjoni ta' emissjonijiet biex tinkludi wkoll gassijiet serra li ma jiġux rilaxxati direttament fl-atmosfera. Għalhekk, jenħtieġ li dawn jitqiesu wkoll bħala emissjonijiet skont l-EU ETS, sakemm ma jkunux maħżuna f'sit tal-ħżin f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE jew ma jkunux kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott b'tali mod li f'użu normali ma jidħlux fl-atmosfera, u ma jidħlux fl-atmosfera taħt xi attività normali li sseħħ wara tmiem il-ħajja tal-prodott. B'konsegwenza ta' dan, l-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jeħtieġ li jiġu aġġornati kif xieraq biex iqisu l-gassijiet serra rilaxxati b'modi oħra għajr direttament fl-atmosfera, filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju tal-emissjonijiet fejn il-gassijiet serra li ma jiġux rilaxxati direttament fl-atmosfera jerġgħu jintużaw fl-istess installazzjoni jew f'installazzjonijiet oħra tal-EU ETS. Sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn għall-installazzjonijiet affettwati minn dawn il-bidliet, l-applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li tiġi posposta sal-1 ta' Jannar 2025 biex ikun hemm biżżejjed żmien għall-adattamenti meħtieġa.

(23) Meta jiġi ddeterminat il-fattur ta' ossidazzjoni jew ta' konverżjoni ta' fluss minn sors, il-monossidu tal-karbonju (CO) rilaxxat fl-atmosfera għandu jitqies bħala l-ammont molari ekwivalenti ta' CO_2. CO li b'xi mod ieħor jiġi ttrasferit fi prodott jew bħala materja prima ma jitqiesx bħala emissjoni skont il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE.

(24) L-Artikolu 12(3b) tad-Direttiva 2003/87/KE jipprevedi li l-kwoti ma għandhomx għalfejn jiġu ċeduti għal gassijiet serra li jitqiesu li jkunu nqabdu u ntużaw b'tali mod li jkunu saru kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott b'tali mod li ma jidħlux fl-atmosfera taħt użu normali, inkluża kwalunkwe attività normali li sseħħ wara t-tmiem tal-ħajja tal-prodott. Jeħtieġ li tiġi inkluża dispożizzjoni ġenerali għall-operaturi biex jiddeterminaw u jnaqqsu mill-emissjonijiet tagħhom l-ammont ta' CO_2 meqjus li huwa kimikament marbut b'mod permanenti fi prodott elenkat fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 12(3b) tad-Direttiva 2003/87/KE, li jissostitwixxi d-dispożizzjoni li ppermettiet it-tnaqqis tas-CO_2 meqjus kimikament marbut mal-karbonat tal-kalċju preċipitat.

(25) Wara li kkunsidra l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, il-qafas ta' monitoraġġ, rapportar u verifika (MRV) tal-effetti mhux tas-CO_2 jikkostitwixxi eżerċizzju awtonomu u distint mill-ipprezzar tal-karbonju. L-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE dwar l-impatt u s-soluzzjonijiet teknoloġiċi tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 ilhom għaddejjin mill-1994 u jenħtieġ li jkomplu. Minħabba l-inċertezzi dwar l-impatti tal-effetti mhux tas-CO_2, huwa kruċjali li l-MRV dwar l-effetti mhux tas-CO_2 jinbeda bil-ħsieb li tiġi żgurata l-validazzjoni xjentifika tal-impatti.

(26) L-operaturi ta' inġenji tal-ajru għandhom jimmonitorjaw l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 li jseħħu mill-1 ta' Jannar 2025, mill-attivitajiet imwettqa minn ajruplani mgħammra b'magni ġett, li jippermettu l-kalkolu ta' ekwivalenti ta' CO_2 (CO_2(e)) għal kull titjira. L-operaturi ta' inġenji tal-ajru jenħtieġ li jirrapportaw dawk l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 darba fis-sena. Madankollu, biex jiġi ffaċilitat il-bidu tal-MRV għall-effetti mhux tas-CO_2, fl-2025 u fl-2026, filwaqt li r-rapportar jista' jkopri r-rotot kollha, tali rapportar għandu jkun meħtieġ biss fir-rigward ta' rotot li jinvolvu żewġ ajrudromi li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), u rotot minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE li jitlaq lejn l-Iżvizzera jew lejn ir-Renju Unit. Fir-rigward tal-2025 u l-2026, ir-rapportar tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 li jseħħu minn titjiriet oħra huwa possibbli.

(27) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv, l-operaturi ta' inġenji tal-ajru għandhom jipprovdu pjan uniku ta' monitoraġġ għall-emissjonijiet tas-CO_2 u għall-effetti mhux tas-CO_2.

(28) Il-kalkolu tas-CO_2(e) għal kull titjira jenħtieġ li jsir bl-użu tal-metrika ta' Potenzjal ta' Tisħin Globali (GWP) fi tliet perjodi ta' żmien GWP_{20}, GWP_{50} u GWP_{100}, biex jinftiehmu aħjar dawk l-impatti fuq il-klima, bl-applikazzjoni tal-effikaċja, kif definit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, u s-sistema ta' trekkjar tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 (NEATS) tal-Kummissjoni, biex tiġi rfinata l-metrika tal-GWP.

(29) Sabiex jiġi kkalkulat is-CO_2(e) għall-effetti mhux tas-CO_2, l-operaturi ta' inġenji tal-ajru għandhom jużaw approċċ tal-kalkolu tas-CO_2(e). Dan l-approċċ jinkludi moduli għall-istima tal-ħruq tal-karburant u emissjonijiet differenti (NOx, CO, HC), mudelli li jikkalkulaw is-CO_2(e) bl-użu tad-*data* tal-input u l-valuri prestabbiliti kif deskritt fl-Anness IIIa u l-Anness IIIb tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, fejn ikun hemm lakuni fid-*data*.

(30) Sabiex jiġi evitat li jiġi inċentivat in-nuqqas ta' rapportar, jistgħu jintużaw valuri prestabbiliti konservattivi. Meta d-*data* miksuba mill-operatur ta' inġenju tal-ajru ma tkunx disponibbli, ix-xogħol jeħtieġ li jkompli jippermetti r-rapportar tal-valuri mkejla, abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli. Id-dipendenza fuq valuri prestabbiliti tnaqqas il-preċiżjoni tad-*data*.

(31) Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza li jiġu pprovduti għodod xierqa biex jiġi limitat l-isforz amministrattiv tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, l-operaturi ta' inġenji tal-ajru jistgħu jiddependu fuq l-għodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni, in-NEATS, ipprovduta mill-Kummissjoni. L-operaturi ta' inġenji tal-ajru jistgħu jagħżlu wkoll li jużaw l-għodod tat-teknoloġija tal-informazzjoni tagħhom stess jew ta' partijiet terzi dment li dawn l-għodod jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, b'mod partikolari l-Artikolu 56a, u dment li l-Kummissjoni tapprovahom.

(32) L-operaturi ta' inġenji tal-ajru jenħtieġ li jiġbru u jaħżnu b'mod sigur id-*data* mmonitorjata, inklużi d-dettalji tat-titjira u l-informazzjoni dwar l-inġenji tal-ajru. Għal dan l-għan, l-operaturi ta' inġenji tal-ajru jistgħu jiddependu fuq l-għodda tal-IT tal-Kummissjoni u/jew ir-riżorsi ta' partijiet terzi, filwaqt li jiżguraw il-konformità mar-regoli ta' kunfidenzjalità u l-aċċessibbiltà għall-finijiet ta' verifika.

(33) F'sitwazzjoni fejn ma tiġi pprovduta l-ebda *data* mill-operaturi ta' inġenji tal-ajru, in-NEATS jenħtieġ li tkun tista' tikkalkula s-CO_2(e) awtomatikament, abbażi tad-*data* miġbura minn sorsi esterni u l-valuri prestabbiliti kif deskritt fl-Anness IIIa u l-Anness IIIb tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066.

(34) F'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà ta' għodod tal-IT, l-operaturi tal-inġenju tal-ajru jenħtieġ li jimmonitorjaw l-informazzjoni essenzjali u l-proprjetajiet tat-titjira u tal-inġenju tal-ajru bħala miżura interim.

(35) F'każ li l-mudell tat-tbassir numeriku tat-temp (NWP) ta' referenza komuni ma jkunx disponibbli, l-operaturi ta' inġenji tal-ajru jenħtieġ li jużaw approċċ simplifikat ibbażat fuq il-post biex jikkalkulaw is-CO_2(e) tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 bħala miżura interim.

(36) Għall-fini tal-minimizzazzjoni tal-piż amministrattiv, l-emittenti ż-żgħar jistgħu jagħżlu li jużaw approċċ simplifikat ibbażat fuq il-post biex jikkalkulaw is-CO_2(e) tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2.

(37) Abbażi tal-feedback dwar l-implimentazzjoni tal-EU ETS, jeħtieġ li tiġi ffaċilitata aktar l-identifikazzjoni tal-operatur tal-inġenji tal-ajru skont l-Artikolu 3(o) tad-Direttiva 2003/87/KE u li jiġi inkluż pass addizzjonali f'dan il-proċess.

(38) Sabiex id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28a(4) tad-Direttiva 2003/87/KE u ta' dan ir-Regolament rigward id-definizzjoni ta' emittenti żgħar jiġu allinjati, dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġi aġġornat biex l-operaturi li jissodisfaw il-kriterji definiti fl-Artikolu 28a(4) ta' dik id-Direttiva jkunu jistgħu jużaw l-għodod għall-istima tal-karburanti implimentati minn Eurocontrol.

(39) Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet u l-infurzar xierqa tal-leġiżlazzjoni. Sabiex jiġu ssimplifikati dawk ir-rekwiżiti ta' rapportar, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli xierqa ta' rapportar għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru għall-użu ta' tipi differenti ta' karburanti tal-avjazzjoni alternattivi, inklużi l-bijokarburanti, l-RFNBOs, l-RCFs u karburanti oħra eliġibbli skont is-sistema ta' appoġġ tal-EU ETS stabbilita f'konformità mal-Artikolu 3c(6) tad-Direttiva 2003/87/KE.

(40) Il-livelli limiti tal-emissjonijiet japplikaw għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru għall-inklużjoni tagħhom fl-EU ETS jew fl-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA, Carbon Offsetting and Reduction Scheme for International Aviation) tal-ICAO. L-operaturi ta' inġenji tal-ajru jistgħu jitqiesu bħala emittenti żgħar jew jitħallew jużaw għodod simplifikati. F'konformità mal-iskop tal-EU ETS u l-prinċipji inklużi wkoll fl-iskema CORSIA tal-ICAO, il-kalkolu ta' dawn il-limiti tal-emissjonijiet jenħtieġ li ma jqisx l-użu possibbli ta' karburanti b'fattur ta' emissjoni ta' żero. Għalhekk, huwa xieraq li jiġi stabbilit fattur ta' emissjoni preliminari għall-fini ta' kalkolu ta' dawn il-limiti.

(41) F'konformità mad-Direttiva (UE) 2023/959, iċ-ċediment tal-kwoti skont l-iskema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali se jibda fl-2028 għall-emissjonijiet annwali tal-2027. Madankollu, il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet skont is-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet se jibdew mill-1 ta' Jannar 2025. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar il-monitoraġġ u r-rapportar għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet għall-binjiet, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali kmieni biżżejjed, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ordnata fl-Istati Membri. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-metodoloġiji ta' monitoraġġ u biex jinbena fuq l-esperjenzi mis-sistema eżistenti għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal installazzjonijiet stazzjonarji u għall-avjazzjoni, huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-regoli rilevanti għas-sistema l-ġdida.

(42) Sabiex jiġi żgurat livell robust ta' preċiżjoni tal-monitoraġġ u biex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-entitajiet regolati u għall-awtoritajiet kompetenti, il-fattur tal-ambitu jenħtieġ li jiġi applikat wara l-kategorizzazzjoni tal-entità regolata u l-flussi tal-karburant. Dan għandu jippermetti monitoraġġ aktar preċiż u għandu jevita bidliet bla bżonn fil-pjanijiet ta' monitoraġġ, li jnaqqsu l-piż amministrattiv għall-entitajiet regolati u għall-awtoritajiet kompetenti.

(43) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, huwa xieraq li jiġu pprovduti regoli speċifiċi għall-entitajiet regolati b'emissjonijiet baxxi u li tingħata flessibbiltà lill-awtoritajiet kompetenti fil-kategorizzazzjoni tal-entitajiet regolati.

(44) Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri l-ġodda, huwa xieraq li tiġi pprovduta deroga marbuta biż-żmien, qabel l-2027, għall-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu wara l-kategorizzazzjoni. Jixraq li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jikkwalifikaw entità regolata bħala entitajiet regolati b'emissjonijiet baxxi, jew jippermettu lill-entità regolata tikklassifika lilha nnifisha u kull fluss tal-karburant, abbażi tal-emissjonijiet wara l-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu, bl-esklużjoni tas-CO_2 li joriġina mill-karburanti bi klassifikazzjoni żero, fejn ikun jista' jintwera għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-fattur tal-ambitu applikat għall-klassifikazzjoni se jibqa' wkoll rappreżentattiv fis-snin li ġejjin.

(45) Sabiex tiġi ffaċilitata l-verifika, huwa xieraq li l-operaturi tal-installazzjonijiet stazzjonarji, l-operaturi ta' inġenji tal-ajru, il-kumpaniji tat-tbaħħir u l-entitajiet regolati jissottomettu l-informazzjoni dwar il-karburanti użati għall-attivitajiet imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE flimkien mar-rapport annwali dwar l-emissjonijiet. Ma għandu jkun meħtieġ l-ebda rapport separat dwar l-ammonti ta' karburanti akkwistati u użati. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jiġi emendat skont dan.

(46) Sabiex tiġi ffaċilitata s-sottomissjoni ordnata u koerenti tal-pjan ta' monitoraġġ għall-entitajiet regolati lill-awtoritajiet kompetenti, u meta jitqiesu d-dispożizzjonijiet li diġà ġew adottati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2122 ([9]), li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet kollha li jinsabu f'dan ir-Regolament relatati mal-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal setturi addizzjonali, japplikaw mill-1 ta' Lulju 2024.

(47) Id-Direttiva 2003/87/KE diġà tipprevedi li l-emissjonijiet mill-RFNBOs użati għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru għandhom ikunu klassifikati żero qabel id-dħul fis-seħħ ta' din ir-reviżjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066. Għalhekk, sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, iċ-ċarezza u kundizzjonijiet ekwi, ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet minn RFNBO, RCF u karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024.

(48) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikoli 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal dawn li ġejjin:

(i) mill-1 ta' Jannar 2021 u perjodi sussegwenti ta' negozjar, il-monitoraġġ u r-rapportar ta' *data* dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-attivitajiet skont id-Direttiva 2003/87/KE fil-perjodu ta' negozjar tal-iskema tal-Unjoni għan-negozjar ta' emissjonijiet;

(ii) mill-1 ta' Jannar 2025, il-monitoraġġ u r-rapportar tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra speċifikati fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fl-Annessi I u III tad-Direttiva 2003/87/KE, għad-*data* tal-attività minn installazzjonijiet stazzjonarji, għall-attivitajiet tal-avjazzjoni, inkluż l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, u għall-ammonti ta' karburant rilaxxati mill-attivitajiet imsemmija fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2122 tas-17 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 rigward l-aġġornament tal-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L, 2023/2122, 18.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2122/oj).

Għandu japplika għal dan li ġej:

(i) mill-1 ta' Jannar 2021, l-emissjonijiet, id-*data* dwar l-attivitajiet u l-ammonti ta' karburant rilaxxat li jseħħu;

(ii) mill-1 ta' Jannar 2025, l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2.

Il-monitoraġġ u r-rapportar tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 mill-2025 għandhom ikopru l-effetti kollha li mhumiex CO_2 mill-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I tad-Direttiva li jinvolvu ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE. Madankollu, fir-rigward tal-monitoraġġ u r-rapportar tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 li jseħħu fl-2025 u l-2026, tali rapportar għandu jkun meħtieġ biss fir-rigward tar-rotot li jinvolvu żewġ ajrudromi li jinsabu fiż-ŻEE, u r-rotot minn ajrudrom li jinsab fiż-ŻEE li jitilqu lejn l-Iżvizzera jew lejn ir-Renju Unit. Fir-rigward tal-2025 u l-2026, l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 li jseħħu minn titjiriet oħra jistgħu jiġu rrapportati fuq bażi volontarja.";

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (4)(b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fil-każ ta' metodoloġija ta' bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament, waħda minn dawn li ġejjin:

(i) tip speċifiku ta' karburant, materja prima jew prodott li jinkludi l-karbonju;

(ii) CO_2 ittrasferit f'konformità mal-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament;";

(b) il-punt (7) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(7) "fatturi ta' kalkolu" tfisser valur kalorifiku nett, fattur ta' emissjoni, fattur ta' emissjoni preliminari, fattur ta' ossidazzjoni, fattur ta' konverżjoni, kontenut ta' karbonju, frazzjoni fossili, frazzjoni tal-bijomassa, frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF, frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero, frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju, frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero, frazzjoni bi klassifikazzjoni żero, jew fattur ta' konverżjoni tal-unità;",

(c) il-punt (15) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(15) "fattur ta' konverżjoni" tfisser il-proporzjon ta' karbonju rilaxxat bħala CO_2 mal-karbonju totali inkluż fil-fluss minn sors qabel ma jseħħ il-proċess ta' emissjoni, espress bħala frazzjoni, b'kunsiderazzjoni tas-CO rilaxxat fl-atmosfera bħala l-ammont molari ekwivalenti ta' CO_2. Fil-każ ta' emissjonijiet ta' CO_2 meqjusa li huma kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott, fattur ta' konverżjoni jfisser il-proporzjon ta' CO_2 marbut bħala karbonju fi prodott matul il-proċess mat-total ta' CO_2 li jinsab bħala karbonju fi prodott li jħalli dak l-istess proċess;";

(d) jiddaħħlu l-punti (23b) sa (23h):

"(23b) "karburanti tal-avjazzjoni alternattivi" tfisser karburanti tal-avjazzjoni puri li fihom il-karbonju għajr dak li joriġina mill-karburanti fossili puri elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament;

(23c) "klassifikazzjoni żero" tfisser il-mekkaniżmu li bih jitnaqqas il-fattur ta' emissjoni ta' karburant jew materjal sabiex jiġu rikonoxxuti:

(a) fil-każ tal-bijomassa, il-konformità tagħha mal-kriterji ta' sostenibbiltà jew tal-iffrankar tal-gassijiet serra previsti fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kif speċifikat fl-Artikolu 38(5) ta' dan ir-Regolament;

(b) fil-każ ta' RFNBO jew RCF, il-konformità tiegħu mal-kriterji tal-iffrankar tal-gassijiet serra f'konformità mal-Artikolu 29a tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kif speċifikat fl-Artikolu 39a(3) ta' dan ir-Regolament;

(c) fil-każ ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju, il-konformità tagħhom mal-kriterji tal-iffrankar tal-gassijiet serra previsti fil-punt 13 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2024/1788 dwar ir-regoli komuni għas-swieq interni tal-gass rinnovabbli, il-gass naturali u l-idroġenu; u ċ-ċediment minn qabel tal-kwoti skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-karbonju maqbud meħtieġ għall-produzzjoni tal-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju, kif speċifikat fl-Artikolu 39a(4) ta' dan ir-Regolament, sakemm dak il-karbonju maqbud ma jkunx karbonju bi klassifikazzjoni żero kif definit fl-Artikolu 3(38f).

(23d) "karburanti bi klassifikazzjoni żero" tfisser bijokarburanti, bijolikwidi, karburanti tal-bijomassa, karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju, RFNBO jew RCF jew frazzjonijiet ta' karburanti jew materjali mħallta li jikkonformaw mal-kriterji kif speċifikat fl-Artikoli 38(5) jew 39a(3) jew 39a(4) ta' dan ir-Regolament, kif applikabbli;

(23e) "karburanti tal-karbonju riċiklat" (RCF) tfisser karburanti tal-karbonju riċiklat kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(23f) "karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika" (RFNBO) tfisser fkarburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (36) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(23g) "karburant pur" tfisser karburant fil-forma pura tiegħu li jinkludi biss waħda mill-frazzjonijiet li ġejjin:

(i) frazzjoni fossili;

(ii) frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero;

(iii) frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero;

(iv) frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero;

(v) frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero;

(vi) frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero;

(vii) frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero;

(viii) frazzjoni ta' karburanti li fihom il-karbonju għajr dak li joriġina mill-karburanti fossili elenkati fit-Tabella 1 tal-Anness III ta' dan ir-Regolament jew mill-bijomassa, mill-RFNBO, mill-RCF jew mill-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju;

(23h) "karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju" tfisser karburanti gassużi u likwidi, li l-kontenut enerġetiku tagħhom huwa derivat minn idroġenu b'livell baxx ta' karbonju kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (13) tad-Direttiva (UE) 2024/1788, li jissodisfaw il-limitu ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' 70 % meta mqabbel mal-komparatur tal-karburanti fossili għall-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika stabbilit fil-metodoloġija adottata skont l-Artikolu 29a(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kif iċċertifikat f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2024/1788.";

(e) il-punti (34) u (34a) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(34) "karburant imħallat" tfisser karburant li jinkludi mill-inqas tnejn minn dawn li ġejjin:

(i) karbonju li joriġina mill-bijomassa;

(ii) karbonju li joriġina minn RFNBO jew RCF;

(iii) karbonju li joriġina minn karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju;

(iv) karbonju fossili ieħor;

jew li jinkludi kemm karbonju bi klassifikazzjoni żero kif ukoll karbonju ieħor.

(34a) "karburant tal-avjazzjoni mħallat" tfisser karburant li jinkludi mill-inqas żewġ karburanti puri differenti;";

(f) il-punti (36) u (38) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(36) "fattur ta' emissjoni preliminari" tfisser il-fattur ta' emissjoni totali preżunt ta' karburant jew materjal ibbażat fuq il-kontenut totali ta' karbonju tiegħu qabel ma jiġi mmultiplikat mal-frazzjoni ta' fossili sabiex jipproduċi l-fattur ta' emissjoni;

(38) "frazzjoni tal-bijomassa" tfisser il-proporzjon ta' karbonju li joriġina minn bijomassa mqabbel mal-kontenut totali ta' karbonju ta' karburant jew materjal, espress bħala frazzjoni, indipendentement minn jekk il-bijomassa tikkonformax mal-kriterji tal-Artikolu 38(5) ta' dan ir-Regolament;";

(g) il-punt (38a) jitħassar.

(h) il-punti (38b) sa (38h) jiddaħħlu kif ġej:

"(38b) "frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero" tfisser il-proporzjon ta' karbonju li joriġina minn bijomassa li jikkonforma mal-kriterji tal-Artikolu 38(5) ta' dan ir-Regolament mqabbel mal-kontenut totali ta' karbonju ta' karburant jew materjal, espress bħala frazzjoni;

(38c) "frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF" tfisser il-proporzjon ta' karbonju li joriġina minn RFNBO jew RCF imqabbel mal-kontenut totali ta' karbonju ta' karburant, espress bħala frazzjoni, indipendentement minn jekk l-RFNBO jew l-RCF jikkonformawx mal-kriterji tal-Artikolu 39a(3) ta' dan ir-Regolament;

(38d) “frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero” tfisser il-proporzjon ta’ karbonju li joriġina minn RFNBO jew RCF li jikkonforma mal-kriterji tal-Artikolu 39a(3) ta’ dan ir-Regolament, imqabbel mal-kontenut totali ta’ karbonju ta’ karburant, espress bħala frazzjoni;

(38e) “frazzjoni tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero” tfisser:

(i) fil-każ ta’ karburant, is-somma tal-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero tagħha, il-frazzjoni sintetika b’livell baxx ta’ karbonju bi klassifikazzjoni żero u l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero tagħha mingħajr għadd doppju ta’ kwalunkwe karbonju;

(ii) fil-każ ta’ materjal, il-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero tiegħu.

(38f) “karbonju bi klassifikazzjoni żero” tfisser karbonju li jinsab f’karburant jew f’materjal li jappartjeni għall-frazzjoni tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero ta’ dak il-karburant jew materjal.

(38g) “frazzjoni sintetika b’livell baxx ta’ karbonju” tfisser il-proporzjon ta’ karbonju li joriġina minn karburant sintetiku b’livell baxx ta’ karbonju mqabbel mal-kontenut totali ta’ karbonju ta’ karburant, espress bħala frazzjoni, indipendentement minn jekk il-karburant sintetiku b’livell baxx ta’ karbonju jikkonformax mal-kriterji tal-Artikolu 39a(4) ta’ dan ir-Regolament;

(38h) “frazzjoni sintetika b’livell baxx ta’ karbonju bi klassifikazzjoni żero” tfisser il-proporzjon ta’ karbonju li joriġina minn karburant sintetiku b’livell baxx ta’ karbonju li jikkonforma mal-kriterji tal-Artikolu 39a(4) ta’ dan ir-Regolament, imqabbel mal-kontenut totali ta’ karbonju ta’ karburant;”;

(i) il-punt (42) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(42) “karbonju fossili” tfisser karbonju inorganiku u organiku li ma jkunx karbonju bi klassifikazzjoni żero;”;

(j) il-punt (55) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(55) “trasport tas-CO_2” tfisser it-trasport ta’ CO2 għall-ħżin ġeoloġiku f’sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE;”;

(k) il-punt (63) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(63) “infrastruttura tat-trasport tas-CO_2” tfisser infrastruttura kif definita fl-Artikolu 3(29) tar-Regolament (UE) 2024/1735, ;”;

(l) jiddaħħal il-punt (63b):

“(63b) “CO_2 fi tranżitu” tfisser kwalunkwe ammont ta’ CO_2 ittrasferit f’infrastruttura tat-trasport ta’ CO_2 li ma jkunx ġie ttrasferit lejn installazzjoni oħra jew infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 fl-istess perjodu ta’ rapportar li jkun wasal;”;

(m) il-punt (69) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(69) “konsumatur finali” għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-definizzjoni ta’ entità regolata, f’konformità mal-Artikolu 3(ae) tad-Direttiva 2003/87/KE, f’dan ir-Regolament, tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li hija l-konsumatur tal-karburant, li l-konsum annwali tal-karburant tagħha ma jaqbiżx tunnellata ta’ CO_2;”;

(n) jiddaħħlu l-punti (71) sa (80):

“(71) “effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2” tfisser effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 kif definiti fl-Artikolu 3(v) tad-Direttiva 2003/87/KE;

(72) “CO_2(e) għal kull titjira” tfisser l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 li jsaħħnu l-atmosfera, espressi bħala l-ammont ekwivalenti ta’ emissjonijiet ta’ CO_2 tat-titjira partikolari;

(73) “sfurzar radjattiv” tfisser bidla imposta fil-bilanċ tal-enerġija planetarja, imkejla f’watts għal kull metru kwadru (W/m^2);

(74) “effikaċja” hija l-bidla fit-temperatura medja globali għal kull unità ta’ sfurzar radjattiv eżerċitat mill-aġent tal-klima, relattiva għar-rispons iġġenerat minn sfurzar standard tas-CO_2 li tibda mill-istess stat klimatiku inizjali;

(75) “mudell ta’ kalkolu tas-CO_2(e)” tfisser mudell użat għall-kalkolu tal-impatt totali fuq il-klima tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, f’konformità mat-Taqsima 4 tal-Anness IIIa ta’ dan ir-Regolament;

(76) “approċċ ibbażat fuq it-temp” tfisser il-Metodu C, kif previst fit-Taqsima 4 tal-Anness IIIa ta’ dan ir-Regolament, li juża primarjament *data* mtejba dwar it-temp, kif ukoll informazzjoni dwar it-titjir, it-trajettorja, il-proprjetajiet tal-inġenju tal-ajru u l-proprjetajiet tal-karburant;

(77) “approċċ simplifikat ibbażat fuq il-post” tfisser il-Metodu D, kif previst fl-Anness IIIa, it-Taqsima 4 ta’ dan ir-Regolament, li primarjament juża data relatata mal-post tal-inġenju tal-ajru waqt it-titjira bħall-informazzjoni dwar it-titjir, it-trajettorja, iżda wkoll id-*data* bażika dwar it-temp u l-proprjetajiet tal-inġenju tal-ajru;

(78) “sistema ta’ trekkjar tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 (NEATS)” tfisser għodda tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT), li hija pprovduta mill-Kummissjoni lill-operaturi ta’ inġenji tal-ajru, lill-verifikaturi akkreditati u lill-awtoritajiet kompetenti għall-fini tal-iffaċilitar u, sa fejn ikun possibbli, tal-awtomatizzazzjoni tal-monitoraġġ, tar-rapportar u tal-verifika tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, skont l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2003/87/KE;

(79) “proprjetajiet tal-inġenju tal-ajru” tfisser il-kategorija ta’ informazzjoni li tal-inqas u għal kull titjira tinkludi t-tip ta’ inġenju tal-ajru, l-identifikatur(i) tal-magna/i tal-ajru u l-massa tal-inġenju tal-ajru.

(80) “ajruplan” tfisser inġenju tal-ajru bil-magna, itqal mill-arja, li t-titjira tiegħu hija sostnuta prinċipalment minn reazzjonijiet ajrudinamiċi fuq superfiċji li jibqgħu fissi f’kundizzjonijiet partikolari ta’ titjir.”;

(3) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 4*

L-operaturi u l-operaturi ta’ inġenji tal-ajru għandhom iwettqu l-obbligi tagħhom relatati mal-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra u l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 skont id-Direttiva 2003/87/KE f’konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 9 ta’ dan ir-Regolament.”;

(4) fl-Artikolu 5, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Il-monitoraġġ u r-rapportar għandhom ikunu kompluti u jkopru l-emissjonijiet kollha tal-proċess u l-kombustjoni mis-sorsi ta’ emissjonijiet u l-flussi mis-sorsi kollha li jagħmlu parti mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE u attivitajiet rilevanti oħra inklużi skont l-Artikolu 24 ta’ dik id-Direttiva, kif ukoll attivitajiet assoċjati inklużi fil-konfini tal-installazzjoni, u tal-gassijiet serra kollha speċifikati fir-rigward ta’ dawk l-attivitajiet, waqt li jiġi evitat l-għadd doppju.”;

(5) fl-Artikolu 6, jiddaħħal il-paragrafu 3:

“3. L-operaturi ta’ inġenji tal-ajru għandhom jiksbu, jirreġistraw, jikkompilaw, janalizzaw u jiddokumentaw *data* ta’ monitoraġġ, inklużi suppożizzjonijiet, referenzi, *data* dwar l-attivitajiet u fatturi ta’ kalkolu, b’mod trasparenti li jippermetti r-riproduzzjoni tad-determinazzjoni tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 għal kull titjira mill-verifikatur u mill-awtorità kompetenti.”;

(6) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“*Artikolu 8*

L-operaturi u l-operaturi ta’ inġenji tal-ajru għandhom jippermettu li tiġi rrapportata assigurazzjoni raġonevoli tal-integrità tad-*data* tal-emissjonijiet u tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2. Huma għandhom jiddeterminaw l-emissjonijiet u l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 bl-użu tal-metodoloġiji ta’ monitoraġġ xierqa stabbiliti f’dan ir-Regolament.

Id-*data* dwar l-emissjonijiet u l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 irrapportata u l-iżvelar relatat għandhom ikunu ħielsa minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali kif definit fl-Artikolu 3(6) tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 (*), għandhom jevitaw il-preġudizzju fl-għażla u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni, u għandhom jipprovdu rendikont kredibbli u bbilanċjat tal-emissjonijiet u tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 ta’ installazzjoni jew operatur ta’ inġenju tal-ajru.

Fl-għażla tal-metodoloġija ta’ monitoraġġ, it-titjib li jirriżulta minn akkuratezza ikbar għandu jiġi bbilanċjat mal-kostijiet addizzjonali. Il-monitoraġġ u r-rapportar għandu jkollhom il-mira li jilħqu l-ogħla preċiżjoni li tista’ tinkiseb, għajr jekk dan ma jkunx teknikament vijabbli jew jimplika kostijiet irraġonevoli.

(*) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta’ Diċembru 201819 ta’ Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-*data* u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2067/oj).”;

(7) fl-Artikolu 11(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull operatur jew operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jimmonitorja l-emissjoniijet ta' gassijiet serra, u effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 fuq il-bażi ta' pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament, b'kunsiderazzjoni tan-natura u l-funzjonament tal-installazzjoni jew tal-attività ta' avjazzjoni li japplika għalihom.";

(8) fl-Artikolu 14(2), jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:

"(aa) iseħħu effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 minħabba attivitajiet ġodda li jkunu qegħdin jitwettqu;";

(9) l-Artikolu 15(4) huwa emendat kif ġej:

(a) is-sentenza introduttorja tal-paragrafu (4) u s-sentenza introduttorja tal-punt (a) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Modifiki sinifikanti fil-pjanijiet ta' monitoraġġ ta' operatur ta' inġenju tal-ajru jinkludu:

(a) fir-rigward tal-emissjonijiet:";

(b) il-punt (a)(iv) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iv) bidliet fl-istatus tal-operatur ta' inġenju tal-ajru bħala emittent żgħir fit-tifsira tal-Artikolu 55(1) ta' dan ir-Regolament u jekk l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandux l-intenzjoni li juża s-simplifikazzjoni skont l-Artikolu 28a(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(c) jiddaħħal il-punt (b):

"(b) fir-rigward tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2:

(i) (bidla fl-approċċ tal-kalkolu tas-CO_2(e) magħżul, kif stabbilit fl-Artikolu 56a(4) ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari f'termini ta' għodod tal-IT biex jiġu applikati l-mudelli ta' kalkolu tas-CO_2(e);

(ii) bidliet fl-istatus tal-operatur ta' inġenju tal-ajru bħala emittent żgħir fit-tifsira tal-Artikolu 55(1) ta' dan ir-Regolament.";

(10) fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(2), il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 19(2), l-Artikolu 19(5), l-Artikolu 38(1) u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 47(2), it-terminu "bijomassa" huwa sostitwit b'"karbonju bi klassifikazzjoni żero".

(11) fl-Artikolu 19, jitħassar il-paragrafu 6.

(12) L-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Skont il-metodoloġija standard, l-operatur għandu jikkalkula l-emissjonijiet ta' kombustjoni ta' kull fluss minn sors bil-multiplikazzjoni tad-data tal-attivitajiet relatata mal-ammont ta' karburant maħruq, espressa bħala terajoules ibbażata fuq il-valur kalorifiku nett (NCV), bil-fattur korrispondenti ta' emissjoni, espress bħala tunnellati ta' CO_2 kull terajoule (t CO_2/TJ) b'mod konsistenti mal-użu tal-NCV, u l-fattur korrispondenti ta' ossidazzjoni.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Għall-fini tar-rapportar tal-elementi ta' memo, l-operatur għandu jikkalkula wkoll għal kull fluss minn sors maħruq u għall-karburanti użati bħala input ta' proċess il-parametri li ġejjin li huma definiti minn dawn il-kalkoli:

(i) l-emissjonijiet preliminari totali għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tad-*data* tal-attivitajiet relatata mal-ammont ta' karburant maħruq, espressa bħala tunnellati jew metri kubi normali, bil-fattur ta' emissjoni preliminari korrispondenti u l-fattur korrispondenti ta' ossidazzjoni;

(ii) l-emissjonijiet tal-bijomassa għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tal-emissjonijiet preliminari totali bil-frazzjoni tal-bijomassa;

(iii) l-emissjonijiet tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tal-emissjonijiet preliminari totali bil-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero;

(iv) l-emissjonijiet mill-RFNBO, mill-RCF jew mill-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tal-emissjonijiet preliminari totali bil-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew bil-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju;

(v) l-emissjonijiet minn RFNBO, RCF jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tal-emissjonijiet preliminari totali bil-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero jew bil-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero;";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 2a li ġej:

"2a. Għall-fini tar-rapportar tal-elementi ta' memo, l-operatur għandu jikkalkula wkoll għal kull fluss minn sors relatat mal-emissjonijiet ta' proċess il-parametri li ġejjin li huma definiti minn dawn il-kalkoli:

(i) L-emissjonijiet preliminari totali għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tad-*data* dwar l-attivitajiet relatata mal-konsum materjali, l-ipproċessar jew il-produzzjoni ta' materjal, espressa f'tunnellati jew metri kubiċi normali, bil-fattur ta' emissjoni korrispondenti, espress f't CO_2/t jew t CO_2/Nm^3, u l-fattur ta' konverżjoni korrispondenti;

(ii) L-emissjonijiet tal-bijomassa għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tal-emissjonijiet preliminari totali bil-frazzjoni tal-bijomassa rilevanti;

(iii) L-emissjonijiet tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero għandhom jiġu kkalkulati bil-multiplikazzjoni tal-emissjonijiet preliminari totali bil-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero rilevanti.";

(13) L-Artikolu 25 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Skont il-metodoloġija tal-bilanċ tal-massa, l-operatur għandu jikkalkula l-kwantità ta' CO_2 korrispondenti għal kull fluss minn sors inkluż fil-bilanċ tal-massa bil-multiplikazzjoni tad-*data* tal-attivitajiet relatata mal-ammont ta' karburant, materjal jew CO_2 li jkun dieħel fi jew ħiereġ mill-konfini tal-bilanċ tal-massa, bil-kontenut ta' karbonju tal-karburant, tal-materjal jew tat-trasferiment tas-CO_2 immultiplikat bil-frazzjoni fossili tiegħu u b' 3,664 t CO_2/t C, bl-applikazzjoni tat-Taqsima 3 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. Għall-fini tar-rapportar tal-elementi ta' memo, għal kull fluss minn sors kopert mill-bilanċ tal-massa, l-operatur għandu jikkalkula wkoll il-parametri li ġejjin li huma definiti minn dawn il-kalkoli:

(i) Il-kwantità preliminari totali ta' CO^2 għandha tiġi kkalkulata bil-multiplikazzjoni tad-*data* dwar l-attivitajiet relatata mal-ammont ta' karburant jew materjal li jidħol fil-limiti tal-bilanċ tal-massa jew li joħroġ minnhom, mal-kontenut ta' karbonju ta' karburant jew materjal, u bi 3,664 t CO2/t C;

(ii) Il-kwantità ta' CO^2 relatata mal-bijomassa għandha tiġi kkalkulata billi l-kwantita preliminari totali ta' CO^2 tiġi mmultiplikata bil-frazzjoni tal-bijomassa;

(iii) Il-kwantità ta' CO^2 relatata mal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero għandha tiġi kkalkulata bil-multiplikazzjoni tal-kwantità preliminari totali ta' CO^2 bil-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero;

(iv) Jekk applikabbli, il-kwantità ta' CO^2 relatata ma' RFNBO, RCF jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju għandha tiġi kkalkulata bil-multiplikazzjoni tal-kwantità preliminari totali ta' CO^2 bil-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew bil-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju;

(v) Jekk applikabbli, il-kwantità ta' CO_2 relatata ma' RFNBO, RCF jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero għandha tiġi kkalkulata bil-multiplikazzjoni tal-kwantità preliminari totali ta' CO_2 bil-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero jew bil-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Fejn l-operatur juża bilanċ tal-massa f'konformità ma' dan l-Artikolu, u l-karbonju bi klassifikazzjoni żero jkun jinsab fil-materjali ta' input jew fil-karburanti, u l-materjali ta' output ikun fihom il-karbonju, l-operatur għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti *data* dwar il-frazzjoni bi klassifikazzjoni żero tal-kontenut tal-karbonju tal-flussi tal-output. B'hekk, l-operatur għandu jipprovdi evidenza li l-emissjonijiet totali tal-installazzjoni ma jkunux sottovalutati sistematikament mill-metodoloġija ta' monitoraġġ applikata u li l-massa totali tal-karbonju li tikkorrispondi għall-frazzjonijiet tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero tal-karbonju li jinsabu fil-materjali ta' output rilevanti kollha, ma tkunx inqas mill-massa totali ta' frazzjonijiet bi klassifikazzjoni żero tal-karbonju li tinsab fil-materjali ta' input u fil-karburanti.

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, il-paragrafi 3 u 4 tal-Artikolu 39 għandhom japplikaw fir-rigward tal-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero tal-bijogass u tal-gass naturali użati bħala input.";

(14) L-Artikolu 30 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, jitħassar l-aħħar subparagrafu.

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 3 li ġejjin:

"2a. L-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa biss għal karburanti jew materjali mħallta li fihom il-bijomassa. Għal karburanti jew materjali oħrajn għandu jintuża l-valur predefinit ta' 0 % għall-frazzjoni tal-bijomassa ta' karburanti fossili jew materjali, u valur predefinit ta' 100 % frazzjoni tal-bijomassa għal karburanti tal-bijomassa jew materjali li jikkonsistu esklussivament minn bijomassa.

L-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju biss għal karburanti mħallta li fihom RFNBOs, RCFs jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju. Għal karburanti oħra għandu jintuża l-valur predefinit ta' 0 % għall-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju, u valur predefinit ta' 100 % ta' frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju li jikkonsistu esklussivament minn RFNBOs, RCFs jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju.

L-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero u l-frazzjoni sintetika b'livell baxx tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero biss meta l-operatur ikun irid jagħmel użu minn klassifikazzjoni żero.

3. Fir-rigward tal-interdipendenza tal-fatturi ta' kalkolu relatati mal-kompożizzjoni, l-operatur għandu japplika r-regoli li ġejjin:

(i) Meta karburant jew materjal ikun fih bijomassa, l-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa f'konformità mal-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament.

(ii) Meta l-frazzjoni tal-bijomassa ma tkunx żero u meta l-operatur ikun irid jagħmel użu minn klassifikazzjoni żero, l-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero f'konformità mal-Artikolu 38(5) ta' dan ir-Regolament.

(iii) Meta karburant ikun fih RFNBO, RCF jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju, l-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju f'konformità mal-Artikolu 39a(1) u (2) ta' dan ir-Regolament.

(iv) Meta l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF ma tkunx żero u meta l-operatur ikun irid jagħmel użu minn klassifikazzjoni żero, l-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero f'konformità mal-Artikolu 39a(3) ta' dan ir-Regolament.

(v) Meta l-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju ma tkunx żero u meta l-operatur ikun irid jagħmel użu minn klassifikazzjoni żero, l-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni sintetika b'livell baxx tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero f'konformità mal-Artikolu 39a(4) ta' dan ir-Regolament.

(vi) Meta l-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero ma jkunux żero, l-operatur għandu jikkalkula l-frazzjoni bi klassifikazzjoni żero bħala s-somma tal-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero u l-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero. Il-frazzjoni fossili hija s-somma tal-frazzjonijiet kollha mingħajr klassifikazzjoni żero.

(vii) L-operatur għandu jikkalkula l-fattur ta' emissjoni bħala l-fattur ta' emissjoni preliminari mmultiplikat bil-frazzjoni fossili.

Għall-fini tal-punt (vi), meta l-operatur ma jikkalkulax il-frazzjoni bi klassifikazzjoni żero, il-frazzjoni fossili għandha tkun ta' 100 %.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-operatur jista':

(i) jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa bħala identika għall-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, jekk din tal-aħħar tiġi ddeterminata abbażi tal-bilanċ tal-massa skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(ii) jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bħala identika għall-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero, jekk din tal-aħħar tiġi ddeterminata abbażi tal-bilanċ tal-massa skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(iii) jiddetermina l-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bħala identika għall-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero, jekk din tal-aħħar tiġi ddeterminata abbażi tal-bilanċ tal-massa skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.";

(15) fl-Artikolu 37(2), l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Jekk jintużaw il-karburanti mħallta, l-operatur għandu jipprovdi evidenza li l-applikazzjoni tal-punti (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu ma twassalx għal sottovalutazzjoni tal-emissjonijiet.";

(16) fit-taqsima 2, it-titolu tas-subtaqsima 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Trattament tal-bijomassa, tal-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju, RFNBO u RCF";**

(17) L-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jitħassar l-aħħar subparagrafu;

(b) fil-paragrafu 2, jitħassar l-ewwel subparagrafu;

(c) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) it-terminu "frazzjoni ta' bijomassa" huwa sostitwit bi "frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero";

(ii) l-aħħar subparagrafu jitħassar;

(d) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa għandhom jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 tal-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, sabiex jingħaddu mal-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero ta' fluss minn sors.";

(ii) is-sitt subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-konformità mal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 tal-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandha tiġi vvalutata f'konformità mal-Artikoli 30 u 31(1) ta' dik id-Direttiva. Il-kriterji jistgħu jitqiesu ssodisfati wkoll jekk l-operatur jipprovdi evidenza ta' xiri ta' kwantità ta' bijokarburant, bijolikwidu jew bijogass marbuta mal-kanċellazzjoni tal-kwantità rispettiva fil-Bażi tad-*Data* tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a jew bażi tad-*data* nazzjonali stabbilita mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 31a(5) ta' dik id-Direttiva. F'każ ta' nuqqas ta' konformità sussegwenti rigward il-prova tas-sostenibbiltà tal-kwantitajiet ikkanċellati fil-bażijiet tad-*data* msemmija hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tikkoreġi l-emissjonijiet ivverifikati kif xieraq.";

(iii) is-seba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Meta l-bijomassa użata ma tikkonformax ma' dan il-paragrafu, il-kontenut tal-karbonju tagħha għandu jitqies bħala karbonju fossili.";

(iv) jiddaħħal it-tmien subparagrafu li ġej:

"Meta skont l-ewwel sas-sitt subparagrafi ta' dan il-paragrafu, il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 tal-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 ma japplikawx għall-bijomassa, il-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero hija ugwali għall-frazzjoni tal-bijomassa tagħha.";

(18) L-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għal karburanti jew materjali li fihom il-bijomassa, l-operatur jista' jew jassumi l-assenza ta' bijomassa u japplika frazzjoni tal-bijomassa predefinita ta' 0 %, jew jiddetermina frazzjoni tal-bijomassa f'konformità mal-paragrafu 2, billi japplika livelli kif definit fit-Taqsima 2.4 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.";

(b) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn, soġġett għal-livell meħtieġ, l-operatur ikollu jwettaq analiżijiet biex jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa, iżda jekk l-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu mhix teknikament fattibbli jew ikollha kostijiet irraġonevoli, l-operatur għandu jissottometti metodu alternattiv ta' stima sabiex jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni. Għall-karburanti jew il-materjali li joriġinaw minn proċess ta' produzzjoni bi flussi ta' input definiti u traċċabbli, l-operatur jista' jibbaża l-istima fuq bilanċ materjali tal-karbonju fossili u tal-bijomassa li jkun dieħel u ħiereġ mill-proċess.";

(c) jitħassar il-paragrafu 2a.

(d) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) fl-ewwel subparagrafu, ir-referenza għall-"Artikolu 43(4)" hija sostitwita b'"l-Artikolu 43(4b)".

(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-operatur jista' jiddetermina li ċerta kwantità ta' gass naturali mill-grilja tal-gass hija bijogass bi klassifikazzjoni żero billi juża l-metodoloġija stabbilita fil-paragrafu 4. F'dan il-każ, permezz ta'deroga mill-Artikolu 30(3), l-operatur għandu jqis il-frazzjoni tal-bijomassa bħala identika għall-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero.";

(e) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-operatur jista' jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa u l-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero tal-bijogass identika billi juża r-rekords tax-xiri ta' bijogass b'kontenut ta' enerġija ekwivalenti, sakemm l-operatur jipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li:";

(ii) l-aħħar subparagrafu huwa sostitiw b'dan li ġej:

"Għall-fini li tintwera l-konformità ma' dan il-paragrafu, l-operatur jista' juża d-*data* rreġistrata f'bażi tad-*data* stabbilita minn Stat Membru wieħed jew aktar li tippermetti t-traċċar tat-trasferimenti tal-bijogass. Il-konformità ma' dan il-paragrafu tista' titqies murija jekk l-operatur jipprovdi evidenza ta' xiri ta' kwantità ta' bijogass konness mal-kanċellazzjoni tal-kwantità rispettiva fil-Bażi tad-*data* tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001, jew bażi tad-*data* nazzjonali stabbilita mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 31a(5) ta' dik id-Direttiva. F'każ ta' nuqqas ta' konformità sussegwenti rigward il-prova tas-sostenibbiltà tal-kwantitajiet ikkanċellati fil-bażijiet tad-*data* msemmija hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tikkoreġi l-emissjonijiet ivverifikati kif xieraq.";

(19) jiddaħħal l-Artikolu 39a li ġej:

"*Artikolu 39a*

Determinazzjoni ta' RFNBO jew RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju u RFNBO jew RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero

1. Għal karburanti jew materjali li fihom RFNBOs, RCFs jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju li għalihom l-operatur ma jistax jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju f'konformità mal-paragrafu 2, l-operatur għandu jassumi l-assenza ta' RFNBO, RCF jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju u japplika frazzjoni predefinita tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju ta' 0 %.

2. L-operatur għandu jiddetermina l-fatturi ta' kalkolu li ġejjin relatati mal-kompożizzjoni tal-karburanti abbażi tal-bilanċ tal-massa skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001:

(i) il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero;

(ii) il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju.

Permezz ta'deroga mill-ewwel subparagrafu, jekk l-operatur ma jkunx irid jagħmel użu minn klassifikazzjoni żero, għall-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew għall-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju jistgħu jintużaw approċċi oħra bħal bilanċ materjali tal-proċess ta' taħlit jew ta' produzzjoni li minnu jinkiseb il-karburant jew il-materjal.

3. Il-kontenut tal-karbonju tal-karburanti li jikkwalifikaw bħala RFNBOs jew RCFs skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 li jikkonformaw mal-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29a ta' dik id-Direttiva, għandu jitqies bħala klassifikat żero.

Il-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 29a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandha tiġi vvalutata f'konformità mal-Artikoli 30 u 31(1) ta' dik id-Direttiva. Il-kriterji jistgħu jitqiesu ssodisfati wkoll jekk l-operatur jipprovdi evidenza ta' xiri ta' kwantità ta' RFNBOs jew RCFs konnessi mal-kanċellazzjoni tal-kwantità rispettiva fil-Bażi tad-*data* tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001, jew bażi tad-*data* nazzjonali stabbilita mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 31a(5) ta' dik id-Direttiva. F'każ ta' nuqqas ta' konformità sussegwenti rigward il-prova tas-sostenibbiltà tal-kwantitajiet ikkanċellati fil-bażijiet tad-*data* msemmija hawn fuq, l-Awtorità Kompetenti għandha tikkoreġi l-emissjonijiet ivverifikati kif xieraq.

Meta l-RFNBO jew l-RCF ma jikkonformawx mal-kriterji msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-kontenut tal-karbonju tagħhom għandu jitqies bħala karbonju fossili.

4. Il-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju għandhom ikunu klassifikati żero meta l-kontenut tal-karbonju tagħhom ikun ġie soġġett għaċ-ċediment minn qabel tal-kwoti skont id-Direttiva 2003/87/KE, sakemm dak il-karbonju maqbud ma jkunx karbonju bi klassifikazzjoni żero kif definit fl-Artikolu 3(38f) ta' dan ir-Regolament.

Il-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 29a(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandha tiġi vvalutata f'konformità mal-Artikoli 30 u 31(1) ta' dik id-Direttiva. Il-kriterji jistgħu jitqiesu ssodisfati wkoll jekk l-operatur jipprovdi evidenza ta' xiri ta' kwantità ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju konnessi mal-kanċellazzjoni tal-kwantità rispettiva fil-Bażi tad-*Data* tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001, jew bażi tad-*data* nazzjonali stabbilita mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 31a(5) ta' dik id-Direttiva. F'każ ta' nuqqas ta' konformità sussegwenti rigward il-prova tas-sostenibbiltà tal-kwantitajiet ikkanċellati fil-bażijiet tad-*data* msemmija hawn fuq, l-Awtorità Kompetenti għandha tikkoreġi l-emissjonijiet ivverifikati kif xieraq.

Fi kwalunkwe każ ieħor, il-kontenut tal-karbonju tal-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju għandu jitqies bħala karbonju fossili.

5. L-operatur jista' jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF u frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF identiċi bi klassifikazzjoni żero tal-gass naturali fejn tali frazzjonijiet ikunu ġew injettati fi grilja tal-gass naturali bl-użu ta' rekords tax-xiri ta' RFNBO jew RCF ta' kontenut ta' enerġija ekwivalenti, dment li l-operatur jipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li:

(a) ma jkun hemm l-ebda għadd doppju tal-istess kwantità ta' RFNBO jew RCF, b'mod partikolari li l-RFNBO jew l-RCF mixtrija ma jiġux iddikjarati li jintużaw minn ħadd ieħor, inkluż permezz ta' divulgazzjoni ta' garanzija tal-oriġini kif definit fl-Artikolu 2(12) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

(b) l-operatur u l-produttur tal-RFNBO jew tal-RCF huma konnessi mal-istess grilja tal-gass.

Il-konformità ma' dan il-paragrafu tista' titqies murija jekk l-operatur jipprovdi evidenza ta' xiri ta' kwantità ta' RFNBO jew RCF gassużi konness mal-kanċellazzjoni tal-kwantità rispettiva fil-Bażi tad-*data* tal-Unjoni stabbilita skont l-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001, jew bażi tad-*data* nazzjonali stabbilita mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 31a(5) ta' dik id-Direttiva. F'każ ta' nuqqas ta' konformità sussegwenti rigward il-prova tas-sostenibbiltà tal-kwantitajiet ikkanċellati fil-bażijiet tad-*data* msemmija hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tikkoreġi l-emissjonijiet ivverifikati kif xieraq.";

(20) l-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fejn rilevanti, l-operatur għandu jiddetermina separatament kwalunkwe ammont ta' CO_2 li jirriżulta minn bijomassa. Għal dan l-għan, l-operatur jista' juża:";

(ii) l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn il-metodu propost mill-operatur jinvolvi kampjunar kontinwu mill-fluss tal-gass mit-tromba ta' ċumnija, EN 15259 (Kwalità tal-arja — Kejl ta' emissjonijiet minn sorsi stazzjonarji — Rekwiżiti għal taqsimiet u postijiet ta' kejl u għall-għan, il-pjan u r-rapport tal-kejl) għandu jiġi applikat. Il-pjan ta'

kampjunar skont l-Artikolu 33 għandu jkun proporzjonat mal-frekwenza tal-analiżi f'konformità mal-Anness VII ta' dan ir-Regolament u jiżgura r-rappreżentattività biex ikopri s-sena kollha ta' rapportar.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 4a, 4b u 4c li ġejjin:

"4a. L-operatur għandu juża l-frazzjoni tal-bijomassa ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 4 bħala l-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin għall-karburanti jew il-materjali kollha li jwasslu għal emissjonijiet li għalihom tiġi applikata l-metodoloġija bbażata fuq il-kejl:

(i) skont l-ewwel sas-sitt subparagrafi tal-Artikolu 38(5) ta' dan ir-Regolament, il-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 tal-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 ma japplikawx; jew

(ii) 100 % tal-frazzjoni tal-bijomassa tal-karburant jew tal-materjal użat huma koperti mill-evidenza rilevanti skont l-Artikolu 38(5) ta' dan ir-Regolament.

Il-kundizzjoni (ii) għandha titqies issodisfata għall-bijogass immonitorjat f'konformità mal-Artikolu 39(4) ta' dan ir-Regolament.

Fejn il-kundizzjonijiet (i) u (ii) ma jiġux issodisfati għal karburanti jew materjali li jwasslu għal emissjonijiet li għalihom tiġi applikata l-metodoloġija bbażata fuq il-kejl, l-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero għal dawn il-karburanti jew materjali bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq il-kalkolu f'konformità mal-Artikoli 24 sa 39a ta' dan ir-Regolament.

4b. L-operatur jista' jnaqqas mill-emissjonijiet totali tas-sors ta' emissjoni l-emissjonijiet minn bijomassa bi klassifikazzjoni żero ddeterminati f'konformità mal-paragrafu 4a ta' dan l-Artikolu.

Meta l-metodu propost mill-operatur għad-determinazzjoni tal-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero jinvolvi kampjunar kontinwu mill-fluss tal-gass mit-tromba ta' ċumnija u l-installazzjoni tikkonsma gass naturali mill-grilja, l-operatur għandu jiddetermina l-ammont fiżiku ta' CO_2 tal-bijogass użat f'konformità mal-Artikoli 32 sa 35 ta' dan ir-Regolament u jnaqqas l-ammont ta' CO_2 rispettiv mis-CO_2 bi klassifikazzjoni żero ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 4a ta' dan l-Artikolu.

4c. Meta l-operatur juża RFNBOs, RCFs jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero fi proċess li għalih tiġi applikata l-metodoloġija bbażata fuq il-kejl, l-operatur jista' jnaqqas mill-emissjonijiet totali l-emissjonijiet minn RFNBOs, RCFs jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero.

L-emissjonijiet minn RFNBOs, RCFs jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero għandhom jiġu ddeterminati bl-użu ta' approċċ ibbażat fuq il-kalkolu f'konformità mal-Artikoli 24 sa 39a ta' dan ir-Regolament. Dawn għandhom ikunu ugwali għad-*data* dwar l-attivitajiet tal-karburant rilevanti mmultiplikata bil-fattur ta' emissjoni preliminari u l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero.";

(c) fil-paragrafu 5, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) kalkolu permezz ta' bilanċ tal-materjal adattat, b'kunsiderazzjoni tal-parametri sinifikanti kollha fuq in-naħa tal-input, inkluż għall-emissjonijiet ta' CO_2 mill-inqas it-tagħbijiet tal-materjali ta' input, il-fluss tal-arja tal-input u l-effiċjenza tal-proċess, kif ukoll fuq in-naħa tal-output, inkluża mill-inqas il-produzzjoni tal-prodott u l-konċentrazzjoni ta' ossiġenu (O_2), diossidu tal-kubrit (SO_2) u ossidi tan-nitroġenu (NO_x)";

(21) fl-Artikolu 44(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-operatur għandu jikkalkula l-medji fis-siegħa għal kull parametru, inkluż il-konċentrazzjonijiet u l-fluss, rilevanti għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet jew tal-ammonti ta' CO_2 trasferit bl-użu ta' metodoloġija bbażata fuq il-kejl bl-użu tal-punti kollha tad-*data* disponibbli għal dik is-siegħa speċifika.";

(22) fl-Artikolu 46 u fl-Anness I, it-Taqsima 1, il-punti (7)(a), (b) u (c), it-terminu "network ta' trasport" huwa sostitwit b'"infrastruttura tat-trasport tas-CO_2".

(23) fl-Artikolu 47(2), jitħassar l-aħħar subparagrafu.

(24) l-Artikolu 48 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn CO_2 inerenti joriġina minn attivitajiet koperti bl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE jew inkluży skont l-Artikolu 24 ta' dik id-Direttiva u sussegwentement jiġi ttrasferit barra mill-installazzjoni bħala parti ta' fluss minn sors lejn installazzjoni u attività oħra koperti b'dik id-Direttiva, ma għandux jingħadd bħala emissjonijiet tal-installazzjoni fejn joriġina. Għad-determinazzjoni tal-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero tas-CO_2 inerenti f'konformità mal-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament, l-operatur tal-installazzjoni tat-trasferiment għandu jiżgura li l-metodoloġija ta' monitoraġġ magħżula ma tissottovalutax b'mod sistematiku l-emissjonijiet totali tal-installazzjoni tat-trasferiment.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-operaturi jistgħu jiddeterminaw kwantitajiet ta' CO_2 inerenti ttrasferiti barra mill-installazzjoni kemm fl-installazzjoni tat-trasferiment kif ukoll f'dik riċevitriċi. F'dak il-każ, il-kwantitajiet ta' CO_2 inerenti ttrasferiti u riċevuti rispettivament u l-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero korrispondenti, il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero u l-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero għandhom ikunu identiċi.";

(25) L-Artikolu 49 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-operatur għandu jnaqqas mill-emissjonijiet tal-installazzjoni kwalunkwe ammont ta' CO_2 li joriġina mill-attivitajiet koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE li ma joriġinax minn karbonju bi klassifikazzjoni żero u li ma jiġix rilaxxat mill-installazzjoni, iżda ttrasferit barra mill-installazzjoni għal kwalunkwe waħda mill-installazzjonijiet li ġejjin:

(i) installazzjoni għall-qbid għall-fini ta' trasport u ħżin ġeoloġiku fuq perjodu twil f'post ta' ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE;

(ii) infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 bl-iskop ta' ħżin ġeoloġiku fuq perjodu twil f'post tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE;

(iii) post tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE għall-fini ta' ħżin ġeoloġiku fuq perjodu twil.";

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. Għad-determinazzjoni tal-kwantità ta' CO_2 ittrasferit minn installazzjoni waħda jew infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għal installazzjoni jew infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 oħra f'konformità mal-paragrafu 1, l-operatur għandu japplika, soġġett għad-dispożizzjonijiet ulterjuri stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament, jew metodoloġija bbażata fuq il-kalkolu, jew metodoloġija bbażata fuq il-kejl, f'konformità mal-Artikoli 43, 44 u 45 ta' dan ir-Regolament.

Meta tiġi applikata l-metodoloġija bbażata fuq il-kejl, is-sors tal-emissjonijiet għandu jikkorrispondi mal-punt tal-kejl u l-emissjonijiet għandhom jiġu espressi bħala l-kwantità ta' CO_2 ittrasferit.

4. Meta juża metodoloġija bbażata fuq il-kejl għad-determinazzjoni tal-kwantità ta' CO_2 ittrasferit minn installazzjoni jew infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għal oħra, l-operatur għandu japplika l-ogħla livell kif iddefinit fit-Taqsima 1 tal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Madankollu, l-operatur jista' japplika l-livell iktar baxx li jkun imiss bil-kundizzjoni li huwa jistabbilixxi li l-applikazzjoni tal-ogħla livell kif iddefinit fit-Taqsima 1 tal-Anness VIII ma tkunx teknikament fattibbli jew timplika kostijiet irraġonevoli.";

(c) jiddaħħlu l-paragrafi 6 u 7:

"6. Fil-każ tat-trasferiment ta' CO_2 lejn installazzjoni għall-qbid li jirriżulta minn materjali jew karburanti li fihom frazzjoni ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero, l-installazzjoni ta' trasferiment għandha tnaqqas biss mill-emissjonijiet irrapportati tagħha f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu l-kwantità ta' CO_2 proporzjonali għall-frazzjoni ta' karbonju li ma joriġinax minn karbonju bi klassifikazzjoni żero.

Operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 jew sit tal-ħżin għandu jimmonitorja l-emissjonijiet minn avvenimenti ta' tnixxija, emissjonijiet li jaħarbu u emissjonijiet irrilaxxati apposta minn kwalunkwe CO_2 imsemmi fl-ewwel subparagrafu, inkluż minn CO_2 li joriġina minn entitajiet li ma jwettqux attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, u jirrapporta l-emissjonijiet daqslikieku s-CO_2 kien fossili.

7. L-operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 jista' jinkludi fl-emissjonijiet irrapportati f'perjodu ta' rapportar partikolari, kwalunkwe CO_2 fi tranżitu li jkun ġie ttrasferit lejn installazzjoni jew infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 oħra sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara. Kull sena, l-operatur għandu jiġbor inventarju tas-CO_2 li jidħol u joħroġ mill-infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 u jirrapporta separatament kwalunkwe CO_2 fi tranżitu.";

(26) jiddaħħal l-Artikolu 49a li ġej:

"*Artikolu 49a*

Emissjonijiet marbuta kimikament b'mod permanenti fi prodott

1. L-operatur għandu jnaqqas mill-emissjonijiet tal-installazzjoni kwalunkwe ammont ta' CO_2 li joriġina minn karbonju mingħajr klassifikazzjoni żero f'attivitajiet koperti mill-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE li ma jiġix rilaxxat mill-installazzjoni, iżda kimikament marbut b'mod permanenti fi prodott elenkat fir-Regolament Delegat adottat skont l-Artikolu 12(3b) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Fil-każ ta' CO_2 li jirriżulta minn materjali jew karburanti li fihom frazzjoni ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero, l-operatur għandu jnaqqas biss mill-emissjonijiet tal-installazzjoni l-kwantità tas-CO_2 kimikament marbut b'mod permanenti fi prodott elenkat fir-Regolament Delegat adottat skont l-Artikolu 12(3b) tad-Direttiva 2003/87/KE, proporzjonali għall-frazzjoni tal-karbonju li ma joriġinax minn karbonju bi klassifikazzjoni żero.

2. Għad-determinazzjoni tal-kwantità ta' CO_2 marbut fi prodott li jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, l-operatur għandu jew japplika l-metodoloġija standard f'konformità mat-Taqsimiet 2 u 4 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament, jew japplika bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament bl-użu tal-karburanti u l-materjali li jkunu deħlin u ħerġin mill-proċess li fih is-CO_2 ikun kimikament marbut bħala l-flussi minn sorsi rilevanti għal dan il-kalkolu, filwaqt li titqies kwalunkwe emissjoni ta' kombustjoni relatata mal-proċess. Għal dan l-għan, l-ogħla livell kif definit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament għandu jiġi applikat kif speċifikat fl-istess Anness għall-attività li minnha joriġina s-CO_2. Madankollu, l-operatur jista' japplika l-livell iktar baxx li jkun imiss bil-kundizzjoni li l-operatur juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-applikazzjoni tal-ogħla livell kif iddefinit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament mhijiex teknikament fattibbli jew timplika kostijiet irraġonevoli.";

(27) it-titolu tal-Kapitolu IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"MONITORAĠĠ TA' EMISSJONIJIET U EFFETTI MHUX TAS-CO_2 MILL-AVJAZZJONI";

(28) L-Artikolu 51 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jimmonitorja u jirrapporta emissjonijiet u effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 mill-attivitajiet tal-avjazzjoni għat-titjiriet kollha inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE li jitwettqu minn dak l-operatur ta' inġenju tal-ajru matul il-perjodu ta' rapportar u li għalihom l-operatur ta' inġenju tal-ajru huwa responsabbli.";

(b) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li gej:

"3. Għall-fini li jiġi identifikat l-operatur ta' inġenju tal-ajru uniku msemmi fil-punt (o) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE li jkun responsabbli għal titjira, għandu jintuża s-sinjal tas-sejħa użat għall-finijiet ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, kif stabbilit fl-entrata 7 tal-pjan tat-titjira. Is-sinjal tas-sejħa għandu jiddetermina l-operatur ta' inġenju tal-ajru kif ġej:

(a) meta l-entrata 7 jkun fiha d-dežinjatur tal-ICAO għall-aġenzija operattiva tal-inġenji tal-ajru, l-operatur ta' inġenju tal-ajru uniku għandu jkun l-aġenzija operattiva tal-inġenji tal-ajru li tkun ġiet assenjata dak id-diżenjatur tal-ICAO;

(b) meta l-entrata 7 jkun fiha n-nazzjonalità jew il-marka komuni, u l-marka tar-reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru li jkun espliċitament elenkat f'ċertifikat tal-operatur tal-ajru (jew ekwivalenti) jew f'dokument maħruġ minn Stat u li jidentifika l-operatur ta' inġenju tal-ajru, l-operatur ta' inġenju tal-ajru uniku għandu jkun il-persuna ġuridika jew fiżika li jkollha dak iċ-ċertifikat tal-operatur ta' inġenju tal-ajru (jew ekwivalenti) jew li tkun iddikjarata fid-dokument.";

(c) jiddaħħal il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Meta l-operatur ta' inġenju tal-ajru uniku ma jkunx jista' jiġi identifikat bl-użu tas-sinjal tas-sejħa kif imsemmi fil-paragrafu 3, l-operatur ta' inġenju tal-ajru uniku msemmi fil-punt (o) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/87/KE li jkun responsabbli għal titjira, ikun il-persuna ġuridika jew fiżika li jkollha relazzjoni ta' impjieg jew kuntrattwali oħra mal-kaptan tat-titjira.";

(29) Fl-Artikolu 52(1), l-ewwel żewġ subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Mhux aktar tard minn 4 xhur qabel ma operatur ta' inġenju tal-ajru jibda attivitajiet ta' avjazzjoni koperti bl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti pjan ta' monitoraġġ għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 f'konformità mal-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, operatur ta' inġenju tal-ajru li għall-ewwel darba jwettaq attività tal-avjazzjoni koperta bl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, jew jimmonitorja u jirrapporta l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, li ma setgħux jiġu previsti 4 xhur qabel l-attività, għandu jissottometti pjan ta' monitoraġġ lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien żejjed, iżda mhux aktar minn 6 ġimgħat wara li l-attività tkun twettqet. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jipprovdi ġustifikazzjoni xierqa lill-awtorità kompetenti għala ma setax jissottometti pjan ta' monitoraġġ 4 xhur qabel l-attività.";

(30) L-Artikolu 53 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-emissjonijiet annwali ta' CO_2 minn attivitajiet tal-avjazzjoni billi jimmultiplika l-konsum annwali ta' kull karburant pur (espress f'tunnellati) bil-fattur rispettiv ta' emissjoni.

Għall-karburanti tal-avjazzjoni mħallta, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-ammont teoretiku ta' kull karburant pur mill-ammont totali ta' dak il-karburant tal-avjazzjoni mħallat u d-*data* ta' kompożizzjoni rilevanti billi japplika dan li ġej:

(i) meta karburant ikun fih bijomassa, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa f'konformità mal-Artikolu 54;

(ii) meta karburant ikun fih RFNBO, RCF jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju f'konformità mal-Artikolu 54b;

(iii) meta l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju ma tkunx żero u meta l-operatur ta' inġenju tal-ajru jkun irid jagħmel użu minn klassifikazzjoni żero, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero f'konformità mal-Artikolu 54c;

(iv) meta l-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero ma jkunux żero, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jikkalkula l-frazzjoni bi klassifikazzjoni żero bħala s-somma tal-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero u l-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero. Il-frazzjoni fossili hija s-somma tal-frazzjonijiet kollha mingħajr klassifikazzjoni żero.

(v) l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jikkalkula l-ammont ta' kull karburant pur bħala l-ammont totali tal-karburant tal-avjazzjoni mħallat immultiplikat bil-frazzjoni rilevanti.

Għall-fini tal-punt (iv) ta' dan il-paragrafu, meta l-operatur ta' inġenju tal-ajru ma jikkalkulax il-frazzjoni bi klassifikazzjoni żero, il-frazzjoni fossili għandha tkun 100 %.";

(b) jiddaħħlu l-paragrafi 1a u 1b li ġejjin:

"1a. B'deroga mill-paragrafu 1, għall-fini tal-valutazzjoni tal-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 55(1) u 55(2) ta' dan ir-Regolament, fl-Artikolu 28a(4) tad-Direttiva 2003/87/KE u fl-entrata "Avjazzjoni" tat-tabella fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-emissjonijiet tas-CO_2 bil-multiplikazzjoni tal-konsum annwali ta' kull karburant bil-fattur ta' emissjonijiet preliminari tiegħu.

1b. Għall-fini tar-rapportar skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1603 (*), l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina u jirrapporta l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-multiplikazzjoni tal-konsum annwali ta' kull karburant bil-fattur ta' emissjoni preliminari tiegħu.

_____

(*) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1603 tat-18 ta' Lulju 201918 ta' Lulju 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-miżuri adottati mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni għall-iskop li tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 250, 30.9.2019, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1603/oj)."

(c) fil-paragrafu 6, l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għal karburanti tal-avjazzjoni alternattivi għajr bijokarburanti, RFNBO, RCF jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-fattur ta' emissjoni f'konformità mal-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament. Għal karburanti bħal dawn, il-valur kalorifiku nett għandu jiġi ddeterminat u rrapportat bħala element ta' memo."

(31) jiddaħħal l-Artikolu 53a li ġej:

"*Artikolu 53a*

Regoli ta' rapportar għall-użu ta' karburanti tal-avjazzjoni alternattivi

1. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jimmonitorja l-ammont ta' karburanti tal-avjazzjoni alternattivi użati u jirrapporta dak l-ammont kif attribwit għal kull titjira jew par ta' ajrudromi.

2. Meta l-karburanti tal-avjazzjoni alternattivi jiġu kkonsenjati lill-inġenju tal-ajru f'lottijiet fiżikament identifikabbli, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-karburant tal-avjazzjoni alternattiv huwa attribwit għat-titjira immedjatament wara l-ippumpjar tal-karburant ta' dik it-titjira.

Meta jitwettqu diversi titjiriet sussegwenti mingħajr ippumpjar tal-karburant bejn dawn it-titjiriet, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jaqsam l-ammont ta' karburant alternattiv u jassenjah lil dawn it-titjiriet b'mod proporzjonali għall-emissjonijiet minn dawk it-titjiriet ikkalkulati bl-użu tal-fattur ta' emissjoni preliminari.

3. Meta l-karburanti tal-avjazzjoni alternattivi ma jkunux jistgħu jiġu attribwiti fiżikament f'ajrudrom għal titjira speċifika, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jattribwixxi l-karburant għat-titjiriet tiegħu li għalihom iridu jiġu ċeduti kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE b'mod proporzjonali għall-emissjonijiet minn dawk it-titjiriet li jitilqu minn dak l-ajrudrom ikkalkulati bl-użu tal-fattur ta' emissjoni preliminari.

F'dan ir-rigward, l-operatur ta' inġenju tal-ajru jrid jipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-karburant tal-avjazzjoni alternattiv ġie kkonsenjat lis-sistema ta' rifforniment tal-karburant tal-ajrudrom tat-tluq fil-perjodu ta' rapportar, jew 3 xhur qabel il-bidu, jew 3 xhur wara t-tmiem, ta' dak il-perjodu ta' rapportar.

4. Għall-fini tal-paragrafi 2 u 3, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li:

(i) l-ammont totali ta' karburant tal-avjazzjoni alternattiv mitlub ma jaqbiżx l-użu totali tal-karburant ta' dak l-operatur ta' inġenju tal-ajru għal titjiriet li għalihom iridu jiġu ċeduti kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, li joriġinaw mill-ajrudrom li fih jiġi fornut il-karburant tal-avjazzjoni alternattiv;

(ii) l-ammont ta' karburant tal-avjazzjoni alternattiv għal titjiriet li għalihom il-kwoti jridu jiġu ċeduti f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE ma jaqbiżx il-kwantità totali ta' karburant tal-avjazzjoni alternattiv mixtri li minnu titnaqqas il-kwantità totali ta' karburanti tal-avjazzjoni alternattivi mibjugħa lil partijiet terzi;

(iii) il-proporzjon bejn il-karburanti tal-avjazzjoni alternattivi u l-karburanti fossili attribwiti għal titjiriet aggregati għal kull par ta' ajrudromi ma jaqbiżx il-limitu massimu ta' taħlit għal dak it-tip ta' karburant kif iċċertifikat skont standard internazzjonali rikonoxxut;

(iv) ma hemm l-ebda għadd doppju tal-istess kwantità ta' karburant tal-avjazzjoni alternattiv, b'mod partikolari li l-karburant tal-avjazzjoni alternattiv mixtri ma jiġix iddikjarat li jintuża f'rapport preċedenti jew minn xi operatur ta' inġenju tal-ajru ieħor, jew f'sistema oħra tal-ipprezzar tal-karbonju.

Għall-fini tal-punti (i) sa (iii), kwalunkwe karburant li jibqa' fit-tankijiet wara titjira u qabel l-ippumpjar tal-karburant huwa preżunt li huwa 100 % karburant fossili.

Għall-fini li tintwera l-konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-punt (iv), l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' juża d-*data* rreġistrata fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni stabbilita f'konformità mal-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew bażi tad-*data* nazzjonali stabbilita mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 31a(5) ta' dik id-Direttiva.";

(32) l-Artikoli 54 u 54a huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 54*

Determinazzjoni tal-frazzjoni tal-bijomassa għall-bijokarburanti

1. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa tal-karburanti tal-avjazzjoni mħallta li fihom il-bijokarburanti. L-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jew jassumi n-nuqqas ta' bijokarburant u japplika frazzjoni fossili prestabbilita ta' 100 %, jew iddetermina frazzjoni ta' bijokarburant f'konformità mal-paragrafi 2 jew 3. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu juża l-valur prestabbilit tal-frazzjoni tal-bijomassa ta' 100 % għall-bijokarburanti puri.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-operatur ta' inġenju tal-ajru li juża karburanti tal-avjazzjoni mħallta li fihom il-bijokarburanti, jista' jagħżel li jimmonitorja l-kontenut tal-bijokarburanti u l-kontenut tal-karburanti fossili tal-avjazzjoni, bħala flussi minn sorsi separati jekk l-evidenza pprovduta mill-fornituri tal-karburant tippermetti tali approċċ.

2. Fejn il-bijokarburanti jitħalltu fiżikament mal-karburanti fossili u jitwasslu lill-inġenju tal-ajru f'lottijiet fiżikament identifikabbli, l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jwettaq analiżijiet f'konformità mal-Artikoli 32 sa 35 biex iddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa, abbażi ta' standard rilevanti u l-metodi analitiċi stabbiliti f'dawk l-Artikoli, sakemm l-użu ta' dak l-istandard u ta' dawk il-metodi analitiċi jiġi approvat mill-awtorità kompetenti. Fejn l-operatur ta' inġenju tal-ajru jipprovdi evidenza lill-awtorità kompetenti li tali analiżijiet iġarrbu kostijiet irraġonevoli jew ma jkunux teknikament fattibbli, l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jibbaża l-istima tal-kontenut tal-bijokarburanti fuq bilanċ materjali tat-taħlit ta' karburanti fossili u bijokarburanti mixtrija. Jekk il-frazzjoni tal-bijomassa tkun ġiet iddeterminata bl-użu tal-bilanċ tal-massa skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, ma għandha tkun meħtieġa l-ebda evidenza ta' kostijiet irraġonevoli jew fattibbiltà teknika.

3. Fejn il-lottijiet ta' bijokarburant mixtrija ma jitwasslux fiżikament lil inġenju tal-ajru speċifiku, l-operatur ta' inġenju tal-ajru ma għandux juża l-analiżijiet biex iddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa tal-karburanti użati. L-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' iddetermina l-frazzjoni tal-bijomassa bl-użu ta' rekords tax-xiri ta' bijokarburant b'kontenut ta' enerġija ekwivalenti.

Arikolu 54a

Dispożizzjonijiet speċifiċi għal karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli

1. Għall-fini tal-Artikolu 3c(6) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-operatur ta' inġenju tal-ajru kummerċjali għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm proċedura bil-miktub sabiex jimmonitorja kwalunkwe ammont ta' karburant tal-avjazzjoni eliġibbli pur (f'tunnellati) użat għal titjiriet subsoniċi, u għandu jirrapporta l-ammonti ta' karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli ddikjarati bħala element ta' memo separat fir-rapport annwali tiegħu dwar l-emissjonijiet.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiżgura li kwalunkwe ammont ta' karburant tal-avjazzjoni eliġibbli mitlub jiġi ċċertifikat f'konformità mal-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew ċertifikazzjoni oħra aċċettata skont ir-Regolament 2023/2405. L-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-operatur ta' inġenju tal-ajru juża d-*data* rreġistrata fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni stabbilita f'konformità mal-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew bażi tad-*data* nazzjonali stabbilita mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 31a(5) ta' dik id-Direttiva. F'każ ta' nuqqas ta' konformità sussegwenti rigward il-prova tas-sostenibbiltà tal-kwantitajiet ikkanċellati fil-bażijiet tad-*data* msemmija hawn fuq, l-Awtorità Kompetenti għandha tikkoreġi l-ammonti vverifikati ta' karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli puri kif xieraq.

3. Għall-karburanti tal-avjazzjoni mħallta, l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jew jassumi n-nuqqas ta' karburant tal-avjazzjoni eliġibbli u japplika frazzjoni fossili predefinita ta' 100 % jew jiddetermina l-ammont ta' karburant tal-avjazzjoni eliġibbli pur f'konformità mal-paragrafu 3a.

3a. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-ammont ta' karburant tal-avjazzjoni eliġibbli pur bħala somma ta' karburanti alternattivi puri eliġibbli skont l-Artikolu 3c(6) tad-Direttiva 2003/87/KE kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 53(1) ta' dan ir-Regolament. Il-karburanti eliġibbli puri għandhom jiġu attribwiti għal kull titjira jew par ta' ajrudromi f'konformità mal-paragrafi 4 jew 5.

4. Meta l-karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli jiġu kkonsenjati lill-inġenju tal-ajru f'lottijiet fiżikament identifikabbli, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-karburant tal-avjazzjoni eliġibbli huwa attribwit għat-titjira immedjatament wara l-ippumpjar tal-karburant ta' dik it-titjira.

Meta jitwettqu diversi titjiriet sussegwenti mingħajr l-ippumpjar tal-karburant bejn dawn it-titjiriet, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jaqsam l-ammont tal-karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli u jassenjah għal dawn it-titjiriet b'mod proporzjonali għall-emissjonijiet minn dawk it-titjiriet ikkalkolati bl-użu tal-fattur ta' emissjoni preliminari.

5. Meta l-karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli ma jkunux jistgħu jiġu attribwiti fiżikament f'ajrudrom għal titjira speċifika, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jattribwixxi l-karburant għat-titjiriet tiegħu li għalihom iridu jiġu ċeduti kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u t-titjiriet tiegħu koperti bl-Artikolu 3c(8) ta' dik id-Direttiva, b'mod proporzjonali għall-emissjonijiet minn dawk it-titjiriet li jitilqu minn dak l-ajrudrom ikkalkulati bl-użu tal-fattur ta' emissjoni preliminari.

Għal dak l-għan, l-operatur ta' inġenju tal-ajru jrid jipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-karburant tal-avjazzjoni eliġibbli ġie kkonsenjat lis-sistema ta' riforniment tal-karburant tal-ajrudrom tat-tluq fil-perjodu ta' rapportar, jew 3 xhur qabel il-bidu, jew 3 xhur wara t-tmiem, ta' dak il-perjodu ta' rapportar.

6. Għall-fini tal-paragrafi 4 u 5, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jipprovdi evidenza għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li:

(a) l-ammont totali ta' karburant tal-avjazzjoni eliġibbli mitlub ma jaqbiżx l-użu totali tal-karburant ta' dak l-operatur ta' inġenju tal-ajru għal titjiriet li għalihom iridu jiġu ċeduti kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u għal titjiriet koperti mill-Artikolu 3c(8) ta' dik id-Direttiva, li joriġinaw mill-ajrudrom li fih jiġi fornut il-karburant tal-avjazzjoni eliġibbli;

(b) l-ammont ta' karburant tal-avjazzjoni eliġibbli għal titjiriet li għalihom iridu jiġu ċeduti l-kwoti f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE u minn titjiriet koperti mill-Artikolu 3c(8) ta' dik id-Direttiva ma jaqbiżx il-kwantità totali ta' karburant tal-avjazzjoni eliġibbli mixtri li minnu titnaqqas il-kwantità totali ta' karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli mibjugħa lil partijiet terzi;

(c) il-proporzjon bejn il-karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli u l-karburanti fossili attribwiti għal titjiriet aggregati għal kull par ta' ajrudromi ma jaqbiżx il-limitu massimu ta' taħlit għal dak it-tip ta' karburant kif iċċertifikat skont standard internazzjonali rikonoxxut;

(d) ma hemm l-ebda għadd doppju tal-istess kwantità ta' karburant tal-avjazzjoni eliġibbli, b'mod partikolari li l-karburant tal-avjazzjoni eliġibbli mixtri ma jiġix iddikjarat li jintuża f'rapport preċedenti jew minn xi operatur ta' inġenju tal-ajru ieħor, jew f'sistema oħra tal-ipprezzar tal-karbonju.

Għall-fini tal-punti (a), (b) u (c), kwalunkwe karburant li jibqa' fit-tankijiet wara titjira u qabel l-ippumpjar tal-karburant jitqies li huwa karburant 100 % mhux eliġibbli.

Għall-fini li tintwera l-konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-punt (d), l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' juża d-*data* rreġistrata fil-bażi tad-*data* tal-Unjoni stabbilita f'konformità mal-Artikolu 31a tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew bażi tad-*data* nazzjonali stabbilita mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 31a(5) ta' dik id-Direttiva.";

(33) jiddaħħlu l-Artikoli 54b u 54c li ġejjin:

"*Artikolu 54b*

Determinazzjoni tal-RFNBO, tal-RCF jew tal-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju

1. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju tal-karburanti tal-avjazzjoni mħallta li fihom RFNBO, RCF jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju. L-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jew jassumi n-nuqqas ta' RFNBO, RCF jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju u japplika frazzjoni fossili predefinita ta' 100 %, jew jiddetermina frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju f'konformità mal-paragrafi 2 jew 3. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu juża valur predefinit ta' frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF ta' 100 %, jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju ta' 100 %, kif applikabbli, għal RFNBO jew RCF pur jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju pur.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-operatur ta' inġenju tal-ajru li juża karburanti tal-avjazzjoni mħallta li fihom RFNBO, RCF jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju, jista' jagħżel li jimmonitorja l-kontenut RFNBO jew RCF jew kontenut sintetiku b'livell baxx ta' karbonju u kontenut ieħor ta' karburanti fossili tal-avjazzjoni, bħala flussi minn sorsi separati jekk l-evidenza pprovduta mill-fornituri tal-karburant tippermetti tali approċċ.

2. Meta l-RFNBO, l-RCF jew il-karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju jitħalltu fiżikament mal-karburanti fossili u jiġu kkonsenjati lill-inġenju tal-ajru f'lottijiet fiżikament identifikabbli, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jibbaża l-istima tal-kontenut RFNBO jew tal-RCF jew tal-kontenut sintetiku b'livell baxx ta' karbonju fuq bilanċ tal-massa skont l-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li jirrifletti t-taħlit tal-karburanti fossili u RFNBO, RCF jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju mixtri.

3. Meta l-RFNBO, l-RCF jew il-lottijiet tal-karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju mixtrija ma jiġux ikkonsenjati fiżikament lil inġenju tal-ajru speċifiku, l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bl-użu ta' rekords tax-xiri ta' RFNBO, RCF jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju b'kontenut ta' enerġija ekwivalenti.

Artikolu 54c

Kundizzjonijiet għal bijokarburanti, RFNBO, RCF u karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero mill-operaturi ta' inġenji tal-ajru

1. L-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jgħodd il-frazzjoni tal-bijomassa ta' karburant tal-avjazzjoni mħallat mal-frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero biss sal-punt li l-kontenut tal-bijokarburant jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 38(5).

2. L-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jgħodd il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF ta' karburant tal-avjazzjoni mħallat mal-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero biss sal-punt li l-kontenut tal-RFNBO jew tal-RCF jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 39a(3).

3. L-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jgħodd il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju ta' karburant tal-avjazzjoni mħallat mal-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero biss sal-punt li l-kontenut sintetiku b'livell baxx ta' karbonju jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 39a(4).

4. L-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jiddikjara bijokarburanti bi klassifikazzjoni żero, RFNBO jew RCF bi klassifikazzjoni żero u karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero biss sal-punt li dawn il-karburanti bi klassifikazzjoni żero jikkonformaw mal-ammont massimu ta' użu tal-karburant iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 53a ta' dan ir-Regolament, għal titjiriet li għalihom il-kwoti jridu jiġu ċeduti f'konformità mal-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(34) fl-Artikolu 55(2), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-Artikolu 53, l-emittenti żgħar u l-operaturi ta' inġenji tal-ajru li jkollhom emissjonijiet annwali totali ta' inqas minn 3 000 tunnellata ta' CO_2 minn titjiriet għajr dawk imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 28a(1), u fl-Artikolu 3c(8) tad-Direttiva 2003/87/KE jistgħu jistmaw il-konsum ta' karburant abbażi tad-distanza għal kull par ta' ajrudromi bl-użu ta' għodod implimentati mill-Eurocontrol jew minn organizzazzjoni rilevanti oħra, li tista' tipproċessa l-informazzjoni rilevanti kollha dwar it-traffiku tal-ajru u tevita kwalunkwe sottovalutazzjoni tal-emissjonijiet.";

(35) jiddaħħlu l-Artikoli 56a u 56b li ġejjin:

"*Artikolu 56a*

Kalkolu tal-ekwivalenti tas-CO_2 għall-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2

1. Kull operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jimmonitorja l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 mill-attivitajiet tiegħu mwettqa minn ajruplani mgħammra b'magni ġett f'ekwivalenti ta' CO_2 (CO_2(e)) għal kull titjira.

2. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jikkalkula s-CO_2(e) għal kull titjira bl-użu tal-metrika tal-GWP, b'mod partikolari GWP_{20}, GWP_{50} u GWP_{100}, li jirriżultaw f'valuri ta' CO_2(e) għal tliet orizzonti ta' żmien (20, 50 u 100 sena) għal kull waħda mit-titjiriet immonitorjati.

3. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu juża l-effikaċja kif iddefinita f'dan ir-Regolament u fin-NEATS, biex jirfina l-GWP kif imsemmi fil-paragrafu 2 għall-kalkolu tas-CO_2(e) għal kull titjira sakemm l-operatur ta' inġenju tal-ajru ma jipprovdix evidenza lill-awtorità kompetenti li mhuwiex possibbli li tintuża l-effikaċja.

4. Għall-kalkolu tas-CO_2(e) għal kull titjira, kull operatur ta' inġenju tal-ajru għandu japplika approċċ ta' kalkolu tas-CO_2(e) li jkopri l-elementi li ġejjin:

(a) il-modulu tal-ħruq tal-karburant u l-modulu tal-istima tal-emissjonijiet, kif deskritt fl-Anness IIIa, it-Taqsima 3;

(b) il-Metodu C li jikkonsisti f'approċċ ibbażat fuq it-temp u l-Metodu D li jikkonsisti f'approċċ simplifikat ibbażat fuq il-post, kif imsemmi fl-Anness IIIa, it-Taqsima 4;

(c) approċċ ta' valuri predefiniti, użat f'każ ta' lakuni fid-*data*, deskritt fl-Anness IIIa, it-Taqsima 5 u l-Anness IIIb.

Il-Metodu C u l-Metodu D għandhom ikunu bbażati fuq *data* tal-input mill-moduli msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, *data* mill-operatur ta' inġenju tal-ajru u *data* rilevanti dwar it-temp mill-operatur ta' inġenju tal-ajru jew minn sorsi terzi.

5. Kull operatur ta' inġenju tal-ajru għandu juża l-Metodu C biex jikkalkula s-CO_2(e) għal kull titjira.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, emittenti żgħar, kif definiti fl-Artikolu 55(1), jistgħu jużaw il-Metodu D.

7. Sabiex japplikaw il-mudelli ta' kalkolu tas-CO_2(e) għat-titjiriet tagħhom, l-operaturi ta' inġenji tal-ajru għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, jew bl-użu tan-NEATS, skont l-Anness IIIa, it-Taqsima 2, għodod tal-IT proprji u ta' partijiet terzi, jew kombinazzjoni tan-NEATS u ta' dawn l-għodod:

(a) dawn l-għodod jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IIIa, fir-rigward tal-modulu tal-istima tal-emissjonijiet fit-Taqsima 3, 4 u 5 ta' dak l-Anness;

(b) meta tkun meħtieġa *data* mtejba dwar it-temp kif definit fl-Anness IIIa, dawn l-għodod jużaw l-istess mudell ta' referenza komuni għat-Tbassir Numeriku tat-Temp (NWP, Numerical Weather Prediction) u d-*data* dwar it-temp, bħal dak mogħti permezz ta' NEATS;

(c) permezz ta' dawn l-għodod, għall-fini tal-verifika, huwa possibbli u faċilitat l-aċċess għad-*data* monitorjata f'konformità mal-Anness IIIa, it-Taqsima 4;

(d) dawn l-għodod jiżguraw li d-*data* monitorjata tinħażen b'mod sigur għal mill-inqas sentejn, b'funzjonijiet ta' backup u rkupru;

(e) dawn l-għodod jikkonformaw mal-prinċipji stabbiliti bl-Artikolu 75(1).

8. Meta operatur ta' inġenju tal-ajru jippjana li juża l-għodod imsemmija fil-paragrafu 7, għajr il-modulu tal-ħruq tal-karburant, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu l-ewwel jissottometti l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-għodod lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ispeċifikazzjonijiet tal-għodod u, meta dawn l-għodod jikkonformaw mar-rekwiżiti f'dan ir-Regolament, għandha tapprova l-għodod. Ladarba jiġu approvati, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-għodod u l-fluss tax-xogħol għandhom jiġu deskritti aktar mill-operatur ta' inġenju tal-ajru fil-pjan ta' monitoraġġ.

Artikolu 56b

Monitoraġġ tad-*data*

1. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jimmonitorja d-*data* msemmija fit-Taqsima 4 tal-Anness IIIa.

2. Id-*data* mmonitorjata kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkiseb mill-operatur ta' inġenju tal-ajru, inkluż minn tagħmir li jirreġistra d-*data* tat-titjira tal-inġenju tal-ajru, fejn disponibbli.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jagħżel li jiddependi għall-monitoraġġ ta' parti mid-*data* jew tad-*data* kollha, fuq dan li ġej:

(a) sorsi terzi indipendenti bħall-Eurocontrol;

(b) in-NEATS, kif deskritta fl-Anness IIIa, it-Taqsima 2.

4. Meta d-*data* tkun nieqsa u l-operatur ta' inġenju tal-ajru jkun wera li mhuwiex kapaċi jikseb dik id-*data* permezz tan-NEATS jew metodi oħra, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu juża valuri predefiniti kif previst fl-Anness IIIa, it-Taqsima 5 u l-Anness IIIb.

5. L-operaturi ta' inġenji tal-ajru għandhom jipprovdu lill-verifikatur b'aċċess għad-*data* kollha li tkun meħtieġa għall-verifika, inkluża *data* kunfidenzjali. Fuq talba tal-operatur ta' inġenju tal-ajru, l-awtorità kompetenti għandha tittratta l-informazzjoni pprovduta mill-operatur ta' inġenju tal-ajru bħala kunfidenzjali.

6. Meta ma jkunx possibbli li tintuża n-NEATS minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tagħha, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jimmonitorja bħala minimu l-informazzjoni dwar it-titjira u l-proprjetajiet tal-inġenju tal-ajru għal kull titjira. F'każ bħal dan il-kalkolu tas-CO_2(e) għal kull titjira għandu jitwettaq fi stadju aktar tard mill-operatur ta' inġenju tal-ajru, mhux aktar tard mid-data li l-Kummissjoni tagħmel in-NEATS disponibbli.

7. Meta ma jkunx possibbli li jintuża mudell NWP ta' referenza komuni minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà tiegħu fin-NEATS, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu, b'deroga mill-Artikolu 56a(5), juża l-Metodu D. Ladarba l-mudell NWP ta' referenza komuni jsir disponibbli, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu juża l-metodu xieraq f'konformità mal-Artikolu 56a(5) u (6).

8. In-NEATS għandha tiġi aġġornata kif xieraq";

(36) L-Artikolu 58 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-operatur jew l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm proċeduri bil-miktub għall-attivitajiet ta' fluss ta' data għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 u jiżgura li r-rapport annwali dwar l-emissjonijiet li jirriżulta minn attivitajiet ta' fluss ta' data, ma jkunx jinkludi dikjarazzjonijiet skorretti u jkun konformi mal-pjan ta' monitoraġġ, dawk il-proċeduri bil-miktub u dan ir-Regolament.";

(b) fil-paragrafu 2, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) kull pass fil-fluss tad-*data* mid-*data* primarja għall-emissjonijiet annwali u l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 li għandu jirrifletti s-sekwenza u l-interazzjoni bejn l-attivitajiet tal-fluss tad-*data*, inklużi l-formuli rilevanti u l-passi tal-aggregazzjoni tad-*data* applikati";

(37) L-Artikolu 66 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Trattament ta' lakuni fid-*data* għar-rapportar tal-emissjonijiet";

(b) fil-paragrafu 2, l-aħħar subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ejn in-numru ta' titjiriet b'lakuni fid-*data* msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi jaqbeż il-5 % tat-titjiriet annwali li jiġu rrapportati, l-operatur tal-inġenji tal-ajru għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti dwar dan mingħajr dewmien bla bżonn u għandu jieħu azzjoni ta' rimedju għat-titjib tal-metodoloġija ta' monitoraġġ."

(38) fl-Artikolu 68, jiddaħħlu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

"5. L-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jissottometti lill-awtorità kompetenti taħt l-istess kundizzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1, rapport separat bħala anness mar-rapport annwali dwar l-emissjonijiet, li jkopri l-effetti annwali tal-avjazzjoni mhux tas-CO_2.

6. Ir-rapport separat imsemmi fil-paragrafu 5 għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni elenkata fl-Anness X, it-Taqsima 2a.";

(39) fl-Artikolu 69(1), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull operatur għandu jivverifika regolarment jekk il-metodoloġija ta' monitoraġġ applikata tistax tittejjeb.";

(40) L-Artikolu 70 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel stima konservattiva tal-emissjonijiet ta' installazzjoni jew operatur ta' inġenju tal-ajru u, fejn rilevanti, tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 ta' operatur ta' inġenju tal-ajru fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Fejn verifikatur ikun iddikjara, fir-rapport ta' verifika skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2067, l-eżistenza ta' dikjarazzjonijiet skorretti mhux materjali li ma jkunux ġew ikkoreġuti mill-operatur jew mill-operatur ta' inġenju tal-ajru qabel il-ħruġ tar-rapport ta' verifika, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta dawk id-dikjarazzjonijiet skorretti, u tagħmel stima konservattiva tal-emissjonijiet u tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 tal-installazzjoni jew tal-operatur ta' inġenju tal-ajru fejn ikun xieraq. L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-operatur jew lill-operatur ta' inġenju tal-ajru jekk ikunux meħtieġa korrezzjonijiet u liema huma dawn il-korrezzjonijiet fir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet. L-operatur jew l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-verifikatur.";

(41) l-Artikolu 72(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-emissjonijiet annwali totali ta' kull wieħed mill-gassijiet serra CO_2, N_2O u PFCs, kif ukoll l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 għandhom jiġu rrapportati bħala tunnellati approssimati ta' CO_2 jew CO_2(e). L-emissjonijiet annwali totali tal-installazzjoni għandhom jiġu kkalkulati bħala t-total tal-valuri approssimati għas-CO_2, l-N_2O u l-PFCs.";

(42) L-Artikolu 75d(3) huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni subparagrafu, it-terminu "bijomassa" huwa sostitwit b'"karburanti bi klassifikazzjoni żero";

(b) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-fini ta' dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 38(5) u 39a(3), sakemm l-informazzjoni rilevanti dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-karburanti bi klassifikazzjoni żero użati għall-kombustjoni tkun disponibbli għall-entità regolata.";

(43) l-Artikolu 75e huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

(a) "entità tal-kategorija A, fejn mill-2027 sal-2030, l-emissjonijiet annwali medji verifikati fis-sentejn qabel il-perjodu ta' rapportar qabel l-applikazzjoni tal-fattur tal-iskop, bl-esklużjoni tas-CO_2 li joriġina mill-karburanti bi klassifikazzjoni żero, huma ugwali jew inqas minn 50 000 tunnellata ta' CO_2(e);

(b) entità tal-kategorija B, fejn mill-2027 sal-2030, l-emissjonijiet annwali medji verifikati fis-sentejn qabel il-perjodu ta' rapportar qabel l-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu, bl-esklużjoni tas-CO_2 li joriġina mill-karburanti bi klassifikazzjoni żero, huma iktar minn 50 000 tunnellata ta' CO_2(e).";

(b) fil-paragrafu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) flussi ta' karburant *de minimis*, fejn il-flussi ta' karburant magħżula mill-entità regolata flimkien jammontaw għal inqas minn 1 000 tunnellata ta' CO_2 fossili fis-sena qabel l-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu;";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fejn l-emissjonijiet annwali medji vverifikati użati biex tiġi ddeterminata l-kategorija tal-entità regolata kif imsemmi fil-paragrafu 2 ma jkunux disponibbli jew ma jibqgħux rappreżentattivi għall-fini tal-paragrafu 2, l-entità regolata għandha tuża stima konservattiva tal-emissjonijiet medji annwali kkalkulati qabel l-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu, bl-esklużjoni tas-CO_2 li joriġina minn karburanti bi klassifikazzjoni żero, biex tiddetermina l-kategorija tal-entità regolata.";

(d) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

"4a. B'deroga mill-paragrafi 2, 3 u 4, qabel l-2027, l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-entità regolata tikklassifika lilha nnifisha u lil kull fluss tal-karburant abbażi tal-emissjonijiet wara l-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu, bl-esklużjoni tas-CO_2 li joriġina minn karburanti bi klassifikazzjoni żero, meta l-entità regolata tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-fattur tal-ambitu applikat għall-klassifikazzjoni se jibqa' rappreżentattiv fis-snin futuri.";

(e) il-paragrafu 5 jitħassar.

(44) It-titolu tas-subtaqsima 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Trattament ta' karburanti sintetiċi tal-bijomassa b'livell baxx ta' karbonju, RFNBO u RCF";

(45) l-Artikolu 75m huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu u l-ewwel paragrafu, is-sentenza introduttorja, huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 75m*

Rilaxx ta' flussi tal-karburant li fihom bijomassa, karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju, RFNBO u RCF

1. L-Artikolu 38, l-Artikolu 39, il-paragrafi 1, 3 u 4, u l-Artikolu 39a għandhom japplikaw. Għal dak il-għan:";

(b) fil-paragrafu 3, it-terminu "frazzjoni tal-bijomassa" huwa sostitwit bi "frazzjoni tal-karbonju bi klassifikazzjoni żero".

(46) l-Artikolu 75n huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra entità regolata bħala entità regolata b'emissjonijiet baxxi meta tiġi ssodisfata tal-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) mill-2027 sal-2030, l-emissjonijiet annwali medji vverifikati fis-sentejn ta' qabel il-perjodu ta' rapportar qabel l-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu, bl-esklużjoni tas-CO_2 li joriġina minn karburanti bi klassifikazzjoni żero, kienu inqas minn 1 000 tunnellata ta' CO_2 fis-sena;

(b) mill-2031, l-emissjonijiet annwali medji ta' dik l-entità regolata rrapportati fir-rapporti vverifikati dwar l-emissjonijiet matul il-perjodu ta' negozjar immedjatament qabel il-perjodu ta' negozjar attwali, ikkalkulati qabel l-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu u bl-esklużjoni tas-CO_2 li joriġina minn karburanti bi klassifikazzjoni żero, kienu inqas minn 1 000 tunnellata ta' CO_2 fis-sena;

(c) fejn l-emissjonijiet annwali medji msemmija fil-punt (a) ma jkunux disponibbli jew ma jibqgħux rappreżentattivi għall-fini tal-punt (a), iżda l-emissjonijiet annwali ta' dik l-entità regolata għall-5 snin li ġejjin, ikkalkulati qabel l-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu u bl-esklużjoni tas-CO_2 li joriġina minn karburanti bi klassifikazzjoni żero, se jkunu, abbażi ta' metodu ta' stima konservattiva, inqas minn 1 000 tunnellata ta' CO_2(e) fis-sena.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:

"1a. B'deroga mill-paragrafu 1, qabel l-2027, l-awtorità kompetenti tista' tqis entità regolata bħala entità regolata b'emissjonijiet baxxi abbażi tal-emissjonijiet wara l-applikazzjoni tal-fattur tal-ambitu, bl-esklużjoni tas-CO_2 li joriġina minn karburanti bi klassifikazzjoni żero, meta l-entità regolata tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-fattur tal-ambitu applikat għall-klassifikazzjoni se jibqa' rappreżentattiv fis-snin futuri.";

(47) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(i) fil-punt (4), il-punt (g), it-terminu "bijomassa" huwa sostitwit b'"karburanti bi klassifikazzjoni żero";

(ii) fil-punt (7), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-metodu ta' stima konservattiva użat għad-determinazzjoni tal-frazzjoni bi klassifikazzjoni żero u l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero ta' CO_2 inerenti jew ittrasferit f'konformità mal-Artikoli 48, 49 jew 49a;";

(iii) il-punt (8) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(8) deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija ta' monitoraġġ fejn is-CO_2 huwa marbut kimikament f'konformità mal-Artikolu 49a, fejn xieraq fil-forma ta' deskrizzjoni tal-proċeduri bil-miktub applikati, inklużi dawn li ġejjin:

(a) il-proċeduri għad-determinazzjoni ta' jekk prodott li fih is-CO_2 ikun marbut kimikament b'mod permanenti f'konformità mal-Artikolu 49a(1) ta' dan ir-Regolament, jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament delegat skont l-Artikolu 12(3b) tad-Direttiva 2003/87/KE u t-tipi ta' użi ta' dawk il-prodotti;

(b) deskrizzjoni tal-metodoloġija tal-kalkolu għad-determinazzjoni tal-ammonti ta' CO_2 marbuta kimikament b'mod permanenti f'konformità mal-Artikolu 49a(2)".

(iv) jiddaħħlu l-punti (9) u (9a) li ġejjin:

"(9) meta applikabbli, deskrizzjoni tal-proċedura użata biex jiġi vvalutat jekk il-flussi minn sorsi bi klassifikazzjoni żero jikkonformawx mal-Artikolu 38(5) jew 39a(3) jew 39a(4);

(9a) meta applikabbli, deskrizzjoni tal-proċedura użata biex jiġu ddeterminati l-kwantitajiet tal-bijogass bi klassifikazzjoni żero abbażi tar-rekords ta' xiri f'konformità mal-Artikolu 39(4), jew il-kwantitajiet ta' RFNBO jew RCF bi klassifikazzjoni żero f'konformità mal-Artikolu 39a(5);";

(b) It-Taqsima 2 hija emendata kif ġej:

(i) il-punt (1) huwa emendat kif ġej:

— il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) deskrizzjoni tal-proċeduri, is-sistemi u r-responsabbiltajiet użati biex tiġi aġġornata l-kompletezza tal-lista tas-sorsi tal-emissjonijiet matul is-sena ta' monitoraġġ bl-għan li tiġi żgurata l-kompletezza tal-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 tal-inġenji tal-ajru li jkunu ta' proprjetà tagħhom kif ukoll tal-inġenji tal-ajru mikrija;";

— il-punti (k), (l) u (m) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(k) konferma jekk l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandux l-intenzjoni li juża xi waħda mill-għodod imsemmija fl-Artikolu 55(2) ta' dan ir-Regolament u jekk l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandux l-intenzjoni li juża s-simplifikazzjoni skont l-Artikolu 28a(4) tad-Direttiva 2003/87/KE;

(l) fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-proċedura użata biex jiġi vvalutat jekk bijokarburant bi klassifikazzjoni żero, RFNBO, RCF, jew karburant sintetiku b'livell baxx ta' karbonju jikkonformawx mal-Artikolu 54c ta' dan ir-Regolament;

(m) fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-proċedura użata biex jiġu ddeterminati l-kwantitajiet ta' karburanti tal-avjazzjoni alternattivi f'konformità mal-Artikolu 53(1) u biex jiġi żgurat li l-karburanti puri rrapportati jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 53a ta' dan ir-Regolament;";

— il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(o) meta applikabbli, deskrizzjoni tal-proċedura użata biex jiġu ddeterminati l-kwantitajiet ta' karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 54a(3) u biex jiġi żgurat li l-karburanti rrapportati jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 54a(4) u 54a(5) ta' dan ir-Regolament;";

— jiddaħħlu l-punti (p) u (q) li ġejjin:

"(p) konferma dwar jekk l-operatur ta' inġenju tal-ajru joperax xi titjiriet skont l-Artikolu 56a(1);

(q) konferma dwar jekk l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandux il-ħsieb li juża biss in-NEATS biex jiddetermina l-effetti tal-avjazzjoni marbuta mas-CO_2, jekk għad-*data* monitorjata kollha jew parti minna, għandux il-ħsieb li juża l-għodod tal-IT tiegħu stess jew ta' parti terza kif deskritt fl-Artikolu 56a(7);";

(ii) fil-punt (2), is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"2. Għall-fini tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru li mhumiex emittenti żgħar f'konformità mal-Artikolu 55(1) jew li ma għandhomx il-ħsieb li jużaw għodda ta' emittent żgħir f'konformità mal-Artikolu 55(2):";

(iii) jiddaħħal il-punt (3) li ġej:

"3. Għall-iskop tal-monitoraġġ tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, il-pjan ta' monitoraġġ għandu jkun fih, kif rilevanti, l-informazzjoni li ġejja għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru li ma jużawx biss in-NEATS biex jiddeterminaw l-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2:

(a) deskrizzjoni tal-modulu tal-ħruq tal-karburant u tal-istima tal-emissjonijiet, il-mudell ta' kalkolu tas-CO_2(e) u l-għodod tal-IT assoċjati li l-operaturi ta' inġenji tal-ajru beħsiebhom jużaw;

(b) deskrizzjoni u dijagramma sekwenzjali tal-proċess ta' monitoraġġ tad-*data* relatata mal-mudell ta' kalkolu tas-CO_2(e) kif deskritt fl-Anness IIIa, it-Taqsima 4 ta' dan ir-Regolament;

(c) deskrizzjoni tal-proċedura bil-miktub biex jiġi żgurat li tintuża *data* xierqa biex jiddaħħlu fil-mudelli ta' kalkolu tas-CO_2(e) f'konformità mal-Anness IIIa ta' dan ir-Regolament u li jitqiesu l-effetti klimatiċi tal-aġenti kollha mhux marbuta mas-CO_2 fuq bażi ta' kull titjira;

(d) deskrizzjoni tal-proċedura bil-miktub għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-lakuni fid-*data* u l-applikazzjoni tal-valuri predefiniti deskritti fl-Anness IIIa, it-Taqsima 5 u l-Anness IIIb ta' dan ir-Regolament, biex jimtlew il-lakuni fid-*data*.";

(c) fit-Taqsima 4, il-punt (3) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-proċedura użata biex jiġi vvalutat jekk il-flussi ta' karburant bi klassifikazzjoni żero jikkonformawx mal-Artikolu 38(5), jew 39a(3), jew 39a(4) u, fejn rilevanti, mal-Artikolu 75 m(2) ta' dan ir-Regolament;";

(48) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) It-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(i) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn it-Tabella 1 ma tinkludix attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE u l-bilanċ tal-massa stabbilit fl-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament ma jiġix applikat, l-operatur għandu juża l-livelli elenkati fit-Tabella 1 taħt "Kombustjoni ta' karburanti u karburanti użati bħala input ta' proċess" għal dawk l-attivitajiet.";

(ii) it-Tabella 1 hija emendata kif ġej:

— il-ħdax-il ringiela, l-intestatura **"Raffinerija ta' żejt minerali"**, hija sostitwita b'dan li ġej:

"Raffinerija ta' żejt";

— il-wieħed u ħamsin ringiela, l-intestatura "**Produzzjoni ta' aluminju primarju**", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Produzzjoni ta' aluminju primarju jew tal-alumina**";

— tiżdied ir-ringiela li ġejja fl-aħħar tat-Tabella:

"Il-qbid, it-trasferiment u l-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 fis-sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE					
Bilanċ tal-massa ta' CO_2 ittrasferit	CO_2 ittrasferit lejn jew barra minn installazzjoni, infrastruttura tat-trasport jew sit tal-ħżin, emissjonijiet ivventjati, rilokati jew li jaħarbu [t]	± 7,5 %	± 5 %	± 2,5 %	± 1,5 %
L-ivventjar tas-CO_2, ir-rilokazzjoni, u l-emissjonijiet li jaħarbu	CO_2 ivventjat, rilokat jew minn emissjonijiet li jaħarbu [t]	± 17,5 %	± 12,5 %	± 7,5 %";	

(b) fit-Taqsima 2.1, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn frazzjoni tal-bijomassa, jew frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju tiġi ddeterminata għal karburant jew materjal imħallat, il-livelli definiti għandhom ikunu relatati mal-fattur ta' emissjoni preliminari. Għall-karburanti u l-materjali fossili, il-livelli għandhom ikunu relatati mal-fattur ta' emissjoni.";

(c) it-Taqsima 2.4, hija sostitwita b'dan li ġej:

"2.4 **Livelli għall-frazzjoni tal-bijomassa**

Livell 1: L-operatur għandu japplika valur applikabbli ppubblikat mill-awtorità kompetenti jew il-Kummissjoni, jew valuri f'konformità mal-Artikolu 31(1).

Livell 2: L-operatur għandu japplika metodu ta' stima approvat f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 39(2).

Livell 3a: L-operatur għandu japplika analiżi f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 39(2), u f'konformità mal-Artikoli 32 sa 35.

Livell 3b: Għall-karburanti li joriġinaw minn proċess ta' produzzjoni bi flussi ta' input definiti u traċċabbli, l-operatur jista' jibbaża l-istima fuq bilanċ materjali tal-karbonju fossili u tal-bijomassa li jidħol u joħroġ mill-proċess, bħas-sistema ta' bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Fejn operatur jassumi frazzjoni fossili ta' 100 % f'konformità mal-Artikolu 39(1) ta' dan ir-Regolament, ma għandu jiġi assenjat l-ebda livell għall-frazzjoni tal-bijomassa";

(d) tiddaħħal it-Taqsima 2.5 li ġejja:

"2.5 **Livelli għal frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju**

Livell 1: L-operatur għandu jiddetermina l-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju abbażi tas-sistema tal-bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Fejn operatur jassumi frazzjoni fossili ta' 100 % f'konformità mal-Artikolu 39a(1) ta' dan ir-Regolament, ma għandu jiġi assenjat l-ebda livell għall-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew għall-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju.";

(e) It-Taqsima 3.1 hija emendata kif ġej:

(i) it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fejn frazzjoni tal-bijomassa jew frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju tiġi ddeterminata għal karburant jew materjal imħallat, il-livelli definiti għandhom jirrigwardaw il-kontenut totali ta' karbonju. Il-frazzjoni tal-bijomassa tal-karbonju għandha tiġi ddeterminata bl-użu tal-livelli definiti fit-Taqsima 2.4 ta' dan l-Anness. Il-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew il-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju għandha tiġi ddeterminata bl-użu tal-livelli definiti fit-Taqsima 2.5 ta' dan l-Anness.";

(ii) fis-subintestatura Livell 2b, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Livell 2b**: L-operatur għandu jidderiva l-kontenut tal-karbonju minn fatturi ta' emissjoni għall-karburant abbażi ta' waħda mill-alternattivi stabbiliti li ġejjin b'kombinazzjoni ma' korrelazzjoni empirika kif iddeterminat mill-inqas darba fis-sena f'konformità mal-Artikoli 32 sa 35 ta' dan ir-Regolament:";

(f) tiżdied it-Taqsima 3.4 li ġejja:

"3.4 **Livelli għal frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju**

Għandhom jintużaw il-livelli definiti fit-Taqsima 2.5 ta' dan l-Anness.";

(g) (g) fit-Taqsima 4, qabel it-Taqsima 4.1, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"B'deroga mid-dispożizzjonijiet f'din it-taqsima u s-subtaqsimiet li ġejjin, l-operaturi jistgħu jikklassifikaw l-emissjonijiet ta' proċess minn materjali bħala żero, sakemm dawk il-materjali jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ma jissodisfawx id-definizzjonijiet ta' RFNBOs jew RCFs jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju;

(ii) ġew prodotti f'installazzjoni oħra koperta mid-Direttiva 2003/87/KE;

(iii) is-CO_2 kien marbut kimikament biex jipproduċi l-materjali;

(iv) l-installazzjoni li emettiet is-CO_2 fil-punt (iii), inkludiet dan is-CO_2 fir-rapport annwali tagħha dwar l-emissjonijiet;

(v) ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjoni ta' prodott li huwa elenkat fir-Regolament delegat adottat skont l-Artikolu 12(3b) tad-Direttiva 2003/87/KE.";

(h) tiżdied it-Taqsima 4.7 li ġejja:

"4.7 **Livelli għall-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju**

Għandhom jintużaw il-livelli definiti fit-Taqsima 2.5 ta' dan l-Anness.";

(49) L-Anness IIa huwa emendat kif ġej:

(a) fit-Taqsima 2.1, jiddaħħal it-tieni subparagrafu wara l-ewwel subparagrafu:

"Fejn frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju tiġi ddeterminata għal karburant imħallat, il-livelli definiti għandhom ikunu relatati mal-fattur ta' emissjoni preliminari";

(b) tiddaħħal it-Taqsima 2.3a li ġejja:

"2.3a **Livelli għal frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju**

Livell 1: L-operatur għandu jiddetermina frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju abbażi tas-sistema tal-bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Meta operatur jassumi frazzjoni fossili ta' 100 % f'konformità mal-Artikolu 39a(1) ta' dan ir-Regolament, ma għandu jiġi assenjat l-ebda livell għall-frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF jew għall-frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju.";

(50) fl-Anness III, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Metodoloġiji ta' monitoraġġ għall-emissjonijiet mill-avjazzjoni (Artikolu 53)";

(51) jiddaħħlu l-Annessi IIIa u IIIb li ġejjin:

"*ANNESS IIIa*

Metodoloġiji ta' monitoraġġ għall-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 (Artikolu 56a)

1. DEFINIZZJONIJIET RELATATI MAL-EFFETTI TAL-AVJAZZJONI MHUX MARBUTA MAS-CO_2

1. "informazzjoni dwar it-titjira" tfisser mill-inqas is-sinjal tas-sejħa kif previst fl-Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament, il-jum u l-ħin tat-tluq u tal-wasla tat-titjira, espress fil-ħin universali koordinat (UTC) u l-kodiċi tal-ICAO u/jew l-identifikaturi tal-post tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) għall-ajruporti tal-oriġini u tad-destinazzjoni li permezz tagħhom tista' ssir identifikazzjoni unika tat-titjira partikolari;

2. "informazzjoni dwar il-fażi tat-titjira" tfisser il-qsim tad-*data* (eż. il-pożizzjoni 4D tal-inġenju tal-ajru, il-fluss ta' karburant) skont il-fażijiet operattivi tat-titjira (qtugħ mill-art, tlugħ, cruising, eċċ.);

3. "envelopp tat-titjira tal-operazzjoni" tfisser il-konfini tal-altitudni, il-veloċità tal-inġenju tal-ajru, u l-fattur tat-tagħbija għal kull fażi tat-titjira;

4. "veloċità tal-ajru reali" tfisser il-veloċità tal-inġenju tal-ajru relattiva għall-massa tal-arja li minnha jkun qed itir, f'metri kull sekonda (m/s);

5. "pożizzjoni 4D tal-inġenju tal-ajru" tfisser il-pożizzjoni b'erba' dimensjonijiet ta' inġenju tal-ajru ddefinita mil-latitudni tiegħu, fi grad deċimali; longitudni, fi grad deċimali; u l-altitudni, fl-altitudni tal-pressjoni, fi kwalunkwe mument partikolari bejn il-bidu u t-tmiem tat-titjira;

6. "kronogramma" tfisser stampa tad-*data* (eż. il-pożizzjoni 4D tal-inġenju tal-ajru, il-fluss ta' karburant) li tikkorrispondi għal kwalunkwe mument partikolari, f'sekondi, matul it-titjira u li għandha titqies flimkien mal-intervall ta' ħin;

7. "intervall ta' ħin" tfisser il-ħin, f'sekondi, bejn żewġ kronogrammi matul it-titjira, li ma jaqbiżx is-60 sekonda;

8. "l-aħħar pjan tat-titjira" tfisser l-aħħar pjan tat-titjira disponibbli u rikonoxxut mis-servizz tan-navigazzjoni bl-ajru rilevanti għal titjira partikolari, qabel ma sseħħ. L-aħħar pjan tat-titjira jista' jkun il-Mudell Tattiku tat-Titjira Regolat (RTFM, Regulated Tactical Flight Model) tal-Eurocontrol), jew inkella l-Mudell Tattiku tat-Titjira Reġistrat (FTFM, Filed Tactical Flight Model) tal-Eurocontrol jew ekwivalenti mil-lat ta' preċiżjoni tad-*data*;

9. "trajettorja tat-titjira li jkun tar" tfisser it-trajettorja segwita mill-inġenju tal-ajru mill-punt tal-oriġini (tluq) sad-destinazzjoni tiegħu (wasla), magħmula mill-kronogrammi kollha, irreġistrati matul it-titjira. It-trajettorja tat-titjira li jkun tar tista' tinkiseb mit-tagħmir li jirreġistra d-*data* tat-titjira jew minn parti terza. Il-preċiżjoni tagħha għandha tkun ekwivalenti, meta possibbli, għall-Mudell Tattiku tat-Titjira Kurrenti (CTFM, Current Tactical Flight Model) tal-Eurocontrol;

10. "tagħmir li jirreġistra d-*data* tat-titjira" tfisser apparat elettroniku speċjalizzat installat fl-inġenju tal-ajru għall-fini tar-reġistrazzjoni ta' diversi parametri u avvenimenti matul l-operazzjonijiet ta' titjir. Dawn il-parametri jistgħu jinkludu iżda mhumiex limitati għal inputs tal-kontroll tat-titjir, informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-inġenji tal-ajru, *data* tal-magna, informazzjoni dwar in-navigazzjoni.

11. "varjabbli radjattivi tridimensjonali" tfisser għadd ta' varjabbli bħad-densità tal-fluss radjattiv, ir-rati ta' tisħin radjattivi, li jiddeskrivu kif ir-radjazzjoni tvarja skont l-ispazju, inkluż il-wiċċ u l-atmosfera tad-Dinja, u kif tinbidel maż-żmien;

12. "pressjoni" tfisser il-forza, f'Pascals (Pa), eżerċitata bil-piż tal-arja fl-atmosfera 'l fuq minn punt partikolari fejn l-inġenju tal-ajru jkun jinsab fi kwalunkwe mument partikolari matul it-titjira filwaqt li jitqiesu varjabbli radjattivi tridimensjonali;

13. "temperatura tal-arja ambjentali" tfisser it-temperatura tal-arja, f'Kelvin (K), madwar inġenju tal-ajru fi kwalunkwe mument partikolari matul it-titjira u mogħtija għal varjabbli radjattivi tridimensjonali;

14. “umdità speċifika” tfisser il-proporzjon ta’ fwar tal-ilma għal kull kilogramma tal-massa totali tal-arja (kg/kg) madwar inġenju tal-ajru fi kwalunkwe mument partikolari matul it-titjira u mogħti għal varjabbli radjattivi tridimensjonali;

15. “Atmosfera Standard Internazzjonali (ISA)” tfisser standard li miegħu titqabbel l-atmosfera attwali fi kwalunke punt u ħin, abbażi tal-valuri speċifiċi tal-pressjoni, tad-densità, u tat-temperatura fil-livell medju tal-baħar, li kull wieħed minnhom jonqos meta jiżdied l-għoli;

16. “*data* bażika dwar it-temp” tfisser il-kategorija ta’ informazzjoni raggruppata għal kull titjira, mill-inqas il-pressjoni, it-temperatura tal-arja ambjentali u l-umdità speċifika, użata fil-modulu tal-ħruq tal-karburant u l-modulu tal-istima tal-emissjonijiet. Hawnhekk, dawn il-valuri jistgħu jiġu stmati mill-inqas permezz ta’ korrezzjoni standardizzata li tiddependi mill-altitudni u/jew ikunu bbażati fuq osservazzjonijiet ta’ wara l-operazzjoni minn partijiet terzi;

17. “umdità relattiva fuq is-silġ” tfisser il-konċentrazzjoni tal-fwar tal-ilma, f’perċentwal, preżenti fl-arja meta mqabbla mal-konċentrazzjoni tiegħu fil-punt ta’ saturazzjoni tas-silġ;

18. “riħ fid-direzzjoni tal-Lvant u fid-direzzjoni tat-Tramuntana” tfisser il-veloċità orizzontali tal-arja li timxi lejn il-Lvant jew it-Tramuntana, f’metri kull sekonda, fi kwalunkwe mument partikolati ta’ żmien waqt titjira u mogħtija għal varjabbli radjattivi tridimensjonali;

19. “veloċità vertikali” tfisser il-veloċità tal-moviment tal-arja fid-direzzjoni ’l fuq jew ’l isfel (f’Pa/s), fejn il-valuri negattivi tal-veloċità vertikali jindikaw moviment ’il fuq. Huwa meħtieġ li jiġu kkalkulati, eż., l-avvezzjoni u l-gradjent tar-riħ;

20. “kontenut speċifiku tal-ilma tas-silġ fis-sħab” tfisser il-massa ta’ partikoli tas-silġ fis-sħab għal kull kilogramma tal-massa totali tal-arja niedja (kg/kg) madwar inġenju tal-ajru fi kwalunkwe mument partikolari matul it-titjira u mogħtija għal varjabbli radjattivi tridimensjonali;

21. “ġeopotenzjal” tfisser il-qawwa tal-kamp gravitazzjonali esperjenzata minn inġenju tal-ajru f’altitudnijiet differenti, fi kwalunkwe mument partikolari matul it-titjira, f’metri kwadri għal kull sekonda kwadrata (m^2/s^2) u mogħtija għal varjabbli radjattivi tridimensjonali;

22. “radjazzjoni b’mewġa twila ħierġa” tfisser ir-radjazzjoni totali rilaxxata fl-ispazju mis-sistema tal-atmosfera tad-dinja, f’W/m^2, fi kwalunkwe mument partikolari matul it-titjira u mogħtija għal varjabbli radjattivi tridimensjonali;

23. “radjazzjoni solari riflessa” tfisser il-porzjon tad-dawl tax-xemx li huwa rifless lura fl-ispazju mill-wiċċ tad-dinja, is-sħab, l-aerosols, u partikoli atmosferiċi oħra, f’W/m^2, fi kwalunkwe mument partikolari matul it-titjira u mogħti għal varjabbli radjattivi tridimensjonali;

24. “radjazzjoni solari diretta” tfisser il-porzjon tad-dawl tax-xemx li jilħaq il-wiċċ tad-Dinja direttament mix-Xemx mingħajr ma jiġi mxerred jew rifless mill-atmosfera jew mis-sħab, f’W/m^2, fi kwalunkwe mument partikolari matul it-titjira u mogħti għal varjabbli radjattivi tridimensjonali;

25. “mudell ta’ referenza komuni għat-Tbassir Numeriku tat-Temp (NWP)” tirreferi għal sistema komputazzjonali utilizzata fil-meteoroloġija, li tinkludi algoritmi u formulazzjonijiet matematiċi implimentati f’software, imfassla biex jissimulaw, u jbassru l-kundizzjonijiet atmosferiċi fuq dominju spazjali u temporali definit (grilja spazjali). Fil-każ tad-*data* mtejba dwar it-temp, il-Kummissjoni tipprovdi mudell NWP ta’ referenza komuni permezz tan-NEATS;

26. “*data* mtejba dwar it-temp” tfisser il-kategorija ta’ informazzjoni għal kull titjira, li tinkludi l-pressjoni, it-temperatura ambjentali, l-umdità speċifika, l-umdità relattiva fuq is-silġ, ir-riħ fid-direzzjoni tal-Lvant u fid-direzzjoni tat-Tramuntana, il-veloċità vertikali, il-kontenut speċifiku tal-ilma tas-silġ fis-sħab, il-ġeopotenzjal, il-longwave ’il barra, ir-radjazzjoni solari riflessa u solari diretta riflessa, meħuda bħala input minn mudell NWP ta’ referenza komuni, ipprovdut mill-Kummissjoni permezz tan-NEATS;

27. “identifikatur tal-magna” tfisser in-numru tal-identifikatur uniku tal-magna tal-inġenju tal-ajru kif jinsab fil-bank tad-*data* tal-emissjonijiet tal-magna tal-ICAO, jew ekwivalenti, li jippermetti l-identifikazzjoni inekwivokabbli tal-magni mwaħħla mal-inġenju tal-ajru, permezz ta’ listi standardizzati rikonoxxuti internazzjonalment;

28. “massa tal-inġenju tal-ajru” tfisser il-massa f’kilogrammi tal-inġenju tal-ajru tul it-trajettorja, li hija ugwali għat-tnaqqis mill-massa tal-qtugħ, tal-ħruq tal-karburant matul it-titjira fi kwalunkwe mument partikolari. Jekk il-massa tal-inġenju tal-ajru ma tkunx disponibbli, din tista’ tiġi approssimata abbażi tal-massa waqt il-qtugħ mill-art jew tal-fattur tat-tagħbija, u jew il-fluss ta’ karburant partikolari jew il-fluss ta’ karburant kif ikkalkulat minn simulazzjoni tal-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru bl-użu tal-modulu tal-ħruq tal-karburant;

29. “massa waqt il-qtugħ” tfisser il-massa tal-inġenju tal-ajru fil-bidu tal-ġirja tal-qtugħ, inkluż dak kollu li jinġarr f’dak il-mument, f’kilogrammi. Tintuża biex tiġi approssimata l-massa tal-inġenju tal-ajru jekk din tal-aħħar ma tiġix ipprovduta. Jekk il-massa waqt il-qtugħ ma tkunx disponibbli, din tista’ tiġi approssimata abbażi tal-fattur tat-tagħbija;

30. “massa massima waqt il-qtugħ” hija l-massa massima, f’kilogrammi, li fiha l-bdot ta’ inġenju tal-ajru jitħalla jitlaq, kif speċifikat mill-manifattur tal-inġenju tal-ajru;

31. “massa massima tat-tagħbija utli” hija l-massa massima ta’ passiġġieri u bagalji relatati, il-massa tal-merkanzija, inklużi l-posta u l-bagalji tal-idejn, li jistgħu jiġu ttrasportati minn inġenju tal-ajru. Il-valuri għat-tagħbija utli massima jistgħu jinkisbu mill-modulu tal-ħruq tal-karburant applikat;

32. “fattur tat-tagħbija” tfisser il-piż tal-passiġġieri, tal-merkanzija u tal-bagalji, inklużi l-posta u l-bagalji tal-idejn, espress bħala frazzjoni tal-massa tat-tagħbija utli massima. Il-fattur tat-tagħbija jintuża biex tiġi approssimata l-massa waqt il-qtugħ jekk din tal-aħħar ma tkunx ipprovduta. Jekk il-fattur tat-tagħbija ma jkunx disponibbli, għandu jintuża valur predefinit konservattiv, f’konformità mal-Anness IIIa, it-Taqsima 5;

33. “fluss ta’ karburant” tfisser il-massa ta’ karburant f’kilogrammi li jgħaddi mis-sistema tal-karburant tal-inġenju tal-ajru u fil-magni tal-inġenju tal-ajru kull sekonda matul it-titjira. Jista’ jiġi mmudellat matul l-ippjanar tat-titjira, imkejjel waqt it-titjira, jew stmat permezz tal-modulu tal-ħruq tal-karburant;

34. “effiċjenza tal-magna tal-inġenju tal-ajru” tfisser il-perċentwal ta’ forza propulsiva utli ġġenerata minn magna tal-inġenju tal-ajru meta mqabbla mal-input tal-enerġija mill-karburant;

35. “prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru” tfisser il-kategorija ta’ informazzjoni li tinkludi l-fluss ta’ karburant u l-effiċjenza tal-magna tal-inġenju tal-ajru permezz tal-kronogrammi kollha;

36. “proporzjon ta’ idroġenu għall-karbonju (H/C) ta’ karburant għal kull titjira” tfisser l-għadd ta’ atomi tal-idroġenu (H) għal kull atomu tal-karbonju (C) għal kull molekula tal-karburant użat għal kull titjira;

37. “kontenut aromatiku ta’ karburant għal kull titjira” tfisser il-perċentwal ta’ idrokarburi aromatiċi preżenti fil-karburant użat għal kull titjira;

38. “proprjetajiet tal-karburant ta’ titjira” tfisser il-kategorija ta’ informazzjoni li għal kull titjira tinkludi l-proporzjon tal-idroġenu għall-karbonju, il-kontenut aromatiku, u l-valur kalorifiku nett tal-karburant abbord;

2. SISTEMA TA’ TREKKJAR TAL-EFFETTI TAL-AVJAZZJONI MHUX MARBUTA TAS-CO_2 (NEATS)

In-NEATS hija pprovduta mill-Kummissjoni lill-operaturi ta’ inġenji tal-ajru, lill-verifikaturi akkreditati u lill-awtoritajiet kompetenti għall-fini tal-iffaċilitar u, sa fejn ikun possibbli, tal-awtomatizzazzjoni tal-monitoraġġ, tar-rapportar u tal-verifika tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, sabiex jiġi minimizzat kwalunkwe piż amministrattiv.

In-NEATS hija allinjata mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 75(1) ta’ dan ir-Regolament u tipprovdi interfaċċa tal-utent iddedikata u sigura għal kull operatur ta’ inġenju tal-ajru, verifikatur u awtorità kompetenti.

Monitoraġġ:

In-NEATS tissimplifika l-proċess ta’ monitoraġġ peress li tinkorpora direttament, jew tagħti aċċess għal, *data* disponibbli dwar it-trajettorji tat-titjiriet u t-temp miġbura minn partijiet terzi li tippermetti li jiġi minimizzat il-monitoraġġ mill-operaturi ta’ inġenji tal-ajru għall-proprjetajiet tal-inġenju tal-ajru, kif ukoll għall-proprjetajiet tal-karburant, fejn meħtieġ, kif definit fit-Taqsima 1 tal-Anness IIIa jew li jsir kompletament awtomatiku skont l-użu tal-valuri predefiniti.

In-NEATS tinkorpora l-approċċi tal-kalkolu tas-CO_2(e) kif elenkati fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 56a ta’ dan ir-Regolament u tipprovdi mudell NWP ta’ referenza komuni, fejn tkun meħtieġa *data* mtejba dwar it-temp (il-Metodu C). Dan jirriżulta fil-kalkolu tas-CO_2(e) għal kull titjira bħala parti mid-*data* mmonitorjata.

Rapportar:

In-NEATS tissimplifika l-eżerċizzju ta’ rapportar imsemmi fl-Artikolu 68(5) ta’ dan ir-Regolament. L-għodda tiġġenera awtomatikament it-tabella XML imsemmija fit-Taqsima 2a(9) tal-Anness X ta’ dan ir-Regolament fi tmiem kull sena ta’ rapportar, filwaqt li timminimizza l-piż amministrattiv assoċjat mar-rapportar.

Verifika:

In-NEATS tissimplifika l-verifika u l-kontroverifiki li jsiru rispettivament mill-verifikatur u mill-awtorità kompetenti. Dan jipprovdi l-mezzi biex jiġi vverifikat is-CO_2(e) għal kull titjira, filwaqt li tiġi protetta *data* kunfidenzjali.

Ħżin tad-data:

In-NEATS tippermetti li tinħażen id-*data* kollha (mill-operaturi ta' inġenji tal-ajru u minn partijiet terzi), u tikkodifika u tipproteġi b'mod sigur mir-rilaxx ta' *data* kunfidenzjali, meta tali *data* tittella' mill-operatur ta' inġenju tal-ajru fuq in-NEATS, sakemm tiġi identifikata bħala kunfidenzjali mill-operatur ta' inġenju tal-ajru.

Trasparenza:

In-NEATS tiddependi fuq mudelli tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku biex tikkalkula s-CO_2(e) għall-effetti mhux tas-CO_2. L-operaturi ta' inġenji tal-ajru jistgħu jiżviluppaw l-għodod tagħhom stess jew jużaw għodod ta' partijiet terzi, dment li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Anness.

In-NEATS għandha tikkontribwixxi għal sit web pubbliku li jiġbor fil-qosor id-*data* mhux kunfidenzjali u s-CO_2(e) għal kull titjira u għal kull operatur ta' inġenju tal-ajru.

3. MODULI TAL-ĦRUQ TAL-KARBURANT U TAL-ISTIMA TAL-EMISSJONIJIET GĦALL-EFFETTI TAL-AVJAZZJONI MHUX MARBUTA MAS-CO_2

Modulu tal-ħruq tal-karburant:

Il-modulu tal-ħruq tal-karburant huwa bbażat fuq approċċ kinetiku għall-immudellar tal-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru, li jippermetti li jiġu mbassra b'mod preċiż it-trajettorji tal-inġenji tal-ajru u l-konsum assoċjat tal-karburant tul l-envelopp tat-titjira tal-operat kollu u fil-fażijiet kollha ta' titjira. Il-mudell jipproċessa l-prinċipji fundamentali teoretiċi biex jikkalkula l-parametri tal-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru, inkluża informazzjoni dwar ir-reżistenza, l-irfigħ, il-piż, il-forza propulsiva, il-konsum tal-karburant, kif ukoll il-veloċitajiet għall-fażijiet tat-tlugħ, tal-kruċiera u tal-inżul ta' inġenju tal-ajru, jekk wieħed jassumi operazzjonijiet normali tal-inġenju tal-ajru. Barra minn hekk, il-koeffiċjenti speċifiċi għall-inġenji tal-ajru huma inputs tad-*data* ewlenin għall-komputazzjoni tal-ippjanar tat-trajettorja tat-titjira ta' tipi speċifiċi ta' inġenji tal-ajru.

Modulu tal-istima tal-emissjonijiet:

Il-modulu tal-istima tal-emissjonijiet jippermetti li jiġu kkalkulati l-emissjonijiet tal-magni tal-inġenji tal-ajru ta' NOx, HC, u CO permezz ta' ekwazzjonijiet ta' korrelazzjoni mingħajr mudelli ta' prestazzjoni tal-ajruplan u tal-magna proprjetarji flimkien ma' karatterizzazzjonijiet tal-emissjonijiet mill-magni proprjetarji. Dan il-modulu japplika indiċijiet tal-emissjonijiet tal-egżost (EIs) miċ-ċertifikazzjoni tat-tip ta' magna tal-ICAO taħt kundizzjonijiet ta' referenza predefiniti fuq l-art u jistma l-EIs korrispondenti matul il-kundizzjonijiet tat-titjir bis-suppożizzjoni ta' kundizzjonijiet tal-atmosfera standard internazzjonali (ISA) bl-użu ta' fatturi ta' korrezzjoni għad-differenzi fil-kundizzjonijiet ISA tat-temperatura, il-pressjoni u l-umdità.

4. MUDELLI TA' KALKOLU TAS-CO_2(e) GĦAL EFFETTI TAL-AVJAZZJONI MHUX MARBUTA MAS-CO_2

Kriterji ġenerali:

Fil-mudelli ta' kalkolu tas-CO_2(e), l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jikkunsidra l-effetti klimatiċi tal-aġenti kollha mhux tas-CO_2 fuq bażi ta' kull titjira inklużi t-trajettorji tat-titjira (il-pjan tat-titjira u t-trajettorji tat-titjira li jkun tar), kif ukoll il-proprjetajiet tal-inġenju tal-ajru u tal-karburant ta' titjira. L-emissjonijiet minn kull titjira għandhom jitqiesu bħala emissjonijiet f'impuls. Meta jiġu applikati l-mudelli ta' kalkolu tas-CO_2(e), id-*data* dwar l-emissjonijiet tal-inġenji tal-ajru dipendenti mit-trajettorja tat-titjira għandha tintuża biex jiġu kkalkulati l-elementi kollha li ġejjin:

(a) bidliet fil-kompożizzjoni;

(b) evoluzzjoni temporali ta' sfurzar radjattiv ikkawżat minn bidliet fil-kompożizzjoni;

(c) bidliet fit-temperatura qrib is-superfiċje kkawżati minn emissjonijiet tal-inġenji tal-ajru dipendenti fuq it-trajettorja tat-titjira.

L-isforzi amministrattivi u komputazzjonali għandhom jinżammu baxxi biex tiġi żgurata l-fattibbiltà għall-partijiet ikkonċernati kollha. Il-mudell(i) għandu/hom ikun(u) trasparenti u adattat(i) għall-użu operazzjonali.

Skont il-mudell, hemm żewġ tipi ta' listi ta' rekwiżiti:

Metodu C:

Għall-approċċ ibbażat fuq it-temp, għandhom jitqiesu l-effetti klimatiċi dettaljati tal-emissjonijiet mhux tas-CO_2 tal-inġenji tal-ajru kollha f'post u f'ħin speċifiku filwaqt li titqies l-informazzjoni attwali dwar it-temp biex jiġu kkalkulati t-trajettorji b'erba' dimensjonijiet ottimizzati għall-klima għall-ippjanar individwali tat-titjiriet. Sabiex tkun tista' ssir kontabbiltà dettaljata tal-effetti klimatiċi fir-rigward tal-kundizzjonijiet atmosferiċi attwali, inġenji tal-ajru, tipi ta' propulsjoni, kif ukoll proprjetajiet tal-karburant differenti għandhom jiġu kkunsidrati b'mod espliċitu fil-mudelli. Għandhom jiġu inklużi stimi għall-formazzjoni, iċ-ċiklu tal-ħajja u l-effetti klimatiċi ta' kondensazzjoni għal titjiriet individwali kif ukoll il-ħinijiet ta' residenza għall-H_2O u l-NO_x rilaxxati u l-impatt tagħhom fuq il-kompożizzjoni atmosferika. Biex tkun tista' tinħareġ informazzjoni avvanzata għall-użu fl-ippjanar tat-titjir ta' kuljum, il-mudell(i) għandu/hom ikun(u) effiċjenti fil-komputazzjoni.

Kull operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jimmonitorja d-*data* li ġejja għal kull titjira:

(a) l-informazzjoni dwar it-titjira;

(b) it-trajettorja tat-titjira, definita bħala minimu, bħala l-aħħar pjan tat-titjira;

(c) *data* mtejba dwar it-temp;

(d) il-proprjetajiet tal-inġenju tal-ajru;

(e) (fakultattiva) l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru. Il-fluss ta' karburant ippjanat għandu jintuża b'mod preferenzjali, sabiex ikun hemm allinjament mal-aħħar *data* disponibbli dwar il-pjan tat-titjira;

(f) il-proprjetajiet tal-karburant ta' titjira.

Metodu D:

Għall-approċċ simplifikat ibbażat fuq il-post, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu juża mudell(i) ta' rispons għall-klima biex jistma l-impatt tal-effetti kollha mhux marbuta mas-CO_2 għal kull titjira fuq bażi klimatoloġika. L-għodda/għodod għandha/għandhom tintuża/jintużaw biex jiġi vvalutat il-benefiċċju klimatiku tal-possibbiltajiet ġenerali tar-rotot, filwaqt li jitqiesu d-differenzi ġenerali fl-inġenji tal-ajru, fit-tipi ta' propulsjoni u fil-proprjetajiet tal-karburant permezz tal-parametrizzazzjonijiet fiżiċi tagħhom. Is-CO_2(e) ikkalkulat bl-approċċ simplifikat ibażat fuq il-post għandu jagħti medja ta' kwalunkwe devjazzjoni kbira għal titjiriet individwali fuq perjodu itwal ta' żmien. Il-mudell(i) jenħtieġ li jiżgura/jiżguraw sforzi mnaqqsa fil-ħtiġijiet, il-komputazzjoni u l-immaniġġjar tad-*data*, meta mqabbla mal-mudell(i) għall-approċċ ibbażat fuq it-temp.

B'deroga tal-Metodu C, emittenti żgħar, kif definiti fl-Artikolu 55(1) ta' dan ir-Regolament, jistgħu jimmonitorjaw id-*data* li ġejja għal kull titjira:

(a) l-informazzjoni dwar it-titjira;

(b) it-trajettorja tat-titjira, definita mit-trajettorja tat-titjira li jkun tar;

(c) *data* bażika dwar it-temp;

(d) il-proprjetajiet tal-inġenju tal-ajru;

(e) (fakultattiv) informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru matul it-titjira;

(f) (fakultattiv) il-proprjetajiet tal-karburant ta' titjira.

5. UŻU TAL-VALURI PRESTABBILITI GĦALL-EFFETTI TAL-AVJAZZJONI MHUX MARBUTA MAS-CO_2

Soġġett għal aktar skrutinju mill-awtorità kompetenti u l-Kummissjoni, l-użu tal-valuri prestabbiliti għandu dejjem jirriżulta f'CO_2(e) għal kull titjira ogħla meta mqabbel mad-*data* monitorjata.

1. Trajettorja tat-titjira:

   (a) Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Metodu C, għandu jingħata l-aħħar pjan tat-titjira. Jekk l-RTFM, jew l-ekwivalenti, ma jkunx disponibbli, l-RTFM jew l-ekwivalenti jista' jintuża bħala valur prestabbilit. F'dan il-każ, meta d-*data* bil-kronogramma ma tkunx disponibbli, din tista' tiġi kkalkulata permezz ta' interpolazzjoni lineari tad-*data* mkejla li tirriżulta miż-żewġ ħinijiet tal-kejl l-eqreb qabel u wara l-kronogramma kkunsidrata, fl-istess fażi tat-titjira, dment li dan jirriżulta fi trajettorja tat-titjira omoġenja għall-fażi partikolari tat-titjira, speċjalment il-fażi tal-cruising.

   (b) Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Metodu D:

      (i) it-trajettorja tat-titjira li jkun tar għandha dejjem tiġi pprovduta. Jekk is-CTFM, jew l-ekwivalenti, ma jkunx disponibbli, jista' jintuża l-RTFM jew l-FTFM.

(ii) meta d-*data* bil-kronogramma ma tkunx disponibbli, din tista' tiġi kkalkulata permezz ta' interpolazzjoni lineari tad-*data* mkejla li tirriżulta miż-żewġ ħinijiet tal-kejl l-eqreb qabel u wara l-kronogramma kkunsidrata, fl-istess fażi tat-titjira, dment li dan jirriżulta fi trajettorja tat-titjira omoġenja għall-fażi partikolari tat-titjira, speċjalment il-fażi tal-cruising.

2. Proprjetajiet tal-inġenju tal-ajru:

(a) Identifikatur tal-magna: meta ma jiġi pprovdut l-ebda identifikatur tal-magna jew ekwivalenti, għandhom jintużaw valuri predefiniti konservattivi għal kull tip ta' inġenju tal-ajru, kif definit fl-Anness IIIb ta' dan ir-Regolament.

(b) Massa tal-inġenju tal-ajru: jekk il-massa tal-inġenju tal-ajru ma tiġix ipprovduta, l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' jissimula l-massa tal-inġenju tal-ajru billi juża l-massa waqt il-qtugħ. Jekk la l-massa tal-inġenju tal-ajru, u lanqas il-massa waqt il-qtugħ ma jkunu disponibbli, il-fattur tat-tagħbija jista' jintuża biex tiġi approssimata l-massa waqt il-qtugħ. Jekk ma jiġi pprovdut l-ebda fattur tat-tagħbija, jintuża l-valur predefinit ta' 1.

3. Prestazzjoni tal-inġenju tal-ajru:

Fluss ta' karburant: jekk il-fluss tal-karburant ma jiġix ipprovdut mit-tagħmir li jirreġistra d-*data* tat-titjira, l-operatur ta' inġenju tal-ajru jista' juża mezzi oħra biex jikseb il-fluss ta' karburant, f'konformità mat-Taqsima 1 tal-Anness IIIa ta' dan ir-Regolament li jiddefinixxi l-fluss ta' karburant, filwaqt li jqis il-forza propulsiva li tiddependi fuq il-massa tal-inġenju tal-ajru u l-veloċità reali tal-ajru.

4. Proprjetajiet tal-karburant ta' titjira:

Jekk ma tiġi pprovduta l-ebda proprjetà tal-karburant ta' titjira, jiġu preżunti l-limiti massimi tal-karburant Jet A-1 skont l-Ispeċifikazzjoni Standard għall-Karburanti tat-Turbini tal-Avjazzjoni tal-ASTM:

(a) Kontenut aromatiku: Volum ta' 25 %;

(b) Kubrit: 0,3 % tal-massa;

(c) Naftalen: Volum ta' 3,0 %.

ANNESS IIIb

Identifikaturi konservattivi prestabbiliti tal-magna għal kull tip ta' inġenju tal-ajru

ICAO	L-ewwel UID
A148	13ZM003
A19N	01P22PW163
A20N	01P22PW163
A21N	01P20CM132
A306	1PW048
A30B	1GE007
A310	1PW027
A318	7CM049
A319	1IA001
A320	1IA001
A321	3IA008
A332	4PW067
A333	4PW067
A337	3RR029
A338	04P24RR146
A339	02P23RR141
A343	2CM015
A346	8RR045
A358	01P18RR125
A359	01P21RR125
A35K	01P21RR125
A388	9EA001
A3ST	1GE021
AN72	1ZM001
B38M	01P20CM138
B39M	01P20CM138
B463	1TL003
B701	1PW001
B703	1PW001
B721	1PW008
B731	01P20CM138
B732	1PW008
B733	1CM007
B734	1CM007
B735	1CM007
B736	3CM031

B737	2CM015
B738	2CM015
B739	3CM034
B741	8PW088
B742	1RR011
B743	1PW029
B744	1RR010
B748	13GE157
B74S	8PW088
B752	1RR011
B753	3RR034
B762	1PW026
B763	5GE085
B764	5GE085
B772	3GE060
B773	2RR024
B77L	01P21GE217
B77W	01P21GE217
B778	01P21GE217
B779	01P21GE217
B788	02P23RR138
B789	02P23RR138
B78X	02P23RR138
BCS1	16PW111
BCS3	16PW111
C550	1PW037
C560	1PW037
C650	1AS002
C680	7PW077
C68A	7PW077
C700	01P18HN013
C750	6AL024
CL30	11HN003
CL35	01P14HN011
CL60	10GE130
CRJ2	01P05GE189
CRJ7	01P11GE202
CRJ9	01P08GE190
CRJX	01P08GE193
E135	01P10AL033

E145	6AL006
E170	01P08GE197
E190	10GE130
E195	10GE130
E290	04P20PW200
E295	04P20PW201
E35L	6AL006
E545	11HN003
E550	01P14HN016
E55P	01P14HN016
E75L	01P08GE197
E75S	01P08GE197
F100	1RR020
F2TH	01P07PW146
F900	1AS001
FA10	1AS002
FA50	1AS002
FA7X	03P16PW192
FA8X	03P15PW193
G280	01P11HN012
GA5C	01P22PW142
GA6C	01P22PW141
GALX	7PW077
GL5T	4BR004
GL7T	21GE185
GLEX	4BR004
GLF4	11RR048
GLF5	4BR004
GLF6	4BR004
H25B	1AS001
H25C	7PW077
HA4T	01P07PW146
IL62	1KK001
IL86	1KK003
LJ35	1AS001
LJ45	1AS002
LJ55	1AS002

MD11	5GE085
MD90	1IA001
RJ85	1TL004
SU95	01P11PJ004
T154	1KK001”;

(52) L-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(a) It-titolu tat-Taqsima 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“RAFFINAR TAŻ-ŻEJT KIF ELENKAT FL-ANNESS I TAD-DIRETTIVA 2003/87/KE”;

(b) It-Taqsima 5 hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu tat-Taqsima 5 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“PRODUZZJONI TAL-ĦADID U TAL-AZZAR KIF ELENKAT FL-ANNESS I TAD-DIRETTIVA 2003/87/KE”;

(2) fit-Taqsima 5, il-punt (B), l-ewwel paragrafu, it-terminu “ħadid mhux maħdum” huwa sostitwit b’“ħadid”;

(c) fit-Taqsima 6, il-punt (A), l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-operatur ma għandux japplika d-dispożizzjonijiet f’din it-taqsima għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet ta’ CO_2 mill-produzzjoni tal-ħadid u mill-azzar u l-aluminju primarju.”;

(d) It-Taqsima 7 hija emendata kif ġej:

(i) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“EMISSJONIJIET TA’ CO_2 MILL-PRODUZZJONI JEW L-IPPROĊESSAR TA’ ALUMINJU PRIMARJU JEW ALUMINA KIF ELENKATI FL-ANNESS I TAD-DIRETTIVA 2003/87/KE”;

(ii) fil-Punt (A), l-ewwel u t-tieni paragrafi huma sostitwiti b’dan li ġej:

“L-operatur għandu japplika d-dispożizzjonijiet ta’ din it-taqsima għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-produzzjoni tal-alumina (Al_2O_3), il-produzzjoni ta’ elettrodi għat-tidwib tal-aluminju primarju, inklużi l-impjanti awtonomi għall-produzzjoni ta’ elettrodi bħal dawn, u l-konsum tal-elettrodi matul l-elettroliżi.

L-operatur għandu jikkunsidra mill-inqas is-sorsi potenzjali li ġejjin għal emissjonijiet ta’ CO_2: il-karburanti għall-produzzjoni ta’ sħana jew fwar, il-produzzjoni ta’ Al_2O_3, il-produzzjoni tal-elettrodi, ir-riduzzjoni ta’ Al_2O_3 waqt l-elettroliżi relatata mal-konsum tal-elettrodi, u l-użu ta’ rmied tas-soda jew karbonati oħra għat-tisfija mill-impuritajiet tal-gass ta’ skart.”;

(e) fit-Taqsima 10, il-punt (A), it-tieni paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Fejn il-ġir maħruq u s-CO_2 li joriġina mill-ġebla tal-ġir jintuża għall-proċessi ta’ purifikazzjoni, is-CO_2 għandu jitqies bħala rilaxxat, sakemm is-CO_2 ma jkunx marbut fi prodott li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 49a(1) ta’ dan ir-Regolament.”;

(f) fit-Taqsima 17, il-punt (B), it-tieni paragrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Fejn CO_2 mill-produzzjoni tal-ammonja jintuża bħala materja prima għall-produzzjoni tal-urea jew sustanzi kimiċi oħra, jew jiġi ttrasferit barra mill-installazzjoni għal kwalunkwe użu mhux kopert bl-Artikolu 49(1) ta’ dan ir-Regolament, l-ammont relatat ta’ CO_2 għandu jiġi kkunsidrat bħala rilaxxat mill-installazzjoni li tipproduċi s-CO_2, sakemm is-CO_2 ma jkunx marbut fi prodott li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 49a(1) ta’ dan ir-Regolament.”;

(g) It-Taqsima 20 hija emendata kif ġej:

(i) fil-Punt (A), il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) materja prima, inkluż gass tal-ivventjar mill-kalċinazzjoni tal-ġebla tal-ġir;

(c) gassijiet ta' skart minn ħasil jew passi ta' filtrazzjoni wara l-karbonazzjoni.";

(ii) il-punt (B) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B. **Regoli speċifiċi ta' monitoraġġ**

L-emissjonijiet mill-proċessi ta' kombustjoni, inkluż it-tisfija mill-impuritajiet tal-gass mit-tromba ta' ċumnija għandhom jiġu mmonitorjati skont it-Taqsima 1 ta' dan l-Anness. L-emissjonijiet tal-proċess mill-komponenti tal-materja prima u l-addittivi għandhom jiġu mmonitorjati skont it-Taqsima 4 tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Is-CO_2 intermedjarju għall-produzzjoni tal-irmied tas-soda għandu jitqies bħala rilaxxat mill-installazzjoni li tipproduċi s-CO_2, sakemm is-CO_2 ma jkunx marbut fi prodott li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 49a(1) ta' dan ir-Regolament.";

(h) It-Taqsima 21 hija emendata kif ġej:

(i) fil-Punt (A), l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-qbid ta' CO_2 għandu jitwettaq jew minn installazzjoni dedikata li tirċievi CO_2 permezz ta' trasferiment minn installazzjoni waħda jew aktar, jew permezz tal-istess installazzjoni li tkun qiegħda twettaq l-attivitajiet li jipproduċu s-CO_2 maqbud taħt l-istess permess għal emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-partijiet kollha tal-installazzjoni relatati mal-qbid tas-CO_2, u t-trasferiment lejn infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 jew lejn sit għall-ħżin ġeoloġiku tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-CO_2, inkluża kwalunkwe faċilità anċillari konnessa funzjonalment, bħall-ħżin intermedju tas-CO_2, booster, likwefazzjoni, gassifikazzjoni, stazzjonijiet tal-purifikazzjoni jew ħiters, għandhom jiġu inklużi fil-permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għandu jkun hemm rendikont tagħhom fil-pjan ta' monitoraġġ assoċjat. F'każ li l-installazzjoni twettaq attivitajiet oħra koperti bid-Direttiva 2003/87/KE, l-emissjonijiet ta' dawk l-attivitajiet għandhom jiġu mmonitorjati f'konformità mat-taqsimiet rilevanti l-oħra ta' dan l-Anness.";

(ii) il-Punt (B) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B. **Kwantifikazzjoni ta' ammonti ta' CO_2 ittrasferiti u rilaxxati**

B.1. *Kwantifikazzjoni tal-livell ta' installazzjoni*

Kull operatur għandu jikkalkula l-emissjonijiet billi jqis l-emissjonijiet potenzjali ta' CO_2 mill-proċessi rilevanti kollha ta' emissjoni fl-installazzjoni, kif ukoll l-ammont ta' CO_2 maqbud u ttrasferit għall-infrastruttura tas-CO_2, bl-użu tal-formula li ġejja:

$$E_{\text{installazzjoni għall-qbid}} = T_{\text{input}} + E_{\text{mingħajr qbid}} - T_{\text{għall-ħżin}}$$

Fejn:

$E_{\text{installazzjoni għall-qbid}}$ = Emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-installazzjoni għall-qbid;

T_{input} = Ammont ta' CO_2 ittrasferit għall-installazzjoni tal-qbid, iddeterminat jew abbażi ta' fluss minn sors wieħed jew aktar bħal f'metodoloġija ta' bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 25 jew abbażi ta' metodoloġija bbażata fuq il-kejl f'konformità mal-Artikolu 40 sa 46 u l-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament.

$E_{\text{mingħajr qbid}}$ = L-emissjonijiet tal-installazzjoni jekk is-CO_2 ma jinqabadx, jiġifieri s-somma tal-emissjonijiet mill-attivitajiet l-oħra kollha fl-installazzjoni, immonitorjati f'konformità mat-taqsimiet rilevanti tal-Anness IV, inkluż il-Metodu B fit-Taqsima 22 tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament għal kwalunkwe faċilità anċillari konnessa funzjonalment;

$T_{għall-ħżin}$ = L-ammont ta' CO_2 ittrasferit lejn infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 jew sit tal-ħżin, iddeterminat jew abbażi ta' fluss minn sors wieħed jew aktar bħal f'metodoloġija tal-bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 25 jew abbażi ta' metodoloġija bbażata fuq il-kejl f'konformità mal-Artikolu 40 sa 46 u l-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament.

F'każijiet fejn il-qbid tas-CO_2 jitwettaq mill-istess installazzjoni li minnha jkun oriġina s-CO_2 maqbud, l-operatur għandu juża żero għat-T_{input}.

F'każijiet ta' installazzjonijiet għall-qbid awtonomi, l-operaturi ta' dawn l-installazzjonijiet għandhom jikkunsidraw dan li ġej:

(a) l-operatur għandu jikkunsidra $E_{minghajr\ qbid}$ biex jirrappreżenta l-ammont ta' emissjonijiet li jseħħu minn sorsi oħrajn minbarra s-CO_2 trasferit fl-installazzjoni għall-qbid. L-operatur għandu jiddetermina dawk l-emissjonijiet f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(b) b'deroga mill-metodoloġija ta' monitoraġġ deskritta f'din it-taqsima, l-operatur jista' jimmonitorja l-emissjonijiet tal-installazzjoni billi juża l-Metodu B kif deskritt fit-Taqsima 22 tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Fil-każ ta' installazzjonijiet għall-qbid awtonomi, l-operatur tal-installazzjoni li tkun qiegħda tittrasferixxi CO_2 għall-installazzjoni għall-qbid għandu jnaqqas l-ammont T_{input} mill-emissjonijiet tal-installazzjoni tiegħu abbażi ta' fluss minn sors wieħed jew aktar bħal f'metodoloġija ta' bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 25 jew abbażi ta' metodoloġija bbażata fuq il-kejl f'konformità mal-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament.

B.2. *Determinazzjoni tas-CO_2 ittrasferit*

Kull operatur għandu jiddetermina l-ammont ta' CO_2 ittrasferit minn u lejn l-installazzjoni għall-qbid ibbażata jew bħala fluss minn sors wieħed jew aktar bħal f'metodoloġija ta' bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 25 jew abbażi ta' metodoloġija bbażata fuq il-kejl f'konformità mal-Artikoli 40 sa 46 u l-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament.";

(i) it-Taqsima 22 hija sostitwita b'dan li ġej:

"22. DETERMINAZZJONI TAL-EMISSJONIJIET TAL-GASSIJIET SERRA MIT-TRASPORT TAS-CO_2 GĦALL-ĦŻIN ĠEOLOĠIKU F'SIT TAL-ĦŻIN PERMESS SKONT ID-DIRETTIVA 2009/31/KE

A. **Kamp ta' Applikazzjoni**

Il-konfini għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet mit-trasport tas-CO_2 għandhom jiġu stabbiliti fil-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-infrastruttura tat-trasport tas-CO_2, inklużi l-impjanti anċillari kollha li jkunu konnessi b'mod funzjonali mal-infrastruttura tat-trasport, bħall-ħżin intermedju tas-CO_2, il-booster, il-likwefazzjoni, il-gassifikazzjoni, l-istazzjonijiet tal-purifikazzjoni jew il-ħiters. Kull infrastruttura tat-trasport għandu jkollha minimu ta' punt tal-bidu wieħed u punt tat-tmiem wieħed, kull waħda konnessa ma' installazzjonijiet jew ma' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 oħra li jwettqu waħda jew aktar mill-attivitajiet: qbid, trasport jew ħżin ġeoloġiku ta' CO_2. Il-punti tal-bidu u tat-tmiem jistgħu jiġu stabbiliti fil-biforkazzjonijiet tal-infrastruttura tat-trasport u fil-konfini tranżnazzjonali. Il-punti tal-bidu u tat-tmiem kif ukoll l-installazzjonijiet jew l-infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 li jkunu konnessi magħhom, għandhom jiġu stabbiliti fil-permess għal emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Kull operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għandu jikkunsidra mill-inqas is-sorsi potenzjali ta' emissjonijiet li ġejjin għall-emissjonijiet ta' CO_2: kombustjoni u proċessi oħra f'installazzjonijiet funzjonalment konnessi mal-infrastruttura tat-trasport inklużi stazzjonijiet booster u stazzjonijiet tal-likwefazzjoni; l-unitajiet tal-kombustjoni, inklużi l-unitajiet tal-kombustjoni interna fil-vetturi tat-trasport tas-CO_2, sal-punt li l-emissjonijiet ma jkunux soġġetti għal obbligi ta' ċediment relatati mal-attivitajiet elenkati fl-Annessi I jew III tad-Direttiva 2003/87/KE f'dik l-istess sena ta' rapportar; emissjonijiet li jaħarbu mill-infrastruttura tat-trasport; emissjonijiet ivventjati mill-infrastruttura tat-trasport; u l-emissjonijiet minn inċidenti ta' tnixxija fl-infrastruttura tat-trasport.

Is-CO_2 ittrasportat għal skopijiet oħra għajr għall-ħżin ġeoloġiku f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE ma għandux ikun parti mill-konfini għall-monitoraġġ u għar-rapportar tal-emissjonijiet mill-infrastruttura tat-trasport tas-CO_2. F'każijiet fejn l-istess infrastruttura tintuża għat-trasport tas-CO_2 għal skopijiet multipli, inkluż għall-ħżin ġeoloġiku f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE, b'mod li ma tkunx tista' ssir distinzjoni bejn il-konsenji differenti, l-operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għandu jindika dan fil-permess għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jistabbilixxi metodu għar-reġistrazzjoni u d-dokumentazzjoni tal-volumi ta' CO_2 ittrasportati għal finijiet oħra għall-ħżin ġeoloġiku f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE. L-operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għandu jimmonitorja l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-volum totali ta' CO_2 ittrasportat iżda għandu jirrapporta kif rilaxxat is-sehem tal-emissjonijiet li jikkorrispondi għall-volum ta' CO_2 ittrasportat għall-ħżin ġeoloġiku f'sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE diviż bil-volum totali ta' CO_2 ittrasportat.

B. **Metodoloġiji ta' Kwantifikazzjoni għas-CO_2**

L-operatur tal-infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għandu jiddetermina l-emissjonijiet bl-użu ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:

(a) Metodu A (bilanċ tal-massa ġenerali tal-flussi kollha tal-input u tal-produzzjoni) stabbilit fis-subtaqsima B.1;

(b) Metodu B (monitoraġġ tas-sorsi tal-emissjonijiet individwalment) stabbilit fis-subtaqsima B.2.

L-operatur għandu japplika l-Metodu B sakemm l-operatur ma jkunx jista' juri lill-awtorità kompetenti li l-applikazzjoni tal-Metodu A se twassal għal riżultati aktar affidabbli b'inqas inċertezza tal-emissjonijiet ġenerali, bl-użu tal-aqwa teknoloġija u għarfien disponibbli fil-ħin tal-applikazzjoni għall-permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, mingħajr ma twassal għal kostijiet irraġonevoli. Fejn jiġi applikat il-Metodu B, kull operatur għandu juri għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-inċertezza ġenerali għal-livell annwali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-infrastruttura tat-trasport tal-operatur ma taqbiżx is–7,5 %.

L-operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 li juża l-Metodu B ma għandux iżid is-CO_2 riċevut minn installazzjoni oħra jew minn infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 permessa f'konformità mad-Direttiva 2003/87/KE mal-livell ikkalkulat tal-emissjonijiet tiegħu, u ma għandux inaqqas mil-livell ikkalkulat ta' emissjonijiet tiegħu kwalunkwe CO_2 ittrasferit għal installazzjoni oħra jew infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 permessa f'konformità mad-Direttiva 2003/87/KE.

Kull operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għandu juża l-Metodu A għall-validazzjoni tar-riżultati tal-Metodu B mill-inqas darba fis-sena. Għal dik il-validazzjoni, l-operatur jista' juża livelli iżjed baxxi għall-applikazzjoni tal-Metodu A.

B.1. **Metodu A**

Kull operatur għandu jiddetermina l-emissjonijiet skont il-formula li ġejja:

$$\text{Emissjonijiet } [t\ CO_2] = E_{\text{infrastruttura tat-trasport}} + \sum iT_{IN,i} - \sum iT_{OUT,i} - \Delta E_{\text{fi tranżitu}}$$

Fejn:

Emissjonijiet =	Emissjonijiet totali ta' CO_2 tal-infrastruttura tat-trasport [t CO_2];
$E_{\text{infrastruttura tat-trasport}}$ =	L-ammont ta' CO_2 [t CO_2] mill-attività tal-infrastruttura tat-trasport stess, jiġifieri mhux emissjonijiet li joriġinaw mis-CO_2 ittrasportat, iżda li jiġu rilaxxati minn proċessi ta' kombustjoni jew proċessi oħra konnessi b'mod funzjonali mal-infrastruttura tat-trasport, immonitorjati skont it-taqsimiet rilevanti tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

$T_{IN,i}$ = L-ammont ta' CO_2 ittrasferit għall-infrastruttura tat-trasport fil-punt tad-dħul i, iddeterminat jew abbażi ta' fluss minn sors wieħed jew aktar bħal f'metodoloġija tal-bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 25 jew abbażi ta' metodoloġija bbażata fuq il-kejl f'konformità mal-Artikoli 40 sa 46 u l-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament.

$T_{OUT,i}$ = L-ammont ta' CO_2 ittrasferit mill-infrastruttura tat-trasport fil-punt ta' ħruġ i, iddeterminat jew abbażi ta' fluss minn sors wieħed jew aktar bħal f'metodoloġija tal-bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 25 jew abbażi ta' metodoloġija bbażata fuq il-kejl f'konformità mal-Artikoli 40 sa 46 u l-Artikolu 49 ta' dan ir-Regolament.

$\Delta E_{fi\ tranżitu}$ = L-ammont ta' CO_2 ittrasferit għall-infrastruttura tat-trasport fil-punt tad-dħul i, li ma jiġix ittrasferit lejn installazzjoni oħra jew infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 fl-istess perjodu ta' rapportar iżda sal-iskadenza indikata fl-Artikolu 49(7) ta' dan ir-Regolament fis-sena ta' wara l-perjodu ta' rapportar. L-ammonti korrispondenti ma għandhomx jitqiesu għal $T_{OUT,i}$ għall-perjodu ta' rapportar sussegwenti.

B.2. **Metodu B**

Kull operatur għandu jiddetermina l-emissjonijiet billi jikkunsidra l-proċessi kollha rilevanti ta' emissjoni fl-installazzjoni kif ukoll l-ammont ta' CO_2 maqbud u trasferit fl-infrastruttura tat-trasport, u bl-użu tal-formula li ġejja:

$$\text{Emissjonijiet } [t\ CO_2] = E_{\text{li jaħrab}} + E_{\text{ivventjat}} + E_{\text{avvenimenti ta' tnixxija}} + E_{\text{infrastruttura tat-trasport}}$$

Fejn:

Emissjonijiet = Emissjonijiet totali ta' CO_2 tal-infrastruttura tat-trasport [t CO_2];

$E_{\text{li jaħrab}}$ = L-ammont ta' emissjonijiet li jaħarbu [t CO_2] minn CO_2 ittrasportat fl-infrastruttura tat-trasport, inkluż minn siġilli, valvi, stazzjonijiet intermedji ta' kompressjoni u faċilitajiet ta' ħżin intermedji;

$E_{ivventjat}$ = L-ammont ta' emissjonijiet ivventjati [t CO_2] minn CO_2 ittrasportat fl-infrastruttura tat-trasport;

$E_{\text{avvenimenti ta' tnixxija}}$ = L-ammont ta' CO_2 [t CO_2] ittrasportat fl-infrastruttura tat-trasport, li jiġi rilaxxat bħala riżultat tal-ħsara ta' komponent wieħed jew aktar tal-infrastruttura tat-trasport;

$E_{\text{infrastruttura tat-trasport}}$ = L-ammont ta' CO_2 [t CO_2] mill-attività tal-infrastruttura tat-trasport stess, jiġifieri mhux emissjonijiet li jirriżultaw mis-CO_2 ittrasportat, iżda li jiġu rilaxxati minn proċessi ta' kombustjoni jew proċessi oħra konnessi b'mod funzjonali mal-infrastruttura tat-trasport, immonitorjati skont it-taqsimiet rilevanti tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

B.2.1. *Emissjonijiet li jaħarbu mill-infrastruttura tat-trasport*

L-operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għandu jikkunsidra l-emissjonijiet li jaħarbu minn tal-inqas kwalunkwe wieħed mit-tipi ta' tagħmir li ġejjin:

(a) siġilli;

(b) strumenti tal-kejl;

(c) valvoli;

(d) stazzjonijiet intermedji ta' kompressjoni;

(e) faċilitajiet intermedji ta' ħżin inklużi dawk immuntati fuq vetturi tat-trasport tas-CO_2.

L-operatur għandu jiddetermina r-rati medji tal-emissjonijiet *ER* (espressi f'g CO_2/unità ta' ħin) għal kull biċċa tagħmir għal kull okkorrenza fejn jista' jiġi mistenni li jseħħu emissjonijiet li jaħarbu fil-bidu tal-operat, u l-aktar tard sal-aħħar tal-ewwel sena ta' rapportar li fiha l-infrastruttura tat-trasport tkun qiegħda topera. L-operatur għandu jirrieżamina dawk ir-rati mill-inqas kull 5 snin fid-dawl tal-aqwa tekniki u għarfien.

L-operatur għandu jikkalkula l-emissjonijet li jaħarbu billi jimmultiplika l-għadd ta' bċejjeċ ta' tagħmir f'kull kategorija bir-rata ta' emissjonijiet u jgħodd ir-riżultati għall-kategoriji singoli kif muri fl-ekwazzjoni li ġejja:

$$Fugitive\ Em\ [tCO_2] = \left(\Sigma_{Category}\ ER\ [gCO_2/occurr] \bullet N_{Occur}\right)/10^6$$

L-għadd ta' okkorrenzi (N_{occurr}) għandu jkun l-għadd ta' biċċiet tat-tagħmir speċifiku għal kull kategorija, immultiplikat bl-għadd ta' unitajiet ta' ħin fis-sena.

B.2.2. *Emissjonijiet minn avvenimenti ta' tnixxija*

L-operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għandu jipprovdi evidenza tal-integrità tas-sistema billi juża *data* rappreżentattiva (relatata mal-ispazju u ż-żmien) dwar it-temperatura u l-pressjoni. Fejn id-*data* tindika li tkun seħħet tnixxija, l-operatur għandu jikkalkula l-ammont ta' CO_2 li jkun ħareġ b'metodoloġija adattata ddokumentata fil-pjan ta' monitoraġġ, ibbażata fuq linji gwida tal-aqwa prattiki tal-industrija, inkluż bl-użu tad-differenzi fid-*data* tat-temperatura u l-pressjoni mqabbla ma' valuri medji tal-pressjoni u t-temperatura relatati mal-integrità.

B.2.3. *Emissjonijiet ivventjati*

Kull operatur ta' infrastruttura tat-trasport tas-CO_2 għandu jipprovdi fil-pjan ta' monitoraġġ analiżi dwar is-sitwazzjonijiet potenzjali ta' vventjar ta' emissjonijiet, inkluż għal raġunijiet ta' manutenzjoni jew emerġenza, u jipprovdi metodoloġija adattata ddokumentata sabiex jikkalkula l-ammont ta' CO_2 ivventjat, abbażi tal-linji gwida dwar l-aħjar prattiki tal-industrija.";

(j) it-Taqsima 23 hija emendata kif ġej:

(i) fil-Punt (A), l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti għandha tibbaża l-limiti għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet mill-ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 fuq id-delimitazzjoni tal-post tal-ħżin u l-kumpless tal-ħżin kif speċifikat fil-permess skont id-Direttiva 2009/31/KE, kif ukoll il-faċilitajiet anċillari kollha funzjonalment konnessi mal-kumpless tal-ħżin, bħall-ħżin intermedju tas-CO_2, il-booster, il-likwefazzjoni, il-gassifikazzjoni, l-istazzjonijiet tal-purifikazzjoni jew il-ħiters. Meta jiġu identifikati tnixxijiet mill-kumpless tal-ħżin u dawn iwasslu għal emissjonijiet jew rilaxx tas-CO_2 fil-kolonna tal-ilma, l-operatur għandu jwettaq minnufih dan kollu li ġej:

(a) jinnotifika lill-awtorità kompetenti;

(b) jinkludi t-tnixxija bħala fluss minn sors jew sors ta' emissjoni għall-installazzjoni rispettiva;

(c) jimmonitorja u jirrapporta l-emissjonijiet."

(ii) fil-Punt (B), l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-operatur tal-attività ta' ħżin ġeoloġiku ma għandux iżid is-CO_2 riċevut minn installazzjoni oħra mal-livell ikkalkulat ta' emissjonijiet tiegħu, u mil-livell ikkalkulat ta' emissjonijiet tiegħu ma għandu jnaqqas l-ebda CO_2 li jkun maħżun b'mod ġeoloġiku fil-post tal-ħżin jew li jiġi ttrasferit lejn installazzjoni oħra. L-operatur għandu jimmonitorja l-emissjonijiet minn kwalunkwe faċilità anċillari konnessa b'mod funzjonali mal-kumpless tal-ħżin f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 22 tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.";

(iii) il-Punt (B1), it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kull operatur għandu jiddetermina l-V CO_2 bħala fluss minn sors wieħed jew aktar bħal f'metodoloġija ta' bilanċ tal-massa f'konformità mal-Artikolu 25 jew billi juża metodoloġija bbażata fuq il-kejl f'konformità mal-Artikoli 41 sa 46 ta' dan ir-Regolament. B'deroga mill-ewwel sentenza u mal-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti, l-operatur jista' jinkludi fil-pjan ta' monitoraġġ metodoloġija xierqa għad-determinazzjoni tal-V CO_2 abbażi tal-aħjar prattiki tal-industrija, fejn l-applikazzjoni ta' metodoloġiji ta' monitoraġġ imsemmija fl-ewwel sentenza ikunu jistgħu jwasslu għal kostijiet irraġonevoli jew l-operatur ikun jista' juri li l-metodoloġija bbażata fuq l-aħjar prattiki tal-industrija tippermetti li l-ammonti jiġu ddeterminati b'mill-inqas l-istess preċiżjoni bħall-metodoloġiji bbażati fuq il-kejl.";

(iv) il-Punt (B2), l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kull operatur għandu jikkunsidra mill-inqas is-sorsi ta' emissjonijiet addizzjonali potenzjali li ġejjin mill-irkupru mtejjeb tal-idrokarburi (EHR):";

(53) l-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) it-Tabella 1 hija emendata kif ġej:

(i) it-tnax-il ringiela, l-intestatura "**Raffinerija ta' żejt minerali**" hija sostitwita b'dan li ġej:

"Raffinerija ta' żejt";

(ii) is-sebgħa u għoxrin ringiela, l-intestatura "**Produzzjoni ta' aluminju primarju**" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Produzzjoni ta' aluminju primarju jew ta' alumina**";

(iii) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin fl-aħħar tat-Tabella:

"Qbid, trasferiment u ħżin ġeoloġiku tas-CO_2 fis-sit tal-ħżin permess skont id-Direttiva 2009/31/KE						
Bilanċ tal-massa ta' CO_2 ittrasferit	2	m.a.	m.a.	2	m.a.	m.a.
L-ivventjar tas-CO_2, ir-rilokazzjoni u l-emissjonijiet li jaħarbu	2	m.a.	m.a.	2	m.a.	m.a."

(54) fit-Tabella tal-Anness VII, ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu wara t-tieni ringiela, l-intestatura "gass naturali":

"CO_2 ittrasferit	Mill-inqas darba fil-ġimgħa
Gass mit-tromba ta' ċumnija għall-iskop tal-Artikolu 43(4)	Kull 50 000 tunnellata ta' CO_2 totali, iżda mill-inqas darba fix-xahar"

(55) L-Anness IX huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima 2 hija emendata kif ġej:

(i) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Elementi speċifiċi għal installazzjonijiet stazzjonarji**:"

(ii) fil-punt (6), is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għall-produzzjoni tal-aluminju primarju jew tal-alumina, l-elementi addizzjonali li ġejjin:";

(iii) fil-punt (7), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) *data* ta' pressjonijiet u temperaturi aggregata b'mod rappreżentattiv minn infrastruttura tat-trasport";

(iv) jiddaħħal il-punt (8) li ġej:

"(8) Għal CO_2 marbut kimikament b'mod permanenti, fejn applikabbli, l-elementi addizzjonali li ġejjin:

(a) dokumentazzjoni tal-ammont ta' CO_2 marbut kimikament b'mod permanenti;

(b) it-tipi ta' prodotti li s-CO_2 kien marbut kimikament magħhom, l-ammonti tagħhom prodotti u l-użi rispettivi tal-prodotti.";

(b) it-Taqsima 3 hija emendata kif ġej:

(i) il-punt (4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Għall-finijiet tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet, id-dokumentazzjoni dwar il-metodoloġija għal-lakuni fid-*data* fejn applikabbli, l-għadd ta' titjiriet fejn seħħew lakuni fid-*data*, id-*data* użata biex jingħalqu l-lakuni fid-*data*, fejn seħħew, u, fejn l-għadd ta' titjiriet b'lakuni fid-*data* qabeż il-5 % tat-titjiriet li ġew irrapportati, ir-raġunijiet għal-lakuni fid-*data* kif ukoll id-dokumentazzjoni tal-azzjonijiet rimedjali meħuda;";

(ii) jiddaħħlu l-punti (5) u (6) li ġejjin:

"(5) Għall-iskop tal-monitoraġġ u r-rapportar tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, id-*data* kollha mmonitorjata mill-operatur ta' inġenju tal-ajru skont l-Artikolu 56b(2) ta' dan ir-Regolament, fejn tali *data* tintuża għall-kalkolu tas-CO_2(e) għal kull titjira f'konformità mal-metodu msemmi fl-Artikolu 56a ta' dan ir-Regolament;

(6) Għall-fini tal-monitoraġġ tal-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2 u meta l-operatur ta' inġenju tal-ajru ma jużax in-NEATS, l-għadd ta' titjiriet fejn seħħew lakuni fid-*data* u l-valuri prestabbiliti xierqa użati tal-Anness IIIa, it-Taqsima 5 u l-Anness IIIb ta' dan ir-Regolament biex jingħalqu l-lakuni fid-*data*.";

(56) l-Anness X huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(i) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Rapporti dwar l-emissjonijiet annwali ta' installazzjonijiet stazzjonarji**";

(ii) fil-punt (6), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-emissjonijiet totali espressi bħala t CO_2(e), inkluż is-CO_2 minn flussi minn sorsi ta' bijomassa li ma jikkonformawx mal-Artikolu 38(5) ta' dan ir-Regolament, jew minn flussi minn sorsi RFNBO jew RCF li ma jikkonformawx mal-Artikolu 39a(3) ta' dan ir-Regolament, jew minn flussi minn sorsi ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju li ma jikkonformawx mal-Artikolu 39a(4) ta' dan ir-Regolament;";

(iii) fil-punt (6), il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) fatturi ta' emissjoni, espressi f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 36(2) ta' dan ir-Regolament; frazzjoni tal-bijomassa; frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF, frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero, frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju, frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero, fatturi ta' ossidazzjoni u ta' konverżjoni, espressi bħala frazzjonijiet mingħajr dimensjoni;";

(iv) il-punt (7) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(7) Fejn tiġi applikata metodoloġija ta' bilanċ tal-massa, il-fluss tal-massa, u l-kontenut ta' karbonju għal kull fluss minn sors li jidħol u joħroġ mill-installazzjoni; frazzjoni tal-bijomassa, frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF, frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero, frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju, frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero, u valur kalorifiku nett, fejn rilevanti;";

(v) fil-punt (8), il-punti (a), (b), (c), (d) u (e) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) ammonti ta' bijomassa u ta' bijomassa bi klassifikazzjoni żero maħruqa jew ammonti ta' RFNBO jew RCF u ta' RFNBO jew RCF bi klassifikazzjoni żero maħruqa, jew ammonti ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju u ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero, espressi f'TJ, jew użati fi proċessi, espressi f't jew Nm^3;

(b) emissjonijiet ta' CO_2 mill-bijomassa u minn bijomassa bi klassifikazzjoni żero jew emissjonijiet minn RFNBO jew RCF u minn RFNBO jew RCF bi klassifikazzjoni żero, jew emissjonijiet minn karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju u ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero espressi f't CO_2, fejn tintuża metodoloġija bbażata fuq il-kejl biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet;

(c) indikatur għall-valur kalorifiku nett tal-bijomassa jew RFNBO jew RCF jew flussi minn sorsi ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju użati bħala karburant, fejn rilevanti;

(d) emissjonijiet, ammonti u kontenut tal-enerġija tal-karburanti tal-bijomassa u tal-bijolikwidi maħruqa jew RFNBO jew RCF maħruqa, jew karburanti sintetiċi b'livell baxx tal-karbonju maħruqa espressi f't u TJ, u informazzjoni li l-karburanti tal-bijomassa u l-bijolikwidi bi klassifikazzjoni żero jew RFNBO jew RCF jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju jikkonformaw mal-Artikolu 38(5) jew l-Artikolu 39a(3) jew l-Artikolu 39a(4) ta' dan ir-Regolament;

(e) CO_2 jew N2O ttrasferit lejn installazzjoni jew riċevut minn installazzjoni u kwalunkwe CO_2 fi tranżitu, fejn japplika l-Artikolu 49 jew 50 ta' dan ir-Regolament, espress f't CO_2(e);";

(vi) fil-punt (8), jiddaħħlu l-punti (i) u (j):

"(i) l-ammont ta' CO_2 marbut kimikament fil-prodott f'konformità mal-Artikolu 49a(1) ta' dan ir-Regolament, espress f't CO_2;

(j) it-tipi u l-ammonti ta' prodotti prodotti li fihom is-CO_2 kien marbut kimikament f'konformità mal-Artikolu 49a(1) ta' dan ir-Regolament, espressi f't tal-prodott;";

(vii) fil-punt (9), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fejn applikabbli, indikatur għall-kontenut tal-enerġija mill-karburanti u l-materjali fossili u mill-bijomassa użata bħala karburanti u materjali kif ukoll minn RFNBO jew RCF jew karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju.";

(b) it-Taqsima 2 hija emendata kif ġej:

(i) il-punti (8) u (9), huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(8) Massa ta' karburant pur (f'tunnellati) għal kull tip ta' karburant għal kull par ta' Stati, inkluża informazzjoni dwar dan kollu li ġej:

(a) Jekk il-karburant tal-avjazzjoni alternattiv għandux klassifikazzjoni bi klassifikazzjoni żero f'konformità mal-Artikolu 54c ta' dan ir-Regolament;

(b) Jekk il-karburant huwiex karburant tal-avjazzjoni eliġibbli;

(c) Għal karburanti tal-avjazzjoni eliġibbli, it-tip ta' karburant kif definit fl-Artikolu 3c(6) tad-Direttiva 2003/87/KE;

(9) L-emissjonijiet totali ta' CO_2 f'tunnellati ta' CO_2 bl-użu tal-fattur ta' emissjoni preliminari kif ukoll il-fattur ta' emissjoni diżaggregat mill-Istat Membru tat-tluq u tal-wasla;";

(ii) il-punt (12) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(12) Elementi ta' memo:

(a) l-ammont ta' karburanti tal-avjazzjoni alternattivi użati matul is-sena ta' rapportar (f'tunnellati) elenkati għal kull tip ta' karburant, u jekk il-karburanti jikkonformawx mal-Artikolu 54c ta' dan ir-Regolament;

(b) il-valur kalorifiku nett tal-karburanti alternattivi;";

(iii) il-punt (13) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(13) Bħala anness għar-rapport annwali dwar l-emissjonijiet, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jinkludi l-emissjonijiet annwali u n-numri annwali ta' titjiriet għal kull par ta' ajrudromi. Jekk applikabbli, l-ammont ta' karburant tal-avjazzjoni alternattiv u karburant tal-avjazzjoni eliġibbli (f'tunnellati) għandu jiġi indikat għal kull par ta' ajrudromi. Fuq talba tal-operatur l-awtorità kompetenti għandha tittratta dik l-informazzjoni bħala kunfidenzjali.";

(c) tiddaħħal it-Taqsima 2a:

"2a. RAPPORTI ANNWALI TAL-OPERATURI TA' INĠENJI TAL-AJRU DWAR L-EFFETTI TAL-AVJAZZJONI MHUX MARBUTA MAS-CO_2

Għall-effetti tal-avjazzjoni mhux marbuta mas-CO_2, ir-rapport separat kif imsemmi fl-Artikolu 68(5) ta' dan ir-Regolament għandu mill-inqas jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(1) *Data* li tidentifika l-operatur ta' inġenju tal-ajru, u s-sinjal tas-sejħa jew dežinjaturi uniċi oħra użati għal finijiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, kif ukoll dettalji ta' kuntatt rilevanti;

(2) Isem u indirizz tal-verifikatur tar-rapport;

(3) Is-sena ta' rapportar;

(4) Referenza għal u n-numru tal-verżjoni tal-aħħar pjan ta' monitoraġġ approvat u d-data li minnha huwa applikabbli, ir-referenza għal u n-numru tal-verżjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ oħrajn rilevanti għas-sena ta' rapportar;

(5) Tibdil rilevanti fl-operat u devjazzjonijiet mill-pjan ta' monitoraġġ approvat matul il-perjodu ta' rapportar;

(6) In-numri ta' reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru u t-tipi ta' inġenji tal-ajru użati fil-perjodu kopert mir-rapport għat-twettiq tal-attivitajiet ta' avjazzjoni koperti bl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE mwettqa mill-operatur ta' inġenju tal-ajru;

(7) L-għadd totali ta' titjiriet għal kull par ta' Stati koperti mir-rapport;

(8) Is-somma ta' CO_2(e) tat-titjiriet immonitorjati tal-operatur ta' inġenju tal-ajru għal kull par ta' ajrudromi, espressa fil-metrika klimatika prevista fl-Artikolu 56a(2) ta' dan ir-Regolament.

(9) It-tabella XML li jkun fiha għal kull titjira u kif definit fit-Taqsima 1 tal-Anness IIIa ta' dan ir-Regolament, informazzjoni dwar it-titjira, it-tip ta' inġenju tal-ajru, l-identifikatur tal-magna u CO_2(e), espressi fil-metrika klimatika prevista fl-Artikolu 56a(2) ta' dan ir-Rgolament;

(10) Jekk l-operatur ta' inġenju tal-ajru ma jkunx qed juża n-NEATS biex jikkalkula s-CO_2(e), iżda l-għodod tal-IT tiegħu stess jew ta' partijiet terzi kif imsemmi fl-Artikolu 56a(7)(b) ta' dan ir-Regolament, deskrizzjoni ta' kif tiġi applikata l-effikaċja f'dawk l-għodod, f'konformità ma' dan ir-Regolament u n-NEATS, biex jirfina l-GWP. Jekk l-effikaċja ma ġietx applikata fl-għodod, l-operatur ta' inġenju tal-ajru għandu jipprovdi deskrizzjoni li tispjega r-raġunijiet għaliex ma applikax l-effikaċja.";

(d) it-Taqsima 4 hija emendata kif ġej:

(i) il-punt (6) huwa emendat kif ġej:

— il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-emissjonijiet totali espressi bħala t CO_2, inkluż is-CO_2 minn flussi ta' karburant tal-bijomassa li ma jikkonformawx mal-Artikolu 38(5) ta' dan ir-Regolament, jew minn flussi minn sorsi RFNBO jew RCF li ma jikkonformawx mal-Artikolu 39a(3) ta' dan ir-Regolament, jew minn flussi minn sorsi ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju li ma jikkonformawx mal-Artikolu 39a(4) ta' dan ir-Regolament;";

— il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) il-fatturi ta' emissjoni, espressi f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 75f ta' dan ir-Regolament; frazzjoni tal-bijomassa, frazzjoni tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF, frazzjoni tal-RFNBO jew tal-RCF bi klassifikazzjoni żero, frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju, frazzjoni sintetika b'livell baxx ta' karbonju bi klassifikazzjoni żero espressi bħala frazzjonijiet mingħajr dimensjoni;";

(ii) fil-punt (7), il-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) indikatur għall-valur kalorifiku nett tal-bijomassa, RFNBO jew RCF jew flussi ta' karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju, fejn rilevanti;

(b) l-emissjonijiet, l-ammonti u l-kontenut tal-enerġija tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi, tal-karburanti tal-bijomassa, tal-RFNBOs u tal-RCFs, tal-karburanti sintetiċi b'livell baxx ta' karbonju rilaxxati għall-konsum, espressi f't u TJ, u l-informazzjoni dwar jekk jikkonformawx mal-Artikolu 38(5) jew 39a(3) jew 39a(4) ta' dan ir-Regolament;";

(57) fl-Anness Xa, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Flimkien mal-informazzjoni li tinsab fir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet skont l-Anness X ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jissottometti l-informazzjoni li ġejja għal kull karburant mixtri kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (af) tad-Direttiva 2003/87/KE:";

(58) fl-Anness Xb, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Flimkien mal-informazzjoni li tinsab fir-rapport annwali dwar l-emissjonijiet skont l-Anness X ta' dan ir-Regolament, l-entità regolata għandha tissottometti l-informazzjoni li ġejja għal kull karburant mixtri kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (af), tad-Direttiva 2003/87/KE:";

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Madankollu, l-Artikolu 1, il-punti (2)(m), (42) sa (46), (49), (57) u (58) għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2024.

L-Artikolu 1, il-punti (3), (5) sa (8), (9)(c), (21), (25) sa (27), (28)(a), (29), (35), (36), (38), (40), (41), (47)(a) (ii) u (iii), (47)(b)(i) l-ewwel u r-raba' sing, (47)(b)(iii), (48)(a)(ii), (51), (52)(d), (52)(e), (52)(f), (52)(g)(ii), (52)(h), (52)(i), (52)(j), (53), (55)(a)(ii), (55)(a)(iii), (55)(a)(iv), (55)(b)(ii), (56)(a)(vi), (56)(c) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN